

Il-Ġurnal Uffiċjali L 205

tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 64

11 ta' Ġunju 2021

Werrej

II Atti mhux leġiżlattivi

REGOLAMENTI

- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/937 tal-4 ta' Ġunju 2021 li japprova emenda fl-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott ta' Indikazzjoni Ġeografika ta' xarba spirituża rreġistrata [Hamburger Kümmel]** 1
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/938 tal-4 ta' Ġunju 2021 li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-Denominazzjonijiet ta' Oriġini Protetti u tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi Protetti [“Cerise des coteaux du Ventoux” (IĠP)]** 3
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/939 tal-10 ta' Ġunju 2021 li jimponi dazju anti-dumping provviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' monoetilenglikol li joriġina mill-Istati Uniti tal-Amerika u mir-Renju tal-Arabja Sawdija** 4
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/940 tal-10 ta' Ġunju 2021 li jimponi dazju anti-dumping provviżorju fuq l-importazzjonijiet tal-plywood tal-betula li joriġinaw mir-Russja** 47
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/941 tal-10 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi proċedura speċifika għall-identifikazzjoni ta' vetturi heavy-duty ċċertifikati bħala vetturi vokazzjonali iżda mhux irreġistrati bħala tali, u għall-applikazzjoni ta' korrezzjonijiet għall-medja tal-emissjonijiet tas-CO₂ speċifiċi annwali ta' manifattur biex jitqiesu dawk il-vetturi ⁽¹⁾** 77

DEĊIŻJONIJET

- ★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/942 tal-10 ta' Ġunju 2021 li tistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE fir-rigward tal-istabbiliment tal-lista ta' pajjiżi terzi li magħhom l-Unjoni kkonkludiet ftehim dwar l-assistenza reċiproka b'kamp ta' applikazzjoni simili għad-Direttiva tal-Kunsill 2010/24/UE u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 904/2010** 80

⁽¹⁾ Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/937

tal-4 ta' Ġunju 2021

li japprova emenda fl-Ispesifikazzjoni tal-Prodott ta' Indikazzjoni Ġeografika ta' xarba spirituża rreġistrata [Hamburger Kümmel]

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/787 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni u t-tikkettar ta' xorb spirituż, l-użu tal-ismijiet ta' xorb spirituż fil-preżentazzjoni u t-tikkettar ta' oġġetti tal-ikel oħra, il-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi ta' xorb spirituż, l-użu ta' alkoħol etiliku u distillati ta' oriġini agrikola f'xorb alkoħoliku, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 110/2008 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 30(2) tiegħu,

Billi:

- (1) F'konformità mal-Artikolu 21 u l-Artikolu 17(5) tar-Regolament (KE) Nru 110/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾, il-Kummissjoni eżaminat it-talba tal-Ġermanja tat-28 ta' Settembru 2017 biex tapprova emenda fil-formola ta' informazzjoni teknika tal-indikazzjoni ġeografika "Hamburger Kümmel", mogħtija skont ir-Regolament (KE) Nru 110/2008. Din l-emenda tinkludi bidla fl-isem "Hamburger Kümmel" għal "Hamburger Kümmel"/"Hamburg's Kümmel".
- (2) Ir-Regolament (KE) 2019/787 li jissostitwixxi r-Regolament (KE) Nru 110/2008 daħal fis-seħħ fil-25 ta' Mejju 2019. F'konformità mal-Artikolu 49(1) tar-Regolament imsemmi, il-Kapitolu III tar-Regolament (KE) Nru 110/2008 dwar l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi tħassar b'effett mit-8 ta' Ġunju 2019. Skont l-Artikolu 22(2) tar-Regolament (UE) 2019/787, il-formoli tal-informazzjoni teknika mressqa fil-kuntest ta' kull applikazzjoni qabel it-8 ta' Ġunju 2019 f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 110/2008 għandhom jitqiesu bħala Spesifikazzjonijiet tal-Prodotti.
- (3) Wara li ddeterminat li t-talba tikkonforma mar-Regolament (KE) Nru 110/2008, il-Kummissjoni ppubblikat l-applikazzjoni għall-emenda f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ⁽³⁾, skont l-Artikolu 17(6) tar-Regolament imsemmi, u f'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 50(4) tar-Regolament (UE) 2019/787.
- (4) Billi ma ġiet innotifikata ebda dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 27(1) tar-Regolament (UE) 2019/787, jenħtieġ li l-emenda fl-Ispesifikazzjoni tal-Prodott tiġi approvata skont l-Artikolu 30(2) ta' dak ir-Regolament, applikabbli *mutatis mutandis* fir-rigward tal-emendi fl-Ispesifikazzjoni tal-Prodott,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-emenda fl-Ispesifikazzjoni tal-Prodott rigward l-isem "Hamburger Kümmel", ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hija b'dan approvata.

⁽¹⁾ ĠU L 130, 17.5.2019, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 110/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2008 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, it-tikkettar, u l-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi ta' xorb spirituż u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1576/89 (ĠU L 39, 13.2.2008, p. 16).

⁽³⁾ ĠU C 46, 9.2.2021, p. 14.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Ġunju 2021.

Għall-Kummissjoni
Fisem il-President,
Janusz WOJCIECHOWSKI
Membri tal-Kummissjoni

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/938**tal-4 ta' Ġunju 2021****li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-Denominazzjonijiet ta' Oriġini Protetti u tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi Protetti ["Cerise des coteaux du Ventoux" (IĠP)]**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 52(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, l-applikazzjoni ta' Franza biex id-denominazzjoni "Cerise des coteaux du Ventoux" tiddaħħal fir-reġistru ġiet ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ⁽²⁾.
- (2) Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, u għalhekk jenħtieġ li d-denominazzjoni "Cerise des coteaux du Ventoux" tiġi rreġistrata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Id-denominazzjoni "Cerise des coteaux du Ventoux" (IĠP) hija rreġistrata.

Id-denominazzjoni msemmija fl-ewwel paragrafu tidentifika prodott tal-Klassi 1.6. Frott, ħaxix u ċereali, friski jew ipproċessati tal-Anness XI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 668/2014 ⁽³⁾.*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Ġunju 2021.

Għall-Kummissjoni
Fisem il-President,
Janusz WOJCIECHOWSKI
Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.

⁽²⁾ ĠU C 61, 22.2.2021, p. 27.

⁽³⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 668/2014 tat-13 ta' Ġunju 2014 li jstabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel (ĠU L 179, 19.6.2014, p. 36).

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/939**tal-10 ta' Ġunju 2021****li jimponi dazju anti-dumping provviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' monoetilenglikol li joriġina mill-Istati Uniti tal-Amerika u mir-Renju tal-Arabja Sawdija**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tiegħu,

Billi:

1. PROĊEDURA**1.1. Bidu**

- (1) Fl-14 ta' Ottubru 2020, il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") nediet investigazzjoni anti-dumping fir-rigward tal-importazzjonijiet tal-monoetilenglikol ("MEG") li joriġina mill-Istati Uniti tal-Amerika ("l-Istati Uniti") u mir-Renju tal-Arabja Sawdija ("il-pajjiżi kkonċernati") abbażi tal-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ("ir-Regolament bażiku"). Hija ppubblikat Notifika ta' Bidu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ⁽²⁾ ("in-Notifika ta' Bidu").
- (2) Il-Kummissjoni nediet l-investigazzjoni wara li tressaq ilment fil-31 ta' Awwissu 2020 mill-Kumitat għad-Difiża tal-Produtturi Ewropej tal-MEG ("l-ilmentatur"). L-ilment sar fisem l-industrija tal-Unjoni tal-MEG fis-sens tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament bażiku. L-ilment kien fih evidenza ta' dumping u tad-dannu materjali li jirriżulta, li kienet biżżejjed biex tiġġustifika l-bidu tal-investigazzjoni.
- (3) Skont l-Artikolu 14(5a) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni jenħtieġ li tirreġistra l-importazzjonijiet soġġetti għal investigazzjoni anti-dumping matul il-perjodu ta' qabel id-divulgazzjoni sakemm ma jkollhiex biżżejjed evidenza skont it-tifsira tal-Artikolu 5 li r-rekwiżiti taħt il-punt (c) jew dawk taħt il-punt (d) tal-Artikolu 10(4) ma ġewx issodisfati.
- (4) Fil-każ inkwistjoni, l-ilmentatur ma talabx reġistrazzjoni u l-Kummissjoni sabet li r-rekwiżiti taħt il-punt (d) ma ġewx issodisfati, peress li, minbarra l-livell ta' importazzjonijiet li kkawżaw dannu matul il-perjodu ta' investigazzjoni, wara dan kien hemm żieda sostanzjali oħra fl-importazzjonijiet. Skont id-*data* tal-Eurostat, il-volum medju fix-xahar tal-importazzjonijiet tal-MEG mill-pajjiżi kkonċernati fl-ewwel ħames xhur wara l-bidu tal-investigazzjoni (jiġifieri minn Novembru 2020 sa Marzu 2021) naqas bi 15 % meta mqabbel mal-volum medju fix-xahar tal-importazzjonijiet matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Individwalment fuq l-istess bażi, l-importazzjonijiet mill-Istati Uniti naqsu bi 30 % u l-importazzjonijiet mir-Renju tas-Sawdi Arabja naqsu b'4 %. Dan kien marbut mat-tfixkil temporanju (1) fil-kumpaniji tal-Istati Uniti kkawżat minn avvenimenti estremi tat-temp, u (2) fl-Unjoni minħabba tnaqqis fid-domanda minħabba l-COVID. Għalhekk, il-Kummissjoni ma rreġistratx importazzjonijiet matul il-perjodu ta' qabel id-divulgazzjoni.

1.2. Il-partijiet interessati

- (5) Fin-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati jagħmlu kuntatt magħha sabiex jipparteċipaw fl-investigazzjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għarrfet speċifikament lill-ilmentatur, lil produtturi magħrufa oħrajn tal-Unjoni, lill-produtturi esportaturi magħrufa, lill-awtoritajiet fil-pajjiżi kkonċernati, lil importaturi magħrufa, negozjanti u utenti, u stednithom biex jipparteċipaw.

⁽¹⁾ ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21.

⁽²⁾ In-Notifika ta' bidu ta' proċediment anti-dumping li jirrigwarda l-importazzjonijiet ta' monoetilenglikol li joriġina mill-Istati Uniti tal-Amerika u mir-Renju tal-Arabja Sawdija (ĠU C 342, 14.10.2020, p. 12).

- (6) Il-partijiet interessati kellhom opportunità jikkumentaw dwar it-tnedija tal-investigazzjoni u jitolbu seduta ta' smigħ mal-Kummissjoni u/jew mal-Uffiċjal tas-Smigħ fil-proċedimenti kummerċjali.
- (7) Saret seduta ta' smigħ ma' Saudi Basic Industries Corporation ("SABIC"), li ħadet sehem fis-seduta flimkien ma' Arabian Petrochemical Company ("Petrokemya"), Eastern Petrochemical Company ("SHARQ"), Jubail United Petrochemical Company ("United"), SABIC Italia S.r.l, SABIC Petrochemicals B.V., Saudi Kayan Petrochemical Company ("Saudi Kayan"), Saudi Yanbu Petrochemical Company ("Yanpet") u Yanbu National Petrochemical Company ("Yansab").
- (8) Saru wkoll seduti ma' Artec NV ("Artec"), il-grupp Indorama, Oxyde Belgium BV ("Oxyde"), Mitsubishi Corporation ("Mitsubishi"), il-Kumitat tal-Manifatturi tal-PET fl-Ewropa ("CPME") u HELM AG ("Helm").

1.3. Kummenti dwar il-bidu

- (9) Il-Kummissjoni rċeviet kummenti dwar il-bidu mingħand:
 - il-Missjoni tar-Renju tal-Arabja Sawdija,
 - l-ilmentatur,
 - ExxonMobil Petroleum & Chemical BV ('ExxonMobil'),
 - SABIC, li ssottomettiet il-kummenti tagħha flimkien ma' Petrokemya, SHARQ, United, SABIC Italia S.r.l, SABIC Petrochemicals B.V., Saudi Kayan, Yanpet u Yansab,
 - CPME,
 - il-European Man-Made Fiber Association ('CIRFS'),
 - Mitsubishi,
 - HELM,
 - Oxyde,
 - Proviron Industries nv ('Proviron'), u
 - Artec.

1.3.1. Kummenti dwar id-dumping

- (10) Fir-rigward tal-valutazzjoni tad-dumping, Mitsubishi sostniet li, minħabba li l-indiċijiet tal-prezzijiet għandhom rwol sinifikanti fil-mod kif jinbiegħ il-monoetilenglikol fl-Unjoni, il-Kummissjoni jenħtieġ li tinvestiga jekk l-allegat dumping jistax ikun attribwibbli għal politika kummerċjali konxja, iżda pjuttost jista' sempliċiment jiġi kkawżat mid-differenzi fix-xejriet fl-indiċijiet tal-Unjoni u dawk mhux tal-Unjoni maż-żmien. Il-prezzijiet tal-kuntratti jiġu miftiehma billi jiġu nnegożjati skontijiet kontra diversi indiċijiet u l-kuntratti huma tipikament ta' durata ta' sena jew sentejn. Il-produtturi li jiftehmu fuq il-prezzijiet f'kuntratt ta' sena jew ta' sentejn mhux se jkunu jafu jekk fl-aħħar mill-aħħar ikunx hemm differenza fil-prezz bejn il-kuntratti tagħhom tal-Unjoni u dawk mhux tal-Unjoni jekk mhux wara l-mument meta jiġi stabbilit il-kuntratt u l-prezzijiet jiġu ddeterminati u mħallsa.
- (11) L-ilmentatur wiegħeb li r-rwol tal-indikatur tal-prezzijiet tal-Unjoni implimentat huwa stmat iżżejjed u interpretat ħażin. Dan l-indiċi huwa l-indikazzjoni ta' prezz fl-Unjoni fi żmien partikolari, li huwa r-riżultat tal-ekwilibriju bejn il-provvista u d-domanda abbażi ta' diversi xerrejja u bejjiegħa. Il-produtturi tal-Unjoni li lmentaw, peress li huma fuq in-naħa tal-bejgħ biss, ma jistgħux jikkontrollaw jew jimmanipulaw dan l-indiċi.
- (12) L-ilmentatur wiegħeb billi fakkar li sejba ta' dumping hija tqabbil purament oġġettiv bejn il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni. Il-kunċett ta' intenzjoni huwa estranju għar-regoli biex jiġi ddeterminat id-dumping.
- (13) The analysis of the evidence provided by the complainants, in accordance with the principles of Article 2 of the Basic Regulation, has yielded the result that the complaint contained sufficient evidence of dumping in the EU market.

- (14) Partikolarment, l-ilmentatur ipprova biżżejjed evidenza dwar il-prezz tal-esportazzjoni u l-valur normali li turi li l-marġnijiet tad-dumping huma sinifikanti. Iċ-ċifri li fuqhom kien ibbażat il-valur normali kienu sostnuti minn biżżejjed evidenza kif ikkonfermat mill-analiżi tas-servizzi tal-Kummissjoni. L-aġġustamenti meħtieġa ġew ikkunsidrati fl-analiżi tal-Kummissjoni dwar id-dumping. Bħala konklużjoni, instab li, abbażi ta' tqabbil ġust tal-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni, il-marġinijiet tad-dumping kienu sinifikanti.
- (15) F'dan is-sens, il-Kummissjoni taqbel mal-ilmentatur li l-kwistjoni tal-intenzjoni ma għandhiex x'taqsam mal-analiżi statutorja li għadha kif ġiet deskritta.
- (16) Ir-Renju tal-Arabja Sawdija nnota li l-ilmentatur bena b'mod skorrett il-valur normali għall-MEG prodott fl-Arabja Sawdija abbażi ta' elementi tal-kost li ma humiex relatati mal-Arabja Sawdija u naqas milli jstabbilixxi tqabbil ġust bejn il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni.
- (17) Ir-Renju tal-Arabja Sawdija qal ukoll li, fil-bini tal-valur normali, l-ilmentatur żbalja fil-valutazzjoni tiegħu tal-fatti, peress li (i) SABIC ma tipproduċix il-MEG – il-produtturi tal-MEG huma elenkati fl-ilment; (ii) SABIC u Saudi Aramco ma kinux relatati matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni fl-ilment; u (iii) il-produtturi Sawdi tal-MEG ma jixtrux l-etilen minn Saudi Aramco.
- (18) Barra minn hekk, l-ilmentatur ma għamel l-ebda tentattiv biex jadatta l-valur ta' sostituzzjoni għall-etilen użat għall-kostruzzjoni tal-valur normali b'tali mod li huwa relatat mal-kost reali tal-produzzjoni fl-Arabja Sawdija.
- (19) Barra minn hekk, l-ilmentatur irrapporta elettriku medju ta' EUR 0,067/kWh, filwaqt li t-tariffa tal-elettriku ppubblikata tikkorrispondi għal EUR 0,043/kWh.
- (20) Dan l-ewwel sett ta' rimarki kollu ġie mtenni fil-kummenti ta' SABIC.
- (21) Huwa mfakkar li, skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament Bażiku, ilment irid ikun fih dik l-informazzjoni li hija raġonevolment disponibbli għall-ilmentatur. F'dan ir-rigward, irid jifakkar li l-livell legali ta' evidenza meħtieġ għal ilment (evidenza "*prima facie* suffiċjenti") jagħmilha ċara li l-kwantità u l-kwalità tal-informazzjoni fl-ilment mhijiex l-istess bħal dik disponibbli fi tmiem investigazzjoni. Fl-istadju tal-ilment, mhuwiex meħtieġ li l-awtorità investigattiva (f'dan il-każ, il-Kummissjoni) ikollha quddiemha l-istess evidenza ta' dumping u dannu (skont it-tifsira tal-Artikoli 2 u 3) li tkun meħtieġa biex issostni l-impożizzjoni ta' dazji antidumping provviżorji jew definittivi (minn hawn' il quddiem: "DA"). Investigazzjoni tad-DA hija proċess fejn iċ-ċertezza dwar l-eżistenza tal-elementi meħtieġa biex tiġi adottata miżura jew biex jintemm proċediment tintlaħaq gradwalment hekk kif l-investigazzjoni tavanza. Mhuwiex eskluż li jsiru bidliet bejn l-istadju tal-ilment u l-konklużjoni tal-investigazzjoni. Madankollu, mhuwiex ikkunsidrat li bidliet bħal dawn għandhom impatt fuq il-konklużjoni kumplessiva li l-fajl jistħoqqlu investigazzjoni peress li hemm biżżejjed evidenza ta' dumping dannuż.
- (22) F'dan is-sens, l-informazzjoni pprovduta dwar il-kostijiet tqieset bħala adegwata u preċiża biżżejjed biex jiġi stabbilit il-valur normali, fil-kuntest *prima facie* applikabbli fil-bidu, fl-isfond tal-evidenza disponibbli għall-applikant.
- (23) Fir-rigward tad-dikjarazzjonijiet tar-Renju tal-Arabja Sawdija dwar l-elementi fattwali tal-ilment, il-Kummissjoni tenfasizza li l-etilen huwa l-materja prima ewlenija għall-produzzjoni tal-MEG u li l-ilmentatur indika b'mod korrett li l-katina tal-provvista tal-etilen fl-Arabja Sawdija kienet integrata vertikament, anki qabel l-akkwist ta' SABIC minn Saudi Aramco.
- (24) It-tieni nett, fir-rigward tat-tqabbil bejn il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni fl-ilment, skont ir-Renju tal-Arabja Sawdija u SABIC dan ma kienx ġust minħabba li l-ilmentatur ma għamilx dan fil-livell ta' kif joħroġ mill-fabbrika. Fil-fatt, skont l-Arabja Sawdija, huwa qabel il-prezz tal-esportazzjoni tal-FOB, minħabba li naqqas biss l-imposti stmati fuq il-merkanzija mill-valur statistiku tas-CIF, b'valur normali maħdum, li ċertament kien jinkludi l-kostijiet diretti tal-bejgħ.
- (25) Fir-rigward tat-tqabbil bejn il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni, il-Kummissjoni tfakkar li l-marġni tad-dumping ikkalkolat fl-ilment mhux neċessarjament jirrifletti l-grad eżatt ta' dumping li se jiġi kkalkolat fl-investigazzjoni fuq bażi ta' tranżazzjoni bi tranżazzjoni u bażi ta' tip b'tip.

- (26) Madankollu, fid-dawl tal-informazzjoni disponibbli, l-ilmentatur ipprova biżżejjed evidenza dwar il-prezz tal-esportazzjoni u l-valur normali li turi l-eżistenza ta' dumping. Iċ-ċifri li fuqhom kien ibbażat il-valur normali kienu appoġġati minn biżżejjed evidenza, kif ikkonfermat mill-analiżi tas-servizzi tal-Kummissjoni u l-aġġustamenti meħtieġa tqiesu fl-analiżi tad-dumping tal-Kummissjoni.
- (27) Fuq l-istess linja bħall-Arabja Sawdija u SABIC, ExxonMobil oġġezzjonat għall-kalkolu tal-kost tal-produzzjoni tal-monoetilenglikol fl-Arabja Sawdija, b'mod partikolari għall-etilen tal-materja prima, deskritt fl-ilment.
- (28) Hija enfasizzat li l-kost għall-produzzjoni tal-etilen huwa primarjament iddeterminat mit-tip ta' feedstock użat fil-forn tal-ikkrekkjar bl-istim, u l-kostijiet ta' tali feedstocks jistgħu jvarjaw b'mod sinifikanti.
- (29) L-impriża konġunta ta' ExxonMobil ma' SABIC, imsejħa Saudi Yanbu Petrochemical Company ("Yanpet"), tixtri l-feedstock minn Saudi Aramco. Minflok, l-ilmentatur irrefera għall-prezz tal-etilen fis-suq Asjatiku, li ma huwiex xieraq biex jiġi ddeterminat il-prezz tal-etilen fl-Arabja Sawdija, fejn il-kostijiet tal-produzzjoni tal-etilen huma ħafna aktar baxxi milli fl-Asja.
- (30) Tabilħaqq, il-forn tal-ikkrekkjar bl-istim ta' Yanpet juża l-etan bħala feedstock primarja għall-produzzjoni tal-etilen, filwaqt li l-forn tal-ikkrekkjar bl-istim fl-Asja u fl-Unjoni ġeneralment jużaw in-nafta.
- (31) Għalhekk, l-affermazzjoni mill-ilmentatur li l-proċessi tal-produzzjoni huma simili fil-pajjiżi kollha hija qarrieqa skont ExxonMobil.
- (32) B'mod partikolari, il-produzzjoni tal-etilen min-nafta hija ġeneralment aktar għalja minn dik mill-etan, u għalhekk il-kost tal-produzzjoni tal-Unjoni huwa oġġla meta mqabbel mal-Arabja Sawdija u mal-Istati Uniti tal-Amerika, peress li t-tnejn huma primarjament ibbażati fuq il-feedstock tal-etan.
- (33) Barra minn hekk, l-użu tal-prezz Asjatiku ma jikkunsidrax is-sitwazzjoni differenti ta' produttur integrat li jipproduċi kemm l-etilen kif ukoll il-monoetilenglikol, bħal Yanpet.
- (34) Il-Kummissjoni rrikonoxxiet l-eżistenza ta' differenzi fil-produzzjoni tal-etilen iżda ma qisix li tali differenza fil-kostijiet tal-materja prima għamlet is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni u tar-Renju tal-Arabja Sawdija radikalment differenti u mhux komparabbli.
- (35) Għalhekk, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-ilmentatur, minħabba l-informazzjoni disponibbli għalih, ippreżenta biżżejjed evidenza tal-eżistenza ta' dumping li tiġġustifika l-bidu ta' investigazzjoni.

1.3.2. *Kummenti dwar id-dannu*

- (36) SABIC u l-Missjoni tar-Renju tal-Arabja Sawdija ddikjaraw li t-talbiet għal trattament kunfidenzjali fl-ilment ma kinux iġġustifikati bħall-konsum totali tal-MEG fl-Unjoni u l-indikaturi makroekonomiċi li kienu bbażati fuq id-*data* ta' 12-il produttur tal-MEG tal-Unjoni. Barra minn hekk, SABIC u l-Missjoni tar-Renju tal-Arabja Sawdija affermaw li l-ilmentatur naqas milli jipprovdni sommarji mhux kunfidenzjali tal-informazzjoni pprovduta fuq bażi kunfidenzjali bħal għas-suq kattiv. Ġie argumentat ukoll li d-divulgazzjoni limitata tal-informazzjoni mill-ilmentatur u n-nuqqas ta' infurzar mill-Kummissjoni ta' regoli ċari dwar it-trattament ta' informazzjoni kunfidenzjali jfixklu d-drittijiet tad-difiża tar-Renju tal-Arabja Sawdija.
- (37) Il-Kummissjoni kkunsidrat li l-verżjoni miftuħa għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati tal-ilment kien fiha l-evidenza essenzjali kollha u s-sommarji sinifikanti mhux kunfidenzjali tad-*data* pprovduta taħt trattament kunfidenzjali sabiex il-partijiet interessati jkunu jistgħu jeżerċitaw id-dritt tad-difiża tagħhom matul il-proċediment. L-Artikolu 19 tar-Regolament bażiku u l-Artikolu 6(5) tad-WTO ADA jippermettu s-salvagwardja ta' informazzjoni kunfidenzjali f'ċirkostanzi fejn id-divulgazzjoni tagħha jkun ta' vantaġġ kompetittiv sinifikanti għal kompetitur jew jista' jkollu effett negattiv sinifikanti fuq persuna li ttipprovdni l-informazzjoni jew fuq persuna li mingħandha dik il-persuna tkun akkwistat l-informazzjoni. L-informazzjoni pprovduta taħt kopertura kunfidenzjali u fl-annessi limitati għall-ilment taqa' taħt dawn il-kategoriji. Fi kwalunkwe każ, l-ilmentatur iddivulga informazzjoni addizzjonali f'dan ir-rigward.
- (38) Il-Missjoni tar-Renju tal-Arabja Sawdija kkontestat l-inklużjoni tal-importazzjonijiet fir-Renju Unit fl-ilment u fil-kamp ta' applikazzjoni tal-investigazzjoni.

- (39) Fil-31 ta' Jannar 2020, ir-Renju Unit ħareġ mill-Unjoni. L-Unjoni u r-Renju Unit qablu b'mod konġunt fuq perjodu ta' tranżizzjoni li matulu r-Renju Unit baqa' soġġett għad-dritt tal-Unjoni, li ntemm fil-31 ta' Diċembru 2020 (?). L-ilment kien ibbażat fuq *data* tal-EU-28 kif ġiet ippreżentata qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni. Mill-1 ta' Jannar 2021, kumpaniji u assoċjazzjonijiet mir-Renju Unit ma baqgħux jikkwalifikaw aktar bħala partijiet interessati f'dan il-proċediment ta' difiża tal-kummerċ. Għalhekk, l-investigazzjoni twettqet fuq bażi tal-EU-27.
- (40) SABIC kienet tal-fehma li kien hemm għadd ta' mistoqsijiet miftuħa dwar l-affidabbiltà ta' dan il-kalkolu u r-rappreżentattività ġenerali tal-ilmentaturi. F'dan ir-rigward, SABIC sostniet li wieħed mill-ilmentaturi importa b'mod konsistenti l-MEG mir-Renju tal-Arabja Sawdija u għalhekk ma kellux ikun parti mill-ilment. Barra minn hekk, kumpanija relatata ma' produttur sostenitur tal-Unjoni importat ukoll il-MEG mir-Renju tal-Arabja Sawdija u, għalhekk, jekk dawn il-kumpaniji kienu qed isofru dannu, dan kien dannu kkawżat mill-partijiet stess. SABIC sostniet ukoll li produttur ieħor tal-MEG ikkuntattja lil SABIC biex jikkummerċjalizza l-MEG mir-Renju tal-Arabja Sawdija lejn l-Unjoni. Barra minn hekk, SABIC sostniet li BASF SE u Ineos Lavera ma humiex ilmentaturi u li l-għadd limitat ta' produtturi tal-Unjoni li kienu parti mill-ilmentatur qajjem mistoqsijiet dwar ir-rappreżentattività tagħhom. SABIC iddikjarat ukoll li l-Kummissjoni jenħtieġ li tinvestiga r-raġuni li wasslet għan-nuqqas ta' inklużjoni ta' IQOXE fl-ilment sabiex jiġi żgurat li l-esklużjoni ta' IQOXE ma tkunx saret għal raġunijiet oħra għajr l-inċident li seħħ f'Jannar 2020. Oxyde qajmet ukoll il-kwistjoni tan-nuqqas ta' kooperazzjoni tal-produtturi l-oħra tal-Unjoni.
- (41) Il-Kummissjoni tfakkar li l-produtturi kollha tal-Unjoni msemmija fl-ilment u magħrufa b'mod ieħor mill-Kummissjoni qabel il-bidu ġew ikkuntattjati fil-qafas tal-eżami dwar il-grad ta' appoġġ għal, jew oppożizzjoni għall-ilment. Dan il-kalkolu kien ibbażat fuq il-kwantitajiet tal-MEG prodott kif deskritt fid-dikjarazzjonijiet individwali minn tali produtturi u assoċjazzjonijiet ta' produtturi u fuq l-informazzjoni li tinsab fl-ilment li tinkludi wkoll informazzjoni dwar il-produzzjoni totali tal-Unjoni. Għalhekk, fl-istadju tal-bidu, ġie konkluż li l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament bażiku ġew issodisfati.
- (42) F'konformità mal-Artikoli 4(1) u 4(2) tar-Regolament bażiku, il-produtturi li huma relatati mal-esportaturi jew mal-importaturi u/jew huma stess importaturi tal-prodott allegatament oġġett ta' dumping jistgħu jiġu esklużi mill-industrija tal-Unjoni jekk ir-relazzjoni tagħhom mal-esportaturi jew mal-importaturi tal-prodott oġġett ta' dumping u/jew l-importazzjonijiet tagħhom tkun tali li ggjegħelhom jaġixxu b'mod differenti minn produtturi mhux relatati. Fl-analiżi ta' qabel il-bidu ma nstabet l-ebda raġuni biex jiġi eskluż xi wieħed mill-produtturi tal-ilmentatur mid-definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni vvalutat dan l-aspett matul l-investigazzjoni kif iddikjarat fil-premessi (135) sa (140). Fir-rigward tal-affermazzjoni li BASF SE u Ineos Lavera ma kinux parti mill-ilment, din l-affermazzjoni hija fattwalment żbaljata. Dawn iż-żewġ produtturi huma parti mill-ilment kif indikat fl-Anness A-1 tal-verżjoni mhux kunfidenzjali tal-ilment.
- (43) SABIC u l-Missjoni tar-Renju tal-Arabja Sawdija affermaw li ma kien hemm l-ebda raġuni fattwali jew legali għall-akkumulazzjoni tal-importazzjonijiet mir-Renju tal-Arabja Sawdija u mill-Istati Uniti u dawn l-importazzjonijiet kienu influwenzati minn dinamiċi differenti, li kellhom xejriet differenti fl-Unjoni u l-prezz tal-importazzjoni mir-Renju tal-Arabja Sawdija ma waqqax il-prezzijiet tal-Unjoni filwaqt li l-importazzjonijiet mill-Istati Uniti waqqgħuhom.
- (44) Wara li wettqet l-analiżi rilevanti, il-Kummissjoni sabet li l-kundizzjonijiet għall-kumulazzjoni tal-pajjiżi kkonċernati fl-istadju tal-ilment ġew issodisfati abbażi tal-informazzjoni u l-istatistika disponibbli. Il-marġnijiet tad-dumping instabu li kienu ogħla minn *de minimis*. Kif muri mill-istatistika uffiċjali disponibbli dwar l-importazzjonijiet, l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping ma kinux negliġibbli (ogħla minn *de minimis*) f'termini ta' volumi għall-pajjiżi kollha kkonċernati. Barra minn hekk, il-MEG huwa komodità u l-kompetizzjoni bejn il-prodotti importati mir-Renju tal-Arabja Sawdija u mill-Istati Uniti u l-prodotti tal-industrija tal-Unjoni hija identika u strettament ibbażata fuq il-prezz, irrispettivament mill-kanali tal-bejgħ. In-nuqqas ta' twaqqiġ tal-prezz fl-ilment għall-importazzjonijiet mir-Renju tal-Arabja Sawdija ma jfissirx li ma hemm l-ebda effett fuq il-prezzijiet. Għalhekk, fl-istadju tal-bidu, ġie konkluż li l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 3(4) tar-Regolament bażiku ġew issodisfati.
- (45) SABIC u l-Missjoni tar-Renju tal-Arabja Sawdija affermaw li l-ilmentatur ma vvalutat id-dannu b'mod oġġettiv skont l-Artikolu 3(2) tar-Regolament bażiku u l-eżistenza ta' dannu materjali ma kinitx appoġġata minn informazzjoni fattwali. Il-valutazzjoni tad-dannu u r-rabta kawżali bbażata fuq tqabbil tad-*data* għal perjodi differenti, jiġifieri, Jannar – Diċembru 2017, 2018 u 2019 u April 2019 – Marzu 2020 ma pprovdewx stampa preċiża u imparzjali tas-sitwazzjoni bħas-sena 2019 u l-PI fil-biċċa l-kbira jikkoinċidu iżda minflok kellha teżamina d-*data* għall-perjodi April – Marzu 2016/2017, 2017/2018, 2018/2019 u 2019/2020 biex jiġu vvalutati d-dannu u r-rabta kawżali. Barra minn hekk, ġie argumentat li t-tqabbil kien distort min-natura staġjonali u ċiklika tal-bejgħ tal-MEG. Ġie affermat ukoll li d-*data* makroekonomika pprovduta mill-ilmentatur għall-industrija domestika kollha kemm hi wriet li kellha prestazzjoni tajba matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, filwaqt li l-mikroindikaturi, li kienu relatati biss mal-ilmentatur, kellhom prestazzjoni baxxa meta mqabbla mal-produtturi l-oħrajn tal-Unjoni tal-MEG, li

(?) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/135 tat-30 ta' Jannar 2020 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, (ĠU L 29, 31.1.2020, p. 1).

qajjem ukoll tħassib dwar ir-rappreżentattività tal-ilmentatur. Barra minn hekk, ġie argumentat li l-ilmentatur ma pprova l-ebda evidenza li l-profittabbiltà tiegħu naqset minħabba pressjoni mill-importazzjonijiet li kkawżat tnaqqis fil-prezzijiet b'pass aktar mgħaġġel meta mqabbla mal-kostijiet tal-materja prima. SABIC iddikjarat ukoll li l-ilmentatur naqas milli jipprovi stampa preċiża tas-sitwazzjoni peress li kkalkola biss il-profittabbiltà fuq il-bejgħ lil klijenti mhux relatati u li l-ilmentatur ma pprovidiex ġustifikazzjoni xierqa għall-esklużjoni tas-suq kattiv mill-konsum tal-Unjoni. Barra minn hekk, SABIC iddikjarat, mingħajr evidenza, li l-marġnijiet għoljin ta' profittabbiltà rreġistrati mill-industrija tal-Unjoni fl-2017 u fl-2018 dwar il-bejgħ domestiku lil klijenti mhux relatati setgħu kienu konsegwenza tal-kartell li kien fis-seħħ sal-2017 u għalhekk ma jkunx xieraq li jintuża marġni ta' profit ta' 18 % għall-analiżi tal-bejgħ taħt il-prezz, minħabba li din il-profittabbiltà hija bbażata fuq numri tal-2016 meta l-kartell kien għaddej bis-sħiħ. Barra minn hekk, il-Missjoni tar-Renju tal-Arabja Sawdija ddikjarat li l-kalkolu tal-marġni tal-bejgħ taħt il-prezz ibbażat fuq profit li ma jidherx li huwa bbażat fuq profittabbiltà raġonevoli qajjem mistoqsijiet.

- (46) Bħala kumment preliminari, huwa mfakkar li sejba *prima facie* ta' dannu materjali teħtieġ eżami, *inter alia*, tal-fatturi rilevanti kif deskritti fl-Artikolu 5(2)(d) tar-Regolament bażiku. Fil-fatt, il-formulazzjoni tal-Artikolu 5(2) tar-Regolament bażiku tiddikjara li l-ilment għandu jkun fih informazzjoni dwar il-bidliet fil-volum ta' importazzjonijiet allegatament oġġett ta' dumping, l-effett ta' dawk l-importazzjonijiet fuq il-prezzijiet tal-prodott simili fis-suq tal-Unjoni u l-impatt konsegwenti tal-importazzjonijiet fuq l-industrija tal-Unjoni, kif muri minn fatturi u indiċijiet rilevanti (mhux neċessarjament kollha) li jaffettwaw l-istat tal-industrija tal-Unjoni, bħal dawk elenkati fl-Artikoli 3(3) u 3(5). L-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku jiddikjara li l-lista ma hijiex eżawrjenti, u lanqas ma jista' xi wieħed jew aktar minn dawn il-fatturi neċessarjament jagħti gwida deċiżiva. Għalhekk, mhux il-fatturi kollha jridu juru deterjorament sabiex jiġi stabbilit *prima facie* li hemm dannu materjali. Barra minn hekk, l-eżistenza ta' fatturi oħra li jista' jkollhom impatt fuq is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni, ma timplikax neċessarjament li l-effett tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping fuq din l-industrija ma huwiex materjali.
- (47) L-analiżi speċifika tad-dannu tal-ilment imwettqa mill-Kummissjoni wriet li kien hemm biżżejjed evidenza li tindika żieda fil-penetrazzjoni tas-suq tal-Unjoni (kemm f'termini assoluti kif ukoll relattivi) minn importazzjonijiet mir-Renju tal-Arabja Sawdija u mill-Istati Uniti bi prezzijiet li jwaqqgħu il-prezz (fil-każ tal-importazzjonijiet mill-Istati Uniti) u sostanzjalment iwasslu għal bejgħ taħt il-prezz tal-industrija tal-Unjoni stess. Dan jidher li kellu impatt materjalment dannuż fuq l-istat tal-industrija tal-Unjoni, muri pereżempju minn tnaqqis fil-produzzjoni, fil-bejgħ u fis-sehem mis-suq, minn deterjorament tar-riżultati finanzjarji jew mil-livell tal-prezzijiet mitluba mill-industrija tal-Unjoni. Fir-rigward tal-affermazzjoni għall-perjodu taħt kunsiderazzjoni u l-perjodu ta' investigazzjoni, hija l-prattika tal-Kummissjoni li tagħżel perjodu ta' investigazzjoni ta' sena u ta' tliet snin kalendarji preċedenti, anke fl-istadju tal-ilment. Fir-rigward tal-kumment ta' SABIC dwar il-bejgħ kattiv, l-ilmentatur ipprova evidenza rigward il-bejgħ kattiv. B'konsegwenza ta' dan, kien hemm eżami tat-totalità tas-suq u, għal ċerti aspetti tal-analiżi tad-dannu, enfasi fuq is-suq ħieles. L-analiżi sussegwenti mill-Kummissjoni tal-informazzjoni għad-dispożizzjoni tagħha sabet, *inter alia*, separazzjoni bejn is-swieq ħielsa u dawk kattiv. Fir-rigward tal-affermazzjoni li l-kalkolu tal-profittabbiltà tal-bejgħ taħt il-prezz ma kienx preċiż peress li kien ibbażat fuq marġni ta' profit mhux raġonevoli, qiegħed jiġi nnotat li l-Kummissjoni kienet issodisfata bl-evidenza tal-bejgħ taħt il-prezz mressqa mill-ilmentatur u kkunsidratha bħala evidenza *prima facie* biżżejjed.
- (48) Mitsubishi ddikjarat li s-sena 2017 setgħet kienet sena eċċezzjonali għall-industrija tal-Unjoni u għalhekk l-2017 ma setgħetx tkun sena ta' referenza xierqa għall-valutazzjoni tad-dannu u l-perjodu taħt kunsiderazzjoni fl-ilment kellu jiġi estiż għal snin preċedenti. Barra minn hekk, ġie argumentat li l-użu ta' kuntratti ta' durata ta' bejn sena u sentejn fl-industrija jista' jeħtieġ ukoll valutazzjoni fuq perjodu itwal. Mitsubishi ddikjarat li l-ilment wera li ma kien hemm l-ebda twaqqiġ tal-prezz fil-livell ġenerali mill-importazzjonijiet tal-Istati Uniti u tar-Renju tal-Arabja Sawdija matul il-perjodu ta' investigazzjoni u li r-rekwiżit ta' evidenza ta' twaqqiġ tal-prezz tal-materjal kien partikolarment importanti fil-każ attwali minħabba li l-maġġoranza tal-bejgħ isir taħt kuntratti li tipikament ikunu ta' durata ta' sena jew ta' sentejn. Il-Kummissjoni qieset li l-ebda waħda mill-allegazzjonijiet ta' Mitsubishi ma kkonfutat il-konklużjoni li kien hemm biżżejjed evidenza għall-bidu ta' proċediment anti-dumping. Ma kien hemm l-ebda avveniment eċċezzjonali li ġġustifika l-estensjoni tal-perjodu taħt kunsiderazzjoni qabel l-1 ta' Jannar 2017. Il-perjodu taħt kunsiderazzjoni jippermetti li titqies il-pekuliarità ta' kuntratt ta' sena jew ta' sentejn. Fil-fatt, l-ilment kien fih biżżejjed evidenza li l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping kellhom impatt materjalment dannuż fuq l-istat tal-industrija tal-Unjoni u l-Kummissjoni kienet issodisfata bl-evidenza tat-twaqqiġ tal-prezz imressqa mill-applikant—kif ukoll bl-evidenza ta' tnaqqis fil-prezzijiet u bejgħ taħt il-kostijiet tal-industrija tal-Unjoni.

- (49) SABIC u l-Missjoni tar-Renju tal-Arabja Sawdija affermaw li l-ilmentatur ma weriex l-eżistenza ta' rabta kawżali skont l-Artikolu 3(6) tar-Regolament bażiku peress li l-ilmentatur eżamina biss l-effetti tal-prezzijiet, u mhux il-korrelazzjoni bejn il-volum tal-importazzjonijiet mir-Renju tal-Arabja Sawdija u mill-Istati Uniti. Hija argumentat ukoll li l-volum tal-importazzjonijiet tal-MEG mir-Renju tal-Arabja Sawdija naqas matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni u li l-prezzijiet tal-importazzjonijiet mir-Renju tal-Arabja Sawdija ma setgħux affettwaw lill-ilmentatur b'mod negattiv peress li ma kien hemm l-ebda twaqqigħ tal-prezz.
- (50) L-ilmentatur analizza l-effett tal-volumi fuq bażi akkumulata peress li l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 3(4) tar-Regolament bażiku ġew issodisfati f'dak l-istadju. Is-simultanjetà tad-deterjorament tas-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni u taż-żieda fil-penetrazzjoni tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping tindika bil-qawwa l-eżistenza ta' rabta kawżali. In-nuqqas ta' twaqqigħ tal-prezz ma jfissirx li l-prezzijiet tal-esportazzjoni ma setgħux ikkawżaw dannu meta l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni kienu r-riżultat tal-pressjoni qawwija fuq il-prezzijiet eżerċitata mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping bi prezz baxx. Il-fattur kruċjali għad-determinazzjoni tad-dannu u l-kawżalità huwa li l-produtturi tal-Unjoni ma kellhom l-ebda għażla ħlief li jnaqqsu l-prezzijiet tal-bejgħ tagħhom sabiex jiddefendu s-sehem mis-suq tagħhom u jżommu livelli raġonevoli ta' produzzjoni. Barra minn hekk, is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni kienet aggravata mill-fatt li l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping inbiegħu f'suq miftuħ u trasparenti fejn il-prezzijiet kienu magħrufin sew, u dan ġiegħel lill-industrija tal-Unjoni tnaqqas il-prezzijiet tal-bejgħ tagħha biex tillimita t-telf tagħha tas-sehem mis-suq.
- (51) SABIC u l-Missjoni tar-Renju tal-Arabja Sawdija affermaw li l-ilmentatur ma eżaminax kawżi oħra ta' dannu bħall-effetti tal-kartell tax-xerreġja tal-etilen li baqa' għaddej sa mill-inqas Marzu 2017 u x'aktarx li kellu effetti wara wkoll. SABIC enfasizzat fatturi oħra bħal (i) in-nuqqas ta' kompetittività tal-industrija tal-Unjoni peress li l-kost medju tal-produzzjoni fl-Unjoni kien ogħla milli fil-Lvant Nofsani u fl-Amerika ta' Fuq; (ii) is-sehem li qed jonqos tal-ossidu tal-etilen użat għall-produzzjoni tal-MEG biex jiffavorixxi derivattivi oħra tal-ossidu tal-etilen; (iii) iż-żieda fl-importazzjonijiet tal-polietilente-reftalat ("PET") li kellha impatt dirett fuq il-konsum tal-MEG; (iv) dannu kkawżat mill-parti stess kawża tal-importazzjonijiet tal-MEG mir-Renju tal-Arabja Sawdija. Għalhekk, hija sostniet li billi naqas milli jiddivulga l-kawżi magħrufa l-oħrajn ta' dannu elenkati hawn fuq u billi ma wettaqx analiżi ta' nuqqas ta' attribuzzjoni, l-ilmentatur ma osservax ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 3(7) tar-Regolament bażiku. Mitsubishi ddikjarat ukoll li d-dannu allegat kien attribwibbli għal (i) id-depressjoni globali fil-prezzijiet tal-MEG, (ii) in-nuqqas ta' kompetittività tal-industrija tal-Unjoni minflok kwalunkwe dumping allegat. Hija sostniet ukoll li l-produtturi mhux ilmentaturi tal-Unjoni kienu marru aħjar mill-produtturi ilmentaturi tal-Unjoni u qed jirkupraw.
- (52) L-analiżi tal-Kummissjoni kkonfermat li l-ebda wieħed mill-elementi msemmija, kemm jekk fattwalment korrett kif ukoll jekk le, ma jikkonfuta l-konklużjoni li kien hemm biżżejjed evidenza għall-bidu ta' proċediment anti-dumping fir-rigward tal-punt li l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping kellhom impatt materjalment dannuż fuq l-istat tal-industrija tal-Unjoni.
- (53) Is-CIRFS iddikjarat li l-ilmenti ħtieġu jinkludu l-konsegwenzi negattivi tal-pandemija tal-Covid-19 bħala fattur li jikkawża dannu għall-2020 billi ddikjarat b'mod żbaljat li l-perjodu ta' investigazzjoni fl-ilment kopra l-perjodu mill-1 ta' Lulju 2019 sat-30 ta' Ġunju 2020.
- (54) Fil-fatt, il-perjodu ta' investigazzjoni tal-ilment beda mill-1 ta' April 2019 u ntemm fil-31 ta' Marzu 2020 u għalhekk kwalunkwe impatt tal-pandemija tal-Covid-19 kien ikun jinħass mill-industrija tal-Unjoni wara l-perjodu ta' investigazzjoni.
- (55) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonfermat li l-ilmentatur ipprova biżżejjed evidenza ta' dumping, dannu u rabta kawżali, u b'hekk jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 5.2 tal-ADA u fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament bażiku. Għalhekk, l-ilment issodisfa r-rekwiżiti għall-bidu.
- (56) Il-Kummissjoni qieset u indirizzat il-kummenti rilevanti l-oħrajn kollha fit-taqsimiet ta' hawn taħt.

1.4. Kampjunar

- (57) Fin-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni stqarret li kien hemm il-possibbiltà li tagħżel kampjun minn fost il-partijiet interessati f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku.

1.4.1. Il-kampjunar tal-produtturi tal-Unjoni

- (58) Fin-Notifika ta' Bidu tagħha, il-Kummissjoni stqarret li kienet għażlet b'mod provviżorju kampjun tal-produtturi tal-Unjoni. Il-Kummissjoni għażlet il-kampjun fuq il-baży tal-volum tal-produzzjoni u tal-bejgħ tal-prodott simili fl-Unjoni rrapportat mill-produtturi tal-Unjoni, fil-kuntest tal-analiżi tar-rappreżentattività ta' qabel il-bidu. Dan il-kampjun kien jikkonsisti minn tliet produtturi tal-Unjoni, li tnejn minnhom kienu relatati. Il-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun kienu jirrappreżentaw 64,1 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni u 65 % tal-bejgħ totali tal-Unjoni. Il-kampjun tqies li kien rappreżentattiv tal-industrija tal-Unjoni. Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati jikkummentaw dwar il-kampjun provviżorju. Ma wasal l-ebda kumment u għaldaqstant il-kampjun ġie kkonfermat.

1.4.2. *Il-kampjunar tal-importaturi*

- (59) Biex tiddeċiedi jekk il-kampjunar huwiex meħtieġ u, jekk iva, biex tagħżel kampjun, il-Kummissjoni talbet lill-importaturi mhux relatati sabiex jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-Notifika ta' Bidu.
- (60) Żewġ importaturi mhux relatati pprovdew l-informazzjoni mitluba u qablu li jiġu inklużi fil-kampjun. Minħabba l-għadd żgħir ta' twegġibiet, il-Kummissjoni ddeċidiet li l-kampjunar ma kienx meħtieġ.

1.4.3. *Il-kampjunar tal-produtturi esportaturi fl-Istati Uniti tal-Amerika*

- (61) Sabiex tiddeċiedi fuq jekk il-kampjunar kienx meħtieġ u, jekk iva, sabiex tagħżel kampjun, il-Kummissjoni talbet lill-produtturi esportaturi kollha fl-Istati Uniti tal-Amerika jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-Notifika ta' Bidu. Barra minn hekk, il-Kummissjoni talbet lill-Missjoni tal-Istati Uniti tal-Amerika tidentifika u/jew tikkuntattja lil produtturi esportaturi oħrajn, jekk hemm, li jistgħu jkunu interessati jipparteċipaw fl-investigazzjoni.
- (62) Ħames produtturi esportaturi fl-Istati Uniti tal-Amerika pprovdew l-informazzjoni mitluba u qablu li jiġu inklużi fil-kampjun. F'konformità mal-Artikolu 17(1) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni għażlet kampjun ta' żewġ gruppi ta' produtturi esportaturi abbażi tal-akbar volum rappreżentattiv ta' esportazzjonijiet lejn l-Unjoni li seta' jkun raġonevolment investigat fiż-żmien disponibbli. Il-gruppi ta' produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun kienu jirrappreżentaw madwar 55 % tal-importazzjonijiet mill-Istati Uniti tal-Amerika lejn l-EU27 tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni. F'konformità mal-Artikolu 17(2) tar-Regolament bażiku, il-produtturi esportaturi magħrufa kkonċernati kollha, u l-awtoritajiet tal-Istati Uniti tal-Amerika, ġew ikkonsultati dwar l-għażla tal-kampjun. Ma wasal l-ebda kumment u l-kampjun ġie kkonfermat.

1.4.4. *Il-kampjunar tal-produtturi esportaturi fir-Renju tal-Arabja Sawdija*

- (63) Sabiex tiddeċiedi fuq jekk il-kampjunar kienx meħtieġ u, jekk iva, sabiex tagħżel kampjun, il-Kummissjoni talbet lill-produtturi esportaturi kollha fir-Renju tal-Arabja Sawdija biex jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-Notifika ta' Bidu. Barra minn hekk, il-Kummissjoni talbet lill-Missjoni tar-Renju tal-Arabja Sawdija biex tidentifika u/jew tikkuntattja lil produtturi esportaturi oħrajn, jekk ikun hemm, li jistgħu jkunu interessati jipparteċipaw fl-investigazzjoni.
- (64) Erba' produtturi fir-Renju tal-Arabja Sawdija ipprovdew l-informazzjoni mitluba u qablu li jkunu inklużi fil-kampjun. Madankollu, wieħed minnhom ma ddikjara l-ebda esportazzjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni, filwaqt li t-tlieta l-oħra huma relatati minħabba li tnejn minn dawn jipproduċu fir-Renju tal-Arabja Sawdija permezz ta' ftehim ta' impriża konġunta mat-tielet produttur. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma tirrikorrix għall-kampjunar tal-produtturi esportaturi fir-Renju tal-Arabja Sawdija.

1.5. **Twegġibiet għall-kwestjonarju u kontroverifiki mill-bogħod**

- (65) Il-kwestjonarji għall-produtturi tal-Unjoni, għall-importaturi mhux relatati, għall-utenti, u għall-produtturi esportaturi kienu disponibbli online ⁽⁴⁾ fil-jum tal-bidu.
- (66) Il-Kummissjoni rċeviet twegġibiet għall-kwestjonarju mingħand it-tliet produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun, żewġ importaturi mhux relatati (Helm u Oxyde), seba' utenti (Arteco, Indorama Group, Neo Group, Novapet, PlastiVerd, Selenis, SIR Industriale) u tmien produtturi esportaturi (Lotte Chemical Louisiana LLC, MEGlobal Americas Inc, Saudi Kayan petrochemical company, Yanbu National Petrochemical Company, Eastern Petrochemical Company, Saudi Yanbu Petrochemical Company, Arabian Petrochemical Company, Jubail United Petrochemical Company).
- (67) Il-Kummissjoni fittxet u kkontroverifikat l-informazzjoni kollha li qieset meħtieġa għal determinazzjoni provviżorja ta' dumping, id-dannu li jirriżulta u l-interess tal-Unjoni. Minħabba t-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19 u l-miżuri konsegwenti li ttehdhu biex tiġi indirizzata t-tifqigħa ("in-Notifika tal-COVID-19") ⁽⁵⁾, il-Kummissjoni ma setgħetx twestaq żjarat ta' verifika fil-bini tal-kumpaniji inklużi fil-kampjun u l-utenti li kkooperaw. Minflok, il-Kummissjoni wettqet kontroverifiki mill-bogħod ("RCCs") tal-informazzjoni pprovduta mill-kumpaniji li ġejjin permezz ta' vidjokonferenza:

Produtturi tal-Unjoni:

— BASF Antwerpen N.V., il-Belġju (u l-kumpanija tal-bejgħ relatata tagħha BASF SE)

⁽⁴⁾ http://trade.ec.europa.eu/tdi/case_details.cfm?ref=ong&id=2485

⁽⁵⁾ Avviż Dwar il-konsegwenzi tat-tifqigħa tal-COVID-19 fuq investigazzjonijiet antidumping u antisussidji (ĠU C 86, 16.3.2020, p. 6).

- INEOS NV, il-Belġju (u l-kumpanija tal-bejgħ relatata tagħha INEOS Europe AG)
- INEOS Manufacturing Deutschland GmbH, il-Ġermanja (u l-kumpanija tal-bejgħ relatata tagħha INEOS Europe AG)

Produtturi esportaturi fl-Istati Uniti tal-Amerika:

- Lotte Chemical Louisiana LLC
- MEGlobal Americas Inc

Negożjanti, importaturi u proċessuri relatati:

- MEGlobal International FZE, l-Emirati Għarab Magħquda
- MEGlobal Europe GmbH, l-Iżvizzera
- Equipolymers GmbH, il-Ġermanja

Produtturi esportaturi fir-Renju tal-Arabja Sawdija:

- Saudi Kayan petrochemical company (Saudi Kayan)
- Yanbu National Petrochemical Company (Yansab)
- Eastern Petrochemical Company (Sharq)
- Saudi Yanbu Petrochemical Company (Yanpet)
- Arabian Petrochemical Company (Petrokemya)
- Jubail United Petrochemical Company (United)

Negożjanti relatati mal-produtturi esportaturi fir-Renju tal-Arabja Sawdija

- Saudi Basic Industries Corporation (SABIC), ir-Renju tal-Arabja Sawdija

Negożjanti, importaturi u proċessuri relatati:

- SABIC Petrochemicals B.V., in-Netherlands
- SABIC Italia Srl, Italy
- Exxon Mobil Petroleum & Chemical BV, in-Netherlands

1.6. Perjodu ta' investigazzjoni u perjodu taħt kunsiderazzjoni

- (68) L-investigazzjoni tad-dumping u tad-dannu kopriet il-perjodu mill-1 ta' Lulju 2019 sat-30 ta' Ġunju 2020 ("il-perjodu ta' investigazzjoni"). L-eżami tax-xejriet rilevanti għall-valutazzjoni tad-dannu kopra l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2017 sat-tmiem tal-perjodu ta' investigazzjoni ("il-perjodu taħt kunsiderazzjoni").
- (69) Is-CPME sostna li l-perjodu ta' investigazzjoni magħżul mill-Kummissjoni ma kienx jinkludi l-perjodu immedjatament qabel il-bidu tal-investigazzjoni kif meħtieġ skont l-Artikolu 6(1) tar-Regolament bażiku. Is-CPME argumenta li peress li l-investigazzjoni nfetħet fl-14 ta' Ottubru 2020, il-perjodu Lulju – Settembru 2020 kellu jiġi inkluż fil-perjodu ta' investigazzjoni. Is-CPME sostna li l-perjodu Jannar 2020 sa Ġunju 2020 inkluż fil-perjodu ta' investigazzjoni kien distort mill-effetti tal-pandemija tal-COVID-19. Għalhekk, is-CPME kien tal-fehma li l-Kummissjoni jenħtieġ li tiġbor *data* ta' wara l-PI għall-fini tal-valutazzjoni tad-dannu u tal-interess tal-Unjoni.
- (70) Il-Kummissjoni għandha diskrezzjoni fl-għażla tal-perjodu ta' investigazzjoni. F'dan il-każ, il-perjodu magħżul għandu l-vantaġġ doppju tal-immedjatezza għad-data tal-bidu u li jkun ibbażat fuq perjodu ta' nofs sena li jiffaċilita l-kooperazzjoni mill-kumpaniji u b'hekk il-preċiżjoni u l-adeqwatezza tas-sejbiet. L-effetti tal-pandemija tal-COVID-19 huma analizzati taħt il-kawżalità, kif jista' jkun rilevanti għal fatturi li jistgħu jnaqqsu r-rabta kawżali. Għalhekk, l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

2. IL-PRODOTT IKKONĊERNAT U L-PRODOTT SIMILI

2.1. Prodott ikkonċernat

- (71) Il-prodott ikkonċernat huwa l-monoetilenglikol (numru tal-KE attwali 203-473-3), li joriġina mill-Istati Uniti tal-Amerika u mir-Renju tal-Arabja Sawdija, li bħalissa jaqa' taħt il-kodiċi NM ex 2905 31 00 (kodiċi TARIC 2905 31 00 10) ("il-prodott ikkonċernat").
- (72) Il-MEG huwa ddeżinjat ukoll bl-ismijiet etilenglikol, etandiol u etan-1,2-diol.
- (73) Il-MEG jiġi prodott minn diversi materja primas (etan, propan, NGL, butan) biex isir l-etilen. L-etilen imbagħad jitħallat mal-ossiġenu biex jiġi ffurmat l-ossidu tal-etilen u mbagħad mal-ilma biex jiġi prodott il-monoetilenglikol.
- (74) Il-MEG huwa komodità disponibbli kummerċjalment f'żewġ gradi differenti: grad tal-fibra u grad tekniku. Il-grad tal-fibra huwa kkaratterizzat minn purità għolja (99,9 %), filwaqt li l-grad tekniku għandu livelli ta' purità aktar baxxi.
- (75) Il-grad tal-fibra tal-MEG jintuża b'mod predominanti fil-produzzjoni tal-PET, tal-fibri tal-poliester, tar-reżini u tar-riti. Il-grad tekniku tal-MEG jintuża l-aktar fis-settur tal-karozzi bħala kontra l-iffriżar. Applikazzjonijiet addizzjonali tal-MEG jinkludu aġent ta' trasferiment termiku, fluwidi għat-tneħħija tas-silġ, kisi tas-superfiċje, reżini mhux saturati tal-poliester, polioli tal-poliester, u idroġinazzjoni tal-gass naturali.

2.2. Prodott simili

- (76) L-investigazzjoni wriet li dawn il-prodotti li ġejjin għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u tekniċi bażiċi kif ukoll l-istess użi bażiċi:
- il-prodott ikkonċernat;
 - il-prodott immanifatturat u mibjugħ fis-suq domestiku tal-pajjiżi kkonċernati; u
 - il-prodott manifatturat u mibjugħ fl-Unjoni mill-industrija tal-Unjoni.
- (77) F'dan l-istadju, il-Kummissjoni ddeċidiet li dawn il-prodotti huma għalhekk prodotti simili fis-sens tal-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

2.3. Affermazzjonijiet rigward il-kamp ta' applikazzjoni tal-prodott

- (78) SABIC sostniet li l-kamp ta' applikazzjoni tal-prodott kien wiesa' wisq u talbet l-esklużjoni mill-investigazzjoni ta' "MEG off-spec", u argumentat li dan il-prodott ma kienx komparabbli mal-grad primarju ("on-spec") tal-MEG u ma kienx jikkompeti miegħu. Barra minn hekk, SABIC argumentat li f'każ li l-Kummissjoni tiddeċiedi li ma teskludix il-MEG "off-spec" mill-kamp ta' applikazzjoni tal-investigazzjoni, jenħteig li temenda l-kostruzzjoni tan-numru ta' kontroll tal-prodott ("PCN") biex tkopri wkoll il-MEG "off-spec".
- (79) Il-MEG "off-spec" ma huwiex tip ta' prodott differenti, iżda MEG iddeterjorat b'riżultat tal-ossiġenazzjoni li seħħet bi żball matul it-trasport. Il-produtturi tal-MEG ma jimmanifatturawx tali prodott bi skop. Skont il-livell ta' deterjorament, il-MEG "off-spec" jista' jew jiġi mwarrab, jew inkella jista' jitħallat ma' MEG tal-aqwa grad u jintuża f'ċerti applikazzjonijiet bħal berried tal-magna għall-industrija tal-karozzi. Għalhekk, l-affermazzjoni ġiet miċħuda u l-PCN ma kellux bżonn jiġi emendat.

3. DUMPING

3.1. Ir-Renju tal-Arabja Sawdija

- (80) Il-kampjunar ma ġiex applikat għall-produtturi esportaturi fir-Renju tal-Arabja Sawdija. Il-grupp ta' kumpaniji SABIC biss, għandu sitt entitajiet tal-produzzjoni, li kull waħda minnhom ġiet ivverifikata separatament għall-kostijiet tal-manifattura tagħha. Entità tal-produzzjoni waħda biss mis-sitta pproduċiet għas-suq domestiku, u għalhekk il-kost tal-manifattura tagħha ntuża fil-kalkolu tal-valur normali. Madankollu, kemm il-bejgħ domestiku kif ukoll l-esportazzjonijiet lejn l-Unjoni ġew eżaminati fil-livell tal-grupp ta' kumpaniji.

3.1.1. Valur normali

- (81) Il-Kummissjoni l-ewwel eżaminat jekk il-volum totali tal-bejgħ domestiku għall-grupp produttur esportatur kienu rappreżentattiv, f'konformità mal-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku. Il-bejgħ domestiku jkun rappreżentattiv jekk it-total tal-volum tal-bejgħ domestiku tal-prodott simili lill-klijenti indipendenti fis-suq domestiku għal kull produttur esportatur ikun jirrappreżenta mill-anqas 5 % tal-volum totali tal-bejgħ mill-esportazzjoni tiegħu tal-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Abbażi ta' dan, il-bejgħ totali tal-prodott simili fis-suq domestiku kien rappreżentattiv.
- (82) Minħabba li kien hemm tip ta' prodott wieħed biss mibjugħ fis-suq domestiku, u esportat ukoll lejn l-Unjoni, il-Kummissjoni ma kellhiex bżonn tivverifika r-rappreżentattività fil-livell tat-tip ta' prodott.
- (83) Imbagħad, il-Kummissjoni ddefinixxiet il-proporzjon tal-bejgħ bi profitt lil konsumaturi indipendenti fis-suq domestiku matul il-perjodu ta' investigazzjoni biex tiddeċiedi jekk tużax il-bejgħ domestiku attwali għall-kalkolu tal-valur normali, f'konformità mal-Artikolu 2(4) tar-Regolament bażiku.
- (84) Il-valur normali huwa bbażat fuq il-prezz domestiku attwali, irrispettivament minn jekk dak il-bejgħ huwiex bi profitt jew le, jekk:
- (a) il-volum tal-bejgħ, mibjugħ bi prezz tal-bejgħ nett daqs jew aktar mill-kost ikkalkulat tal-produzzjoni, irrappreżenta aktar minn 80 % tal-volum totali tal-bejgħ; u
 - (b) il-prezz tal-bejgħ medju ponderat huwiex daqs jew ogħla mill-kost unitarju tal-produzzjoni.
- (85) F'dan il-każ, il-valur normali huwa l-medja ponderata tal-prezzijiet tal-bejgħ domestiku matul il-PI.
- (86) Il-valur normali huwa l-prezz domestiku attwali tal-bejgħ domestiku bi profitt biss matul il-PI, jekk:
- (a) il-volum tal-bejgħ bi profitt jirrappreżenta 80 % jew inqas mill-volum totali tal-bejgħ: jew
 - (b) il-prezz medju ponderat ikun anqas mill-kost unitarju tal-produzzjoni.

3.1.2. Aġġustamenti għall-kost tal-manifattura

- (87) Il-produtturi esportaturi li kkooperaw jixtru l-materja prima, u b'mod partikolari l-propan, għall-produzzjoni tal-MEG minn kumpanija relatata, Saudi Aramco li hija proprjetà tal-istat u fornitur b'monopolju fil-pajjiż.
- (88) SABIC kienet proprjetà tal-Fond Pubbliku ta' Investiment ("PIF") tar-Renju tal-Arabja Sawdija, entità tal-gvern, sal-aħħar ta' Ġunju 2020, meta l-parteċipazzjoni azzjonarja tagħha ta' 70 % inxtraw minn Saudi Aramco. Il-gvern tar-Renju tal-Arabja Sawdija għandu 95,8 % ta' Saudi Aramco u l-President ta' Aramco sa mill-2016, l-Eċċellenza Tiegħu Yasir O. Al-Rumayyan, huwa wkoll il-Gvernatur u d-Direttur tal-PIF sa mill-2015. Għalhekk, iż-żewġ kumpaniji huma meqjusin bħala relatati, peress li l-gvern huwa azzjonista komuni tal-kumpanija, u peress li l-Eċċellenza Tiegħu Yasir O. AL Rumayyan huwa uffiċjal/direttur fiż-żewġ kumpaniji.
- (89) Minħabba r-relazzjoni, ix-xiri tal-materja prima ma jistax jitqies fil-kors ordinarju tal-kummerċ u għalhekk ma jistax jintuża biex jiġi stabbilit il-valur normali. Fil-każ speċifiku tal-propan (il-materja prima użata għall-produzzjoni tal-etilen u sussegwentement, tal-MEG), il-prezzijiet huma stabbiliti mill-gvern fid-dawl tal-attività tal-kumpaniji relatati tiegħu. Għalhekk, il-prezzijiet huma affettwati direttament mir-relazzjoni, skont l-Artikolu 2(1) tar-Regolament bażiku.
- (90) Għalhekk, il-Kummissjoni eżaminat fid-dettall ix-xiri tal-materja prima u użat il-metodu deskritt hawn taħt biex tikkalkula l-valur normali. SABIC tixtri l-propan minn Saudi Aramco bi prezz fiss tal-gvern ta' 20 % taħt il-prezz tal-propan Ġappuniż. ⁽⁶⁾

⁽⁶⁾ <http://www.jadwa.com/en/download/petrochemicals-and-the-vision-2030/research-13-1-1-1-1-1-1> (aċċessat fil-11 ta' Mejju 2021)

- (91) Skont il-paragrafu 2 tal-Artikolu 2(5) tar-Regolament bażiku, jekk il-kostijiet assoċjati mal-produzzjoni u mal-bejgħ tal-prodott ikkonċernat ma humiex riflessi b'mod raġonevoli fir-rekords tal-parti kkonċernata, dawn iridu jiġu aġġustati jew stabbiliti fuq il-bażi ta' produttori jew ta' esportaturi oħrajn fl-istess pajjiż jew, fejn din l-informazzjoni ma tkunx disponibbli jew ma tkunx tista' tintuża, fuq kull bażi oħra raġonevoli, inkluż informazzjoni minn swieq rappreżentattivi oħrajn.
- (92) Il-Kummissjoni stabbiliet li l-kost tal-materja prima tal-propan ma kienx rifless b'mod raġonevoli fir-rekords ta' SABIC minħabba r-relazzjoni tagħha mal-fornitur. Għalhekk, il-Kummissjoni ddeċidiet li taġġusta l-kost tal-propan billi żżid il-prezz imħallas minn SABIC lil Saudi Aramco sabiex tneħħi l-iskont ta' 20 % u ġġibu għal-livell tal-parametru referenzjarju użat mill-gvern tar-Renju tal-Arabja Sawdija.
- (93) Abbażi tal-aġġustamenti li saru għall-kostijiet tal-propan, il-Kummissjoni aġġustat il-kost tal-etilen użat minn SABIC fil-kost tal-produzzjoni tal-MEG.
- (94) Abbażi tal-kost aġġustat tal-manifattura, l-analiżi tal-bejgħ domestiku wriet li inqas minn 80 % tal-bejgħ domestiku kollu kien profittabbli u li l-prezz tal-bejgħ medju ponderat kien inqas mill-kost tal-produzzjoni. Għaldaqstant, il-valur normali kien ikkalkulat bħala medja ponderata tal-bejgħ profittabbli biss.

3.1.3. *Prezz tal-esportazzjoni*

- (95) Il-MEG esportat lejn l-Unjoni mir-Renju tal-Arabja Sawdija ġie mmanifatturat minn sitt produttori esportaturi, li tnejn minnhom huma impriżi konġunti ma' ExxonMobil u SPDC (kumpanija relatata ma' Mitsubishi Corporation). Imbagħad, il-MEG jiġi esportat permezz ta' tliet networks differenti ta' negozjanti u importaturi relatati fl-Unjoni: wieħed għal SABIC, wieħed għal ExxonMobil u wieħed għal SPDC.
- (96) Għalhekk, il-prezz tal-esportazzjoni ġie stabbilit fuq il-bażi tal-prezz li bih il-prodott importat reġa' nbiegħ għall-ewwel darba lil klijenti indipendenti fl-Unjoni, f'konformità mal-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku. F'dan il-każ, l-aġġustamenti għall-prezz saru għall-kostijiet kollha mġarrba bejn l-importazzjoni u l-bejgħ mill-ġdid, inkluż għall-kostijiet SG&A, u għall-profitti dovuti.
- (97) Fir-rigward tal-marġni ta' profitt, minħabba raġunijiet ta' kunfidenzjalità rigward id-data tal-importaturi mhux relatati li kkooperaw, il-Kummissjoni ddeċidiet b'mod provviżorju li tirrikorri għall-marġni ta' profitt użat fi proċediment preċedenti li jikkonċerna prodott kimiku ieħor immanifatturat minn industrija simili u importat taħt ċirkostanzi simili, jiġifieri marġni ta' profitt ta' 6,89 %⁽⁷⁾ stabbilit fl-investigazzjoni reċenti tal-PVA. F'dan l-istadju, dan il-marġni ta' profitt huwa l-aktar bażi oġġettiva disponibbli biex wieħed jasal għal stima sodisfaċenti ta' prezz ta' distakkament tal-esportazzjoni.
- (98) Matul l-investigazzjoni, l-ilmentatur issottometta dokumentazzjoni li permezz tagħha kellu raġunijiet biex jemmen li Lotte u Mitsubishi kienu daħlu f'forma ta' assoċjazzjoni jew ta' arranġament kumpensatorju fir-rigward tad-distribuzzjoni u l-bejgħ tal-MEG, inkluż fl-Unjoni. L-ilmentatur innota, bħala konsegwenza, li f'każijiet fejn jidher li l-prezz tal-esportazzjoni ma huwiex affidabbli minħabba assoċjazzjoni jew arranġament kumpensatorju bejn l-esportatur u l-importatur jew parti terza, il-prezz tal-esportazzjoni jista' jinbena fuq il-bażi tal-prezz li bih il-prodotti importati jinbiegħu mill-ġdid għall-ewwel darba lil xerrej indipendenti
- (99) Lotte ħadet b'mod qawwi li qiegħda f'assoċjazzjoni ma' Mitsubishi fir-rigward tad-distribuzzjoni u l-bejgħ tal-MEG, inkluż fl-Unjoni. L-informazzjoni rrapportata mill-ilmentatur kienet skaduta u saret referenza għaliha fl-2015, meta kienu għadhom għaddejnin diskussjonijiet bejn Lotte u Mitsubishi rigward il-possibbiltà li tinbena impriża konġunta iżda ma mmaterjalizzawx. Għaldaqstant, Lotte u Mitsubishi ma humiex relatati.
- (100) Mitsubishi ddikjarat li l-informazzjoni msemmija mill-ilmentatur hija skaduta u li ma hijiex assoċjata ma' Lotte għall-finijiet tar-Regolament bażiku. Hija ċċarat li ma hemm l-ebda arranġament kumpensatorju bejn Mitsubishi Corporation u Lotte li jista' jagħmel il-prezzijiet tal-bejgħ mill-esportazzjoni tal-MEG ta' Lotte lil Mitsubishi bħala li ma jkunux fil-kors ordinarju tal-kummerċ.

⁽⁷⁾ Il-Premessa (352) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1336, tal-25 ta' Settembru 2020 li jimponi dazji anti-dumping definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti alkoħols tal-polivinil li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L 315, 29.9.2020, p. 1).

- (101) Due to the timeframe of the investigation, the Commission could not examine these comments fully at this stage, and will further look into this matter for the purposes of the definitive determination, including on its admissibility.

3.1.4. Tqabbil

- (102) Il-Kummissjoni qabblet il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni fuq bażi ta' kif joħroġ mill-fabbrika.
- (103) Fejn kien iġġustifikat mill-hteġa li jiġi żgurat paragon ġust, il-Kummissjoni aġġustat il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni għal differenzi li jaffettwaw il-prezzijiet u l-komparabbiltà tal-prezzijiet, f'konformità mal-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku. Saru aġġustamenti għall-assigurazzjoni domestika, għall-ġarr fir-Renju tal-Arabja Sawdija, għall-kummissjoni, għall-ispejjeż tal-maniġġ u tat-tagħbija u għall-ispejjeż anċillari fir-Renju tal-Arabja Sawdija, għall-ġarr bil-baħar, għall-assigurazzjoni fuq il-baħar, għad-dazji doganali fl-UE, għall-kost tal-kreditu, għall-assistenza teknika, għall-imposti bankarji, għar-ribassi ta' tmiem is-sena u konsiderazzjonijiet oħra.

3.1.5. Marġni tad-dumping

- (104) Il-Kummissjoni qabblet il-valur normali medju ponderat tal-prodott simili mal-prezz tal-esportazzjoni medju ponderat tal-prodott ikkonċernat, f'konformità mal-Artikolu 2(11) u (12) tar-Regolament bażiku.
- (105) Għall-produtturi esportaturi l-oħrajn kollha fir-Renju tal-Arabja Sawdija, il-Kummissjoni stabbiliet il-marġni tad-dumping abbażi tal-fatti disponibbli, f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni ddeterminat il-livell ta' kooperazzjoni tal-produtturi esportaturi. Il-livell ta' kooperazzjoni huwa l-volum ta' esportazzjonijiet, tal-produtturi esportaturi li kkooperaw, lejn l-Unjoni espress bħala proporzjon tal-importazzjonijiet totali mir-Renju tal-Arabja Sawdija matul il-PI, li ġew stabbiliti abbażi tad-*data* tal-Eurostat.
- (106) Il-livell ta' kooperazzjoni f'dan il-każ huwa għoli minħabba li l-esportazzjonijiet tal-produtturi esportaturi li kkooperaw kienu jikkostitwixxu madwar 100 % tal-importazzjonijiet totali matul il-PI. Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni ddeċidiet li tistabbilixxi l-marġni ta' dumping għall-kumpaniji l-oħrajn kollha fil-livell tal-kumpanija bl-ogħla marġni ta' dumping.
- (107) Il-marġnijiet ta' dumping provviżorji, espressi bħala perċentwal tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas, huma kif ġej:

Kumpanija	Marġni tad-dumping provviżorju
Saudi Kayan petrochemical company (Saudi Kayan)	11,1 %
Yanbu National Petrochemical Company (Yansab)	11,1 %
Eastern Petrochemical Company (Sharq)	11,1 %
Saudi Yanbu Petrochemical Company (Yanpet)	11,1 %
Arabian Petrochemical Company (Petrokemya)	11,1 %
Jubail United Petrochemical Company (United)	11,1 %
Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	11,1 %

3.2. L-Istati Uniti tal-Amerika

3.2.1. Valur normali

- (108) Il-Kummissjoni l-ewwel eżaminat jekk il-volum totali tal-bejgħ domestiku għal kull produttur esportatur fil-kampjun kienx rappreżentattiv, f'konformità mal-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku. Il-bejgħ domestiku jkun rappreżentattiv jekk it-total tal-volum tal-bejgħ domestiku tal-prodott simili lill-klijenti indipendenti fis-suq domestiku għal kull produttur esportatur ikun jirrappreżenta mill-anqas 5 % tal-volum totali tal-bejgħ mill-esportazzjoni tiegħu tal-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Abbażi ta' dan, il-bejgħ totali minn kull produttur esportatur inkluż fil-kampjun tal-prodott simili fuq is-suq domestiku kien rappreżentattiv.

- (109) Minħabba li kien hemm tip ta' prodott wieħed biss mibjugħ fis-suq domestiku, u esportat ukoll lejn l-Unjoni, il-Kummissjoni ma kellhiex bżonn tivverifika r-rappreżentattività fil-livell tat-tip ta' prodott.
- (110) Imbagħad, il-Kummissjoni ddefinixxiet il-proporzjon tal-bejgħ bi profitt lil klijenti indipendenti fis-suq domestiku matul il-perjodu ta' investigazzjoni biex tiddeċiedi jekk tużax il-bejgħ domestiku attwali għall-kalkolu tal-valur normali, f'konformità mal-Artikolu 2(4) tar-Regolament bażiku.
- (111) Il-valur normali huwa bbażat fuq il-prezz domestiku attwali, irrISPETTIVAMENT minn jekk dak il-bejgħ kienx bi profitt jew le, jekk:
- (a) il-volum tal-bejgħ, mibjugħ bi prezz tal-bejgħ nett daqs jew aktar mill-kost ikkalkulat tal-produzzjoni, irrappreżenta aktar minn 80 % tal-volum totali tal-bejgħ; u
 - (b) l-prezz tal-bejgħ medju ponderat ikun daqs jew ogħla mill-kost unitarju tal-produzzjoni.
- (112) F'dan il-każ, il-valur normali huwa l-medja ponderata tal-prezzijiet tal-bejgħ domestiku matul il-PI.
- (113) Il-valur normali huwa l-prezz domestiku attwali, tal-bejgħ domestiku bi profitt biss, tat-tipi ta' prodotti matul il-PI, jekk:
- (a) il-volum tal-bejgħ bi profitt jirrappreżenta 80 % jew inqas mill-volum totali tal-bejgħ ta' dan it-tip: jew
 - (b) il-prezz medju ponderat ikun anqas mill-kost unitarju tal-produzzjoni.

3.2.2. *L-allokazzjoni tal-kostijiet għall-prodott ikkonċernat*

- (114) Abbażi tal-allokazzjoni tal-kostijiet applikata storikament mill-kumpanija, l-analiżi tal-bejgħ domestiku wriet li għal Lotte Chemicals Louisiana LLC inqas minn 80 % tal-bejgħ domestiku kollu kien profittabbli u li l-prezz tal-bejgħ medju ponderat kien aktar baxx mill-kost tal-produzzjoni. Għaldaqstant, il-valur normali kien ikkalkulat bħala medja ponderata tal-bejgħ profittabbli biss.
- (115) Għal MEGlobal Americas Inc. inqas minn 80 % tal-bejgħ domestiku kollu kien profittabbli u l-prezz tal-bejgħ medju ponderat kien ogħla mill-kost tal-produzzjoni. Għaldaqstant, il-valur normali kien ikkalkulat bħala medja ponderata tal-bejgħ profittabbli biss.

3.2.3. *Prezz tal-esportazzjoni*

- (116) Il-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun esportaw lejn l-Unjoni jew direttament lil klijenti indipendenti jew permezz ta' kumpaniji relatati.
- (117) Għall-produttur esportatur li esporta l-prodott ikkonċernat direttament lil klijenti indipendenti fl-Unjoni, il-prezz tal-esportazzjoni kien il-prezz li attwalment tħallas jew dak pagabbli għall-prodott ikkonċernat meta nbiegħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni, f'konformità mal-Artikolu 2(8) tar-Regolament bażiku.
- (118) Għall-produttur esportatur li esporta l-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni permezz ta' kumpanija relatata li taġixxi bħala importatur fl-Iżvizzera, il-prezz tal-esportazzjoni ġie stabbilit abbażi tal-prezz li bih il-prodott importat reġa' nbiegħ għall-ewwel darba lil klijenti indipendenti fl-Unjoni, f'konformità mal-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku. F'dan il-każ, l-aġġustamenti għall-prezz saru għall-kostijiet kollha mġarrba bejn l-importazzjoni u l-bejgħ mill-ġdid, inkluż għall-kostijiet SG&A, u għall-profitti dovuti. Fir-rigward ta' dan tal-aħħar, ġie applikat l-istess marġni ta' profitt kif deskritt fit-taqsima tal-prezzijiet tal-Esportazzjoni tar-Renju tal-Arabja Sawdija.

3.2.4. *Il-kostruzzjoni tal-prezz tal-esportazzjoni meta jinbiegħ lil proċessur relatat fl-Unjoni*

- (119) Għal MEGlobal Americas, xi wħud mill-bejgħ tagħhom mill-importatur relatat tagħhom fl-Unjoni kienu lil klijenti mhux relatati, u għalhekk intużat il-metodoloġija fit-taqsima 3.2.3 hawn fuq.

- (120) Madankollu, xi wħud mill-bejgħ tagħhom mill-importatur relatat tagħhom fl-Unjoni kien lil proċessur relatat tal-MEG, li mbagħad iproduċa prodott differenti (PET) għall-bejgħ lil partijiet oħrajn. Il-proċessur relatat ikkoopera mal-investigazzjoni u pprovda d-*data* kif mitlub.
- (121) Minħabba li ma kien hemm l-ebda prezz tal-bejgħ mill-ġdid skont l-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni stabbiliet prezz tal-esportazzjoni taħt "kwalunkwe bażi raġonevoli", jiġifieri l-istruttura tal-kost tal-PET.
- (122) Imbagħad, il-prezz tal-MEG stabbilit b'dan il-mod intuża biex jiġi kkalkolat il-prezz tal-esportazzjoni bl-użu tal-metodoloġija fit-taqsimu 3.2.3 hawn fuq, minħabba l-preżenza tal-importatur relatat.

3.2.5. Tqabbil

- (123) Il-Kummissjoni qabblet il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni tal-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun fuq bażi ta' kif joħroġ mill-fabbrika.
- (124) Fejn kien iġġustifikat mill-ħtieġa li jiġi żgurat paragun ġust, il-Kummissjoni aġġustat il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni għal differenzi li jaffettwaw il-prezzijiet u l-komparabbiltà tal-prezzijiet, f'konformità mal-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku. Saru aġġustamenti għall-immaniġġjar u t-tagħbija, għall-merkanzija fil-pajjiż esportatur, għall-merkanzija fuq il-baħar għall-assigurazzjoni fuq il-baħar, għad-dazju doganali u għal imposti oħra fuq l-importazzjoni, għall-merkanzija fl-Unjoni, għall-kost tal-kreditu, għall-assigurazzjoni domestika.

3.2.6. Marġnijiet tad-dumping

- (125) Għall-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun, il-Kummissjoni qabblet il-valur normali medju ponderat tal-prodott simili mal-prezz tal-esportazzjoni medju ponderat tal-prodott ikkonċernat, f'konformità mal-Artikolu 2(11) tar-Regolament bażiku.
- (126) Abbażi ta' dan, il-marġnijiet tad-dumping medji ponderati provviżorji skont l-Artikolu 2(12) espressi bħala perċentwal tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas, huma kif ġej:

Kumpanija	Marġni tad-dumping provviżorju
Lotte Chemical Louisiana LLC	8,5 %
MEGlobal Americas Inc	38,3 %

- (127) Għall-produtturi esportaturi li kkooperaw li ma humiex inklużi fil-kampjun, il-Kummissjoni kkalkolat il-marġni tad-dumping medju ponderat, f'konformità mal-Artikolu 9(6) tar-Regolament bażiku. Dak il-marġni ġie stabbilit abbażi tal-marġnijiet tal-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun.
- (128) Abbażi ta' dan, il-marġni tad-dumping provviżorju tal-produtturi esportaturi li kkooperaw u li ma humiex inklużi fil-kampjun huwa ta' 13,5 %.
- (129) Għall-produtturi esportaturi l-oħrajn kollha fl-Istati Uniti, il-Kummissjoni stabbiliet il-marġni tad-dumping abbażi tal-fatti disponibbli, f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni ddeterminat il-livell ta' kooperazzjoni tal-produtturi esportaturi. Il-livell ta' kooperazzjoni huwa l-volum ta' esportazzjonijiet, tal-produtturi esportaturi li kkooperaw, lejn l-Unjoni espress bħala proporzjon tal-importazzjonijiet totali mill-Istati Uniti matul il-PI, li ġew stabbiliti abbażi tad-*data* tal-Eurostat.
- (130) F'dan il-każ, l-esportazzjonijiet tal-produtturi esportaturi li kkooperaw kienu jikkostitwixxu madwar 59 % tal-importazzjonijiet totali matul il-PI. Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni ddeċidiet li tistabbilixxi l-marġni tad-dumping residwu fil-livell tal-marġni stabbilit għall-akbar grupp rappreżentattiv ta' tranżazzjonijiet għal kull klijent mill-produttur esportatur li kkoopera bl-ogħla marġni ta' dumping.

- (131) Il-marġnijiet ta' dumping provviżorji, espressi bħala perċentwal tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas, huma kif ġej:

Kumpanija	Marġni tad-dumping provviżorju
Lotte Chemical Louisiana LLC	8,5 %
MEGlobal Americas Inc	38,3 %
Kumpaniji oħrajn li kkooperaw	13,5 %
Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	52,0 %

4. DANNU

4.1. Id-definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni u tal-produzzjoni tal-Unjoni

- (132) Il-prodott simili ġie mmanifatturat minn 12-il produttur jew disa' gruppi ta' produtturi fl-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Dawn jikkostitwixxu l-“industrija tal-Unjoni” skont it-tifsira tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament bażiku.
- (133) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni matul il-perjodu tal-investigazzjoni kienet stabbilita għal 942 911 tunnellata. Il-Kummissjoni stabbiliet iċ-ċifra abbażi tal-informazzjoni kollha disponibbli dwar l-industrija tal-Unjoni, bħad-*data* tal-ilmentatur li ġiet kontraverifikata għall-affidabbiltà u l-kompletezza mal-informazzjoni pprovduta mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun. Id-*data* tal-produtturi tal-Unjoni li ma kkooperawx ġiet stmata mill-ilmentatur abbażi tal-intelliġenza dwar is-suq. Kif indikat fil-premessa (58), it-tliet produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun kienu jirrappreżentaw 64,1 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni tal-prodott simili.
- (134) Skont l-Artikolu 4(1) tar-Regolament bażiku, produtturi li huma relatati mal-esportaturi jew mal-importaturi Sawdi u/jew Amerikani u/jew huma, huma stess importaturi tal-prodott li allegatament huwa oġġett ta' dumping jistgħu jiġu esklużi mill-industrija tal-Unjoni. L-Artikolu 4(2) jiddefinixxi meta l-produtturi għandhom jitqiesu relatati mal-esportatur jew mal-importaturi.
- (135) SABIC sostniet li wieħed mill-ilmentaturi importa b'mod konsistenti l-MEG mir-Renju tal-Arabja Sawdija u għalhekk jenħtieġ li ma jitqiesx bħala produttur tal-Unjoni.
- (136) L-investigazzjoni żvelat li ma kienx il-produttur tal-MEG bħala tali li kien qed jimporta l-MEG mir-Renju tal-Arabja Sawdija iżda żewġ kumpaniji relatati. Dawn il-kumpaniji relatati importaw volumi marġinali ħafna ta' MEG mir-Renju tal-Arabja Sawdija matul il-perjodu ta' investigazzjoni, biex jikkomplementaw il-provvisti tagħhom b'mod puntwali. Dawn il-kumpaniji relatati huma utenti tal-MEG. Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li ma kien hemm l-ebda raġuni biex teskludi lil dan il-produttur mill-industrija tal-Unjoni.
- (137) Mitsubishi ddikjarat li wieħed mill-ilmentaturi importa l-MEG mill-pajjiżi kkonċernati u għalhekk jenħtieġ li jitqies bħala produttur tal-Unjoni.
- (138) L-investigazzjoni żvelat li l-kumpanija ma importatx il-prodott ikkonċernat mill-pajjiżi kkonċernati matul il-PI. L-importazzjonijiet preċedenti kienu marġinali ħafna biex jikkomplementaw il-produzzjoni tagħhom fil-ħin. Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li ma kien hemm l-ebda raġuni biex teskludi lil dan il-produttur mill-industrija tal-Unjoni.
- (139) SABIC sostniet ukoll li kumpanija relatata ma' produttur ta' sostenn importat ukoll il-MEG mir-Renju tal-Arabja Sawdija. Il-kumpanija ma kkooperatx u ma kien hemm l-ebda evidenza oħra disponibbli li tippermetti lill-Kummissjoni tikkonkludi li din jenħtieġ li tiġi eskluża mid-definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni. Fi kwalunkwe każ, kieku din il-kumpanija kellha tiġi eskluża, dan ma kienx ikollu impatt materjali fuq id-determinazzjoni tad-dannu u r-rabta kawżali, minħabba d-daqs limitat tagħha.
- (140) Il-Kummissjoni investigat ukoll ir-relazzjonijiet eżistenti tal-industrija tal-Unjoni mal-esportaturi jew mal-importaturi tal-prodott ikkonċernat. L-investigazzjoni wriet li wieħed mill-azzjonisti ewlenin ta' produttur tal-Unjoni li ma kkooperax huwa l-produttur tal-MEG tas-Sawdi u żewġ produtturi oħrajn tal-Unjoni li ma kkooperawx huma proprjetà tal-produtturi tal-MEG tal-Istati Uniti. Minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni ta' dawn il-kumpaniji u n-nuqqas ta' evidenza oħra disponibbli f'dan ir-rigward, il-Kummissjoni ma setgħetx tikkonkludi li dawn jenħtieġ li jiġu esklużi mid-definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni.

4.2. Determinazzjoni tas-suq rilevanti tal-Unjoni

- (141) Sabiex tistabbilixxi jekk l-industrija tal-Unjoni ġarrbitx dannu u sabiex tiddetermina l-konsum u d-diversi indikaturi ekonomiċi relatati mas-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni, il-Kummissjoni eżaminat jekk u sa liema punt l-użu sussegwenti tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni tal-prodott simili kellux jitqies fl-analiżi.
- (142) Biex tagħti stampa tal-industrija tal-Unjoni li kienet kompluta kemm jista' jkun, il-Kummissjoni kisbet *data* għall-attività kollha tal-MEG u d-determinat jekk il-produzzjoni kinitx destinata għall-użu kaptiv jew għas-suq ħieles.
- (143) Il-Kummissjoni sabet li madwar 7 % tal-konsum totali tal-Unjoni kien kaptiv matul il-perjodu ta' investigazzjoni kif muri fit-Tabella 1 ta' hawn taħt. Is-suq kaptiv naqas bi 28 % matul il-perjodu kkunsidrat.
- (144) Id-distinzjoni bejn is-suq kaptiv u s-suq ħieles hija rilevanti għall-analiżi tad-dannu minħabba li l-prodotti maħsuba għal użu kaptiv ma humiex esposti għal kompetizzjoni diretta mill-importazzjonijiet. B'kuntrast għal dan, il-produzzjoni li hija maħsuba għall-bejgħ fis-suq ħieles hija f'kompetizzjoni diretta mal-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat.
- (145) Wieħed mill-produtturi tal-MEG inklużi fil-kampjun huwa parti mill-iswapping tal-produzzjoni tal-MEG tiegħu bi skambju għal volum ekwivalenti ta' ossidu tal-etilen skont ftehim ta' swap fit-tul li jinkludi wkoll tariffa ta' konverżjoni stabbilita fiż-żmien tal-iffirmar tal-ftehim ta' swap. Il-volum tal-parti tal-MEG ta' dan il-kuntratt huwa inklużi fil-valutazzjoni tal-indikaturi makroekonomiċi, iżda huwa eskluż mill-indikaturi mikroekonomiċi peress li t-tariffa ta' konverżjoni li jirċievi l-produttur tal-Unjoni inklużi fil-kampjun ma hijiex ibbażata fuq il-kundizzjonijiet tas-suq. Madankollu, l-inklużjoni tal-bejgħ taħt dan il-ftehim ta' swap fil-valutazzjoni tal-indikaturi mikroekonomiċi ma kinitx taffettwa x-xejra ta' profittabbiltà u lanqas il-konklużjoni li l-industrija tal-Unjoni ġarrbet dannu materjali kif iddikjarat fil-premessa (197) u (206).
- (146) Il-Kummissjoni eżaminat ċerti indikaturi ekonomiċi relatati mal-industrija tal-Unjoni abbażi tad-*data* għas-suq ħieles. Dawn l-indikaturi huma: il-volum tal-bejgħ u l-prezzijiet tal-bejgħ fis-suq tal-Unjoni, is-sehem mis-suq, it-tkabbir, il-volum tal-esportazzjoni u l-prezzijiet, il-profittabbiltà, ir-redditu fuq l-investment u l-fluss tal-flus. Fejn kien possibbli u ġustifikat, is-sejbiet tal-eżami tqabblu mad-*data* għas-suq kaptiv sabiex tiġi pprovduta stampa sħiħa tas-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni.
- (147) Madankollu, indikaturi ekonomiċi oħrajn jistgħu jiġu eżaminati b'mod li jagħmel sens biss billi ssir referenza għall-attività kollha, inklużi l-użu kaptiv tal-industrija tal-Unjoni. Dawn huma: il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni, l-użu tal-kapaċità, l-investimenti, l-istokkijiet, l-impjegi, il-produttività, il-pagi u l-kapaċità li jiġi ġġenerat il-kapital. Huma jiddependu fuq l-attività kollha, kemm jekk il-produzzjoni tkun kaptiva kif ukoll jekk tinbiegħ fis-suq ħieles.

4.3. Il-konsum tal-Unjoni

- (148) Il-Kummissjoni stabbiliet il-konsum tal-Unjoni abbażi tal-bejgħ totali tal-Unjoni kif iddeterminat mill-ilmentatur flimkien mal-importazzjonijiet mill-pajjiżi terzi kollha kif irreġistrati fil-Eurostat.
- (149) Il-konsum tal-Unjoni żviluppa kif ġej:

<i>Tabella 1</i>				
Konsum tal-Unjoni (tunnellati)				
	2017	2018	2019	Perjodu ta' investigazzjoni
Konsum totali tal-Unjoni	1 687 120	1 765 864	1 755 524	1 624 170
<i>Indiċi</i>	100	105	104	96
Suq kaptiv	164 452	163 791	140 637	119 102
<i>Indiċi</i>	100	100	86	72
Suq ħieles	1 522 668	1 602 073	1 614 888	1 505 068
<i>Indiċi</i>	100	105	106	99

Sors: Eurostat, l-ilmentatur

- (150) B'mod ġenerali, il-konsum tas-suq ħieles fl-Unjoni kien pjuttost stabbli, u naqas b'1 %. Mill-2017 sal-2019, is-suq tal-Unjoni żdied b'6 % minn madwar 1 522 668 tunnellata għal 1 614 888 tunnellata qabel tnaqqis fil-perjodu ta' investigazzjoni b'6,8 % u laħaq 1 505 068 tunnellata, kważi fl-istess livell bħal fl-2017.

4.4. Importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati

4.4.1. Valutazzjoni kumulattiva tal-effetti tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati

- (151) Il-Kummissjoni eżaminat jekk l-importazzjonijiet tal-MEG li joriġinaw mill-pajjiżi kkonċernati jenħtiġux li jiġu vvalutati b'mod kumulattiv, f'konformità mal-Artikolu 3(4) tar-Regolament bażiku.
- (152) Dik id-dispożizzjoni tistipula li l-effetti tal-importazzjonijiet minn aktar minn pajjiż wieħed għandhom jiġu vvalutati b'mod kumulattiv biss jekk ikun iddeterminat li:
- (a) il-marġni tad-dumping stabbilit fir-rigward tal-importazzjonijiet minn kull pajjiż ikun aktar minn *de minimis* kif definit fl-Artikolu 9(3) u l-volum tal-importazzjonijiet minn kull pajjiż ma jkunx negliġibbli; u
 - (b) valutazzjoni kumulattiva tal-effetti tal-importazzjonijiet tkun xierqa fid-dawl tal-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni bejn il-prodotti importati u l-prodott simili tal-Unjoni.
- (153) Il-marġnijiet tad-dumping stabbiliti b'rabta mal-importazzjonijiet mill-Istati Uniti u mir-Renju tal-Arabja Sawdija kienu ogħla mil-livell limitu *de minimis* stabbilit fl-Artikolu 9(3) tar-Regolament bażiku. Il-volum tal-importazzjonijiet minn kull wieħed mill-pajjiżi kkonċernati ma kienx negliġibbli fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 5(7) tar-Regolament bażiku. Fil-fatt, l-ishma mis-suq fil-perjodu ta' investigazzjoni kienu 16,7 % għall-importazzjonijiet mill-Istati Uniti u 24,2 % mir-Renju tal-Arabja Sawdija.
- (154) Il-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni bejn l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-Istati Uniti u mir-Renju tal-Arabja Sawdija u bejn l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-pajjiżi kkonċernati u l-prodott simili kienu simili. B'mod aktar speċifiku, il-prodotti importati jikkompetu b'mod aħrax ma' xulxin u mal-MEG prodott fl-Unjoni minħabba li l-MEG huwa komodità omoġenja sensitiva ħafna għall-prezzijiet, li jinbiegħ lil kategoriji simili ta' klijenti. Filwaqt li jista' jkun hemm xi differenzi fir-rigward tal-kanali tal-bejgħ (l-industrija tal-Unjoni tbigħ direttament lill-klijenti mhux relatati, il-produtturi esportaturi tal-Istati Uniti jbigħu jew direttament jew permezz ta' importaturi/negożjanti relatati u l-produtturi esportaturi tal-Arabja Sawdija jbigħu l-aktar permezz ta' importaturi/negożjanti relatati) il-kompetizzjoni hija primarjament ibbażata fuq l-aktar prezz baxx u mhux fuq dawk il-kanali tal-bejgħ.
- (155) Barra minn hekk, l-importazzjonijiet miż-żewġ pajjiżi nbiegħu bi prezzijiet ferm aktar baxxi mill-kostijiet tal-industrija tal-Unjoni kif iddikjarat fil-premessa (211), u b'hekk jikkontribwixxu b'mod simili għat-tnaqqis fil-prezzijiet imġarrab mill-industrija tal-Unjoni kif deskritt fil-premessi (188) sa (190).
- (156) Għalhekk, il-kriterji kollha stabbiliti fl-Artikolu 3(4) tar-Regolament bażiku ġew issodisfati u l-importazzjonijiet mill-Istati Uniti u mir-Renju tal-Arabja Sawdija kienu eżaminati b'mod kumulattiv għall-iskopijiet ta' determinazzjoni tad-dannu.
- (157) SABIC iddikjarat li l-importazzjonijiet mir-Renju tal-Arabja Sawdija ma jenħtiġux li jiġu kumulati mal-importazzjonijiet mill-Istati Uniti peress li (i) l-importazzjonijiet mir-Renju tal-Arabja Sawdija u mill-Istati Uniti segwew xejriet differenti; (ii) "il-valur tal-unità medju tal-importazzjonijiet" mir-Renju tal-Arabja Sawdija kien 5 % ogħla milli mill-Istati Uniti; (iii) il-produtturi tal-Arabja Sawdija u tal-Istati Uniti jbigħu l-MEG lill-UE permezz ta' kanali differenti u bi prezzijiet differenti.
- (158) Il-Kummissjoni ma laqgħetx dawn it-talbiet. Id-deċiżjoni dwar jekk l-importazzjonijiet jenħtiġux li jiġu valutati b'mod kumulattiv jew le trid tkun ibbażata fuq il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 3(4) tar-Regolament bażiku, li f'dan il-każ ġew issodisfati kif sottolinjat fil-premessi minn (153) sa (155). L-ebda wieħed mill-aspetti mqajma minn SABIC ma jista' jqajjem dubji dwar l-adeqwatezza tal-eżaminar ta' importazzjonijiet mir-Renju tal-Arabja Sawdija flimkien ma' dawk mill-Istati Uniti.

4.4.2. Il-volum u s-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati

- (159) Il-Kummissjoni stabbilit il-volum tal-importazzjonijiet abbażi tad-data tal-Eurostat. Is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet ġie stabbilit permezz ta' tqabbil bejn il-volum tal-importazzjonijiet u l-konsum fl-Unjoni.

(160) L-importazzjonijiet lejn l-Unjoni mill-pajjiżi kkonċernati żviluppaw kif ġej:

Tabella 2
Il-volum tal-importazzjonijiet (tunnellati) u s-sehem mis-suq

	2017	2018	2019	Perjodu ta' investigazzjoni
Volum tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati (tunnellati)	481 466	574 965	703 348	663 835
<i>Indiċi</i>	100	119	146	138
Sehem mis-suq (%)	31,6	35,9	43,6	44,1
<i>Indiċi</i>	100	114	138	139
Volum tal-importazzjonijiet mill-Istati Uniti tal-Amerika (tunnellati)	57 919	73 681	209 013	270 508
<i>Indiċi</i>	100	127	361	467
Sehem mis-suq (%)	3,8	4,6	12,9	18,0
<i>Indiċi</i>	100	121	340	473
Volum tal-importazzjonijiet mir-Renju tal-Arabja Sawdija (tunnellati)	423 547	501 284	494 335	393 327
<i>Indiċi</i>	100	118	117	93
Sehem mis-suq (%)	27,8	31,3	30,6	26,1
<i>Indiċi</i>	100	112	110	94

Sors: Eurostat

(161) L-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati żdiedu bi 38 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Iż-żieda fis-sehem mis-suq kienet saħansitra aktar evidenti hekk kif is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet ikkonċernati żdied bi 12,5 punti perċentwali, minn 31,6 % fl-2017 għal 44,1 % fil-perjodu ta' investigazzjoni. Billi l-konsum kien pjuttost stabbli fil-perjodu ta' investigazzjoni meta mqabbel mal-2017, iż-żieda qawwija fis-sehem mis-suq mill-pajjiżi kkonċernati kienet b'mod ċar għad-detriment ta' parteċipanti oħrajn fis-suq, speċjalment l-industrija tal-Unjoni.

4.4.3. Il-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati u t-twaqqiġ tal-prezz

(162) Il-Kummissjoni stabbliet il-prezzijiet tal-importazzjonijiet abbażi tad-*data* tal-Eurostat. Huwa importanti li jiġi ċċarat li l-livell ta' dawn il-prezzijiet statistiċi jista' jkun differenti mill-prezzijiet ivverifikati, għall-produtturi esportaturi bħala tali li kooperaw, billi l-biċċa l-kbira tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati, b'mod partikolari għar-Renju tal-Arabja Sawdija, isiru permezz ta' importaturi/negożjanti relatati. L-informazzjoni dwar dan tal-aħħar tikkonferma x-xejriet u l-livelli ġenerali msemmija hawn taħt.

(163) Il-prezz medju ponderat tal-importazzjonijiet lejn l-Unjoni mill-pajjiżi kkonċernati żviluppa kif ġej:

Tabella 3
Il-prezzijiet tal-importazzjonijiet (EUR/tunnellata)

	2017	2018	2019	Perjodu ta' investigazzjoni
L-Istati Uniti tal-Amerika	747	775	508	441
<i>Indiċi</i>	100	104	68	59
Ir-Renju tal-Arabja Sawdija	704	746	545	470
<i>Indiċi</i>	100	106	77	67
Pajjiżi kkonċernati	709	749	534	458
<i>Indiċi</i>	100	106	75	65

Sors: Eurostat

- (164) Il-prezz medju tal-importazzjoni mill-pajjiżi kkonċernati naqas b'35 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Fil-fatt, il-prezzijiet tal-importazzjonijiet miż-żewġ pajjiżi kkonċernati naqsu, jiġifieri b'41 % mill-Istati Uniti u b'33 % mir-Renju tal-Arabja Sawdija matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Dan it-tnaqqis kien evidenti b'mod partikolari mill-2018 sal-2019 meta l-produtturi esportaturi tal-Istati Uniti żiedu s-sehem mis-suq tagħhom b'8,3 punti perċentwali għad-detriment tal-industrija tal-Unjoni, filwaqt li l-produtturi esportaturi tal-Arabja Sawdija żammew is-sehem mis-suq tagħhom billi naqsu l-prezzijiet ukoll, b'mod sinifikanti ħafna wkoll.
- (165) Il-Kummissjoni ddeterminat it-twaqqigħ tal-prezz matul il-perjodu ta' investigazzjoni billi qabblet:
- il-prezzijiet medji tal-bejgħ ponderati għal kull tip ta' prodott tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun li ġew imposti fuq klijenti mhux relatati fis-suq tal-Unjoni, aġġustati għal livell ta' kif joħroġ mill-fabbrika; u
 - il-prezzijiet medji ponderati korrispondenti għal kull tip ta' prodott tal-importazzjonijiet mill-produtturi tal-Arabja Sawdija u tal-Istati Uniti inklużi fil-kampjun lill-ewwel klijent indipendenti fis-suq tal-Unjoni, stabbiliti fuq bażi ta' kost, assigurazzjoni u nol (CIF), b'aġġustamenti xierqa għad-dazji doganali u għall-kostijiet ta' wara l-importazzjoni.
- (166) It-tqabbil tal-prezzijiet sar fuq bażi ta' tip b'tip għat-tranżazzjonijiet fl-istess livell ta' kummerċ, b'aġġustament dovut fejn meħtieġ, u wara tnaqqis tar-rifużjonijiet u tal-iskontijiet. Ir-riżultat tat-tqabbil kien espress bħala perċentwal tal-fatturat teoretiku tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Dan wera marġni ta' twaqqigħ medju ponderat tal-prezz ta' [10,7 – 13,0] % għall-importazzjonijiet mill-KSA filwaqt li fuq bażi medja ponderata tat-tranżazzjonijiet kollha taż-żewġ kumpaniji Amerikani kkonċernati ma kien hemm l-ebda twaqqigħ tal-prezz mill-importazzjonijiet tal-Istati Uniti.
- (167) Fil-perjodu ta' investigazzjoni, it-tqabbil tal-prezzijiet tal-bejgħ fuq bażi ta' tip b'tip għat-tranżazzjonijiet bħala l-istess livell ta' kummerċ, l-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati waqqgħu l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni b'medja ta' [7,6 – 9,3] %.
- (168) Filwaqt li jitqies li l-prodott ikkonċernat huwa komodità u li l-kompetizzjoni hija bbażata fil-biċċa l-kbira fuq il-prezz waħdu, u li l-prezzijiet tiegħu huma trasparenti ħafna (jiġifieri magħrufa fis-suq), marġni bħal dawn huma meqjusa bħala sinifikanti. Differenza baxxa fil-prezz hija biżżejjed biex iġġiegħel lix-xerrej ibiddel il-fornituri. Dan ġie kkonfermat ukoll mit-tweġibiet tal-utenti. Barra minn hekk, kif muri fit-tabelli 3 u 7, il-prezz tal-importazzjoni miż-żewġ pajjiżi kkonċernati kien taħt il-kost tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

4.5. Is-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni

4.5.1. *Kummenti ġenerali*

- (169) F'konformità mal-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku, l-eżami tal-impatt tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping fuq l-industrija tal-Unjoni kien jinkludi evalwazzjoni tal-indikaturi ekonomiċi kollha li kienu jinfluwenzaw l-istat tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.
- (170) Kif imsemmi fil-premissa (58), intuża l-kampjunar għad-determinazzjoni tad-dannu possibbli li ġarrbet l-industrija tal-Unjoni.
- (171) Biex tiddetermina d-dannu, il-Kummissjoni għamlet distinzjoni bejn l-indikaturi tad-dannu makroekonomiċi u dawk mikroekonomiċi. Il-Kummissjoni evalwat l-indikaturi makroekonomiċi abbażi tad-*data* li tinsab fit-tweġiba għall-kwestjonarju sottomess mill-ilmentatur. Id-*data* kienet relatata mal-produtturi kollha tal-Unjoni. Il-Kummissjoni evalwat l-indikaturi mikroekonomiċi abbażi tad-*data* inkluża fit-tweġibiet għall-kwestjonarju mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun. Iż-żewġ settijiet ta' *data* nstabu li kienu rappreżentattivi tas-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni.
- (172) L-indikaturi makroekonomiċi huma: il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni, l-użu tal-kapaċità, il-volum tal-bejgħ, is-sehem mis-suq, it-tkabbir, l-impjiegi, il-produttività, id-daqs tal-marġni tad-dumping u l-irkupru minn dumping fil-passat.
- (173) L-indikaturi mikroekonomiċi huma: il-prezzijiet medji tal-bejgħ, il-kost unitarju, il-kostijiet lavorattivi, l-inventarji, il-profittabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti, ir-redditu fuq l-investimenti u l-kapaċità li jiġi ġġenerat il-kapital.

4.5.2. L-indikaturi makroekonomiċi

4.5.2.1. Il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità

- (174) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni, il-kapaċità ta' produzzjoni u l-użu tal-kapaċità żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 4
Il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità

	2017	2018	2019	Perjodu ta' investigazzjoni
Volum tal-produzzjoni (tunnellati)	1 165 543	1 171 349	997 626	942 911
<i>Indiċi</i>	100	100	86	81
Kapaċità tal-produzzjoni (tunnellati)	1 521 000	1 521 000	1 521 000	1 478 500
<i>Indiċi</i>	100	100	100	97
Użu tal-kapaċità (%)	76,6	77,0	65,6	63,8
<i>Indiċi</i>	100	100	86	83

Sors: tweġiba vverifikata għall-kwestjonarju tal-ilmentatur

- (175) Il-volum tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni kien pjuttost stabbli sal-2018, imbagħad naqas b'14,4 % fl-2019 meta mqabbel mal-2018, u b'5,4 % fil-perjodu ta' investigazzjoni meta mqabbel mal-2019. Dan it-tnaqqis fil-volum tal-produzzjoni kkoïncida maż-żieda qawwija fil-volum tal-importazzjoni u t-tnaqqis fil-prezzijiet tal-importazzjoni osservati fl-2019, kif muri fit-Tabelli 2 u 3 hawn fuq. B'mod ġenerali, tul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, il-volum tal-produzzjoni naqas b'19 %.
- (176) Il-kapaċità tal-produzzjoni kienet kważi kostanti matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Naqas kemxejn fil-perjodu ta' investigazzjoni, anki minħabba aċċident fl-impjant ta' wieħed mill-produtturi tal-Unjoni f'Jannar 2020 ⁽⁸⁾.
- (177) L-użu tal-kapaċità kien jirrifletti x-xejra tal-volum tal-produzzjoni u naqas bi 13-il punt perċentwali matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

4.5.2.2. Il-volum tal-bejgħ u s-sehem mis-suq

- (178) Il-volum tal-bejgħ u s-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 5
Il-volum tal-bejgħ u s-sehem mis-suq

	2017	2018	2019	Perjodu ta' investigazzjoni
Volum totali tal-bejgħ fis-suq tal-Unjoni – kemm bejgħ ħieles kif ukoll kattiv (tunnellati)	1 106 652	1 105 241	972 515	889 779
<i>Indiċi</i>	100	100	88	80
Sehem mis-suq (%)	65,6	62,6	55,4	54,8
<i>Indiċi</i>	100	95	84	84
Bejgħ fis-suq kattiv (tunnellati)	164 452	163 791	140 637	119 102

⁽⁸⁾ <https://www.icis.com/explore/resources/news/2020/01/16/10459681/explosion-at-reactor-caused-iqoxe-s-blast-death-toll-rises-to-three>

<i>Indiċi</i>	100	100	86	72
Sehem mis-suq tal-bejgħ fis-suq kattiv (%)	9.7	9.3	8.0	7.3
<i>Indiċi</i>	100	95	82	75
Bejgħ fis-suq ħieles (tunnellati)	942 200	941 449	831 878	770 677
<i>Indiċi</i>	100	100	88	82
Is-sehem mis-suq tal-bejgħ fis-suq ħieles (%)	61,9	58,8	51,5	51,2
<i>Indiċi</i>			83	83

Sors: Il-Eurostat, it-tweġiba vverifikata għall-kwestjonarju tal-ilmentatur

- (179) Is-swieq totali fl-Unjoni naqas b'20 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Dan it-tnaqqis, li beda fl-2019, seħħ fl-isfond taż-żieda sinifikanti simultanja fil-volum tal-importazzjoni mill-pajjiżi kkonċernati.
- (180) Il-bejgħ għas-suq kattiv naqas bi 28 % kif ukoll matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.
- (181) Matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, il-bejgħ totali fis-suq ħieles mill-industrija tal-Unjoni naqas bi 18 %. Ix-xejra fil-bejgħ totali tal-industrija tal-Unjoni ssarfet f'telf fis-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni ta' 8,3 punti perċentwali, minn 55,8 % fl-2017 għal 47,5 % fil-perjodu ta' investigazzjoni. Matul l-istess perjodu, il-pajjiżi kkonċernati żiedu s-sehem mis-suq tagħhom minn 31,6 % fl-2017 għal 44,1 % fil-perjodu ta' investigazzjoni, jiġifieri żieda b'aktar minn 12,5-il punt perċentwali kif iddikjarat fil-premessa (161).

4.5.2.3. It-tkabbir

- (182) Iċ-ċifri ta' hawn fuq fir-rigward tal-produzzjoni, tal-volum tal-bejgħ u s-sehem mis-suq juru li l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx tikber, la f'termini assoluti u lanqas fir-rigward tal-konsum, matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

4.5.2.4. L-impjigi u l-produttività

- (183) L-impjigi u l-produttività żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 6
L-impjigi u l-produttività

	2017	2018	2019	Perjodu ta' investigazzjoni
L-għadd ta' impjegati	91	91	88	84
<i>Indiċi</i>	100	100	97	92
Produttività (tunnellati/impjegati)	12 868	12 907	11 372	11 159
<i>Indiċi</i>	100	100	88	87

Sors: tweġiba vverifikata għall-kwestjonarju tal-ilmentatur

- (184) Fid-dawl tad-deterjorament fiċ-ċirkostanzi tas-suq, l-għadd ta' impjegati tal-industrija tal-Unjoni naqas b'8 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Barra minn hekk, billi l-produzzjoni naqset saħansitra aktar, il-produttività naqset bi 13 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

4.5.2.5. Kobor tal-marġni tad-dumping u rkupru minn dumping fil-passat

- (185) Il-marġinijiet kollha tad-dumping kienu ogħla mil-livell *de minimis*. L-impatt tad-daqs tal-marġnijiet attwali tad-dumping fuq l-industrija tal-Unjoni kien sostanzjali, meta jitqiesu l-volum u l-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati u sensitività għolja fil-prezz tal-prodott ikkonċernat.
- (186) Din hija l-ewwel investigazzjoni anti-dumping dwar il-prodott ikkonċernat. Għalhekk, ma kienx hemm *data* disponibbli biex jiġu vvalutati l-effetti ta' dumping possibbli fil-passat.

4.5.3. Indikaturi mikroekonomiċi ⁽⁹⁾

4.5.3.1. Il-prezzijiet u l-fatturi li jaffettwaw il-prezzijiet

- (187) Il-prezzijiet medji ponderati tal-bejgħ ta' unità tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 7
Il-prezzijiet tal-bejgħ fl-Unjoni

	2017	2018	2019	Perjodu ta' investigazzjoni
Prezz medju tal-bejgħ fl-Unjoni fis-suq totali (EUR/tunnellata)	[688 - 841]	[722 - 882]	[509 - 622]	[418 - 511]
<i>Indiċi</i>	100	105	74	61
Prezz medju tal-bejgħ fis-suq kattiv (EUR/tunnellata)	[652 - 796]	[706 - 862]	[509 - 623]	[446 - 545]
<i>Indiċi</i>	100	108	78	68
Prezz medju tal-bejgħ ta' unità fis-suq ħieles (EUR/tunnellata)	[688 - 841]	[722 - 883]	[508 - 620]	[415 - 507]
<i>Indiċi</i>	100	105	74	60
Kost unitarju tal-produzzjoni (EUR/tunnellata)	[552 - 675]	[568 - 694]	[557 - 681]	[478 - 584]
<i>Indiċi</i>	100	103	101	87

Sors: *Produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun*

- (188) Il-prezzijiet medji tal-bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni lil partijiet mhux relatati fis-suq ħieles naqsu b'40 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. L-akbar tnaqqis fil-prezzijiet sena wara sena kien fl-2019, meta l-importazzjonijiet bi prezz baxx mill-pajjiżi kkonċernati żdiedu bi 38 % u l-konsum kien pjuttost kostanti.
- (189) Il-kost unitarju tal-produzzjoni tal-produtturi inklużi fil-kampjun kien pjuttost stabbli fil-perjodu 2017-2019, u mbagħad naqas fil-perjodu ta' investigazzjoni, għalkemm b'rata aktar baxxa mill-prezz tal-bejgħ, l-aktar minħabba l-kost aktar baxx tal-etilen, il-materja prima ewlenija għall-manifattura tal-MEG.
- (190) Dan juri l-pressjoni sinifikanti fuq il-prezzijiet ikkawżata miż-żieda qawwija fil-volum tal-importazzjonijiet bi prezzijiet oġġett ta' dumping mill-pajjiżi kkonċernati.

⁽⁹⁾ Id-*data* mill-kumpaniji tal-Unjoni inklużi fil-kampjun f'dan ir-regolament hija ppreżentata ffirxiet minħabba r-riskju li kwalunkwe kumpanija inkluża fil-kampjun twettaq inġinerija inversa tad-*data* tal-kompetituri tagħha, speċjalment minħabba li tnejn mit-tliet kumpaniji inklużi fil-kampjun huma relatati.

4.5.3.2. Il-kostijiet lavorattivi

- (191) Il-kostijiet lavorattivi medji tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 8				
Il-kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat				
	2017	2018	2019	Perjodu ta' investigazzjoni
Il-kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat (EUR)	[94 277 - 115 227]	[95 581 - 116 821]	[100 232 - 122 506]	[98 732 - 120 672]
<i>Indiċi</i>	100	101	106	105

Sors: *Produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun*

- (192) Il-kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żdiedu b'5 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Din iż-żieda hija prinċipalment dovuta għall-inflazzjoni u għal żieda żgħira fis-salarji tal-impjegati li jaħdmu fl-industrija kimika.

4.5.3.3. L-inventarji

- (193) Il-livelli tal-istokkijiet tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 9				
L-inventarji				
	2017	2018	2019	Perjodu ta' investigazzjoni
L-istokkijiet tal-għeluq (tunnellati)	[12 167 - 14 871]	[29 408 - 35 944]	[16 833 - 20 573]	[17 231 - 21 060]
<i>Indiċi</i>	100	242	138	142
L-istokkijiet tal-għeluq bħala perċentwal tal-produzzjoni (%)	[1,7 - 2,0]	[4,0 - 4,9]	[2,6 - 3,2]	[2,7 - 3,3]
<i>Indiċi</i>	100	239	155	162

Sors: *Produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun*

- (194) L-istokks tal-għeluq tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żdiedu b'42 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

- (195) L-istokks bħala perċentwal tal-produzzjoni żdiedu wkoll matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni b'62 %.

4.5.3.4. Il-profittabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti, ir-redditu fuq l-investimenti u l-kapaċità li jiġi ġġenerat kapital

- (196) Il-profittabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti u r-redditu fuq l-investimenti tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 10				
Il-profittabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti u r-redditu fuq l-investimenti				
	2017	2018	2019	Perjodu ta' investigazzjoni
Il-profittabbiltà tal-bejgħ fl-Unjoni lil klijenti mhux relatati (% tal-fatturat mill-bejgħ)	[16,7 - 20,5]	[18,6 - 22,7]	[- 8,3 - -10,2]	[-10,8 - -13,2]

<i>Indiċi</i>	100	111	-50	-64
Il-fluss tal-flus (eluf ta' EUR)	[60 866 – 74 392]	[60 197 – 73 574]	[- 7 005 – - 8 562]	[- 16 409 – - 20 056]
<i>Indiċi</i>	100	99	-12	-27
L-investimenti (eluf ta' EUR)	[5 613 – 6 860]	[1 316 – 1 609]	[1 926 – 2 354]	[2 055 – 2 512]
<i>Indiċi</i>	100	23	34	37
Redditu fuq l-investimenti (%)	[177 – 216]	[194 – 237]	[-34 – -41]	[-27 – -34]
<i>Indiċi</i>	100	110	-19	-16

Sors: Produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun

- (197) Il-Kummissjoni stabbiliet il-profittabbiltà tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun billi esprimiet il-profit nett qabel it-taxxa tal-bejgħ tal-prodott simili lil kliġenti mhux relatati fl-Unjoni bħala perċentwal tal-fatturat ta' dak il-bejgħ. Il-profittabbiltà ddeterjorat b'mod drammatiku matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni mill-2019 minħabba l-iżvilupp fil-prezzijiet medji tal-bejgħ u l-kost tal-produzzjoni deskritti fil-premessi (188) u (189). Taħt il-prezzjoni tal-volumi sinifikanti ta' importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati, l-industrija tal-Unjoni kellha tnaqqas il-prezzijiet tal-bejgħ ferm taħt il-kost tal-produzzjoni, u b'hekk irreġistrat telf kbir ta' bejn 10,8 % u 13,2 % matul il-perjodu ta' investigazzjoni.
- (198) Il-fluss tal-flus nett huwa l-kapaċità tal-produtturi tal-Unjoni li jffinanzjaw l-attivitajiet tagħhom stess. Ix-xejra fil-fluss tal-flus nett żviluppat f'it jew wisq f'konformità max-xejra fil-profittabbiltà. Sal-2018, il-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun iġġeneraw flus ta' flus pożittiv, filwaqt li mill-2019 'il quddiem irrapportaw bilanċ ta' flus dejjem aktar negattiv. B'mod ġenerali, il-fluss tal-flus naqas b'127 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Dan jipperikola serjament il-kapaċità tal-industrija tal-Unjoni li tiffinanzja l-operazzjonijiet tagħha.
- (199) L-investimenti naqsu wkoll b'67 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Kważi l-investimenti kollha saru biex jissostitwixxu l-assi fissi obsoleti. L-investimenti mmirati lejn iż-żieda fil-kapaċità jew iż-żieda fl-effiċjenza kienu marġinali, u dan jirrifletti prospetti tas-suq li qed jiddeterjoraw fid-dawl tat-tnaqqis fis-sehem mis-suq u l-profittabbiltà.
- (200) Ir-redditu fuq l-investimenti huwa l-profit f'perċentwal tal-valur kontabilistiku nett tal-investimenti. Dan żdied bi f'it fl-2018 u mbagħad naqas drastikament għal valuri negattivi matul il-bqija tal-perjodu taħt kunsiderazzjoni, li jirrifletti x-xejra fil-profittabbiltà.
- (201) It-tliet produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun huma parti minn gruppi kbar ta' kumpaniji, u għalhekk il-kapaċità tagħhom li jġġeneraw il-kapital hija aħjar minn kumpaniji awtonomi f'sitwazzjoni finanzjarja simili. Madankollu, bis-sitwazzjoni finanzjarja tagħhom li qed tiddeterjora tant b'mod sinifikanti, huwa ċar li l-kapaċità biex jġġeneraw il-kapital fil-futur tinsab f'periklu.

4.5.4. *Konklużjoni dwar id-dannu*

- (202) Il-volum tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati kiber bi 38 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Minħabba konsum pjuttost stabbli tal-Unjoni, l-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati żiedu s-sehem mis-suq tagħhom minn 31,6 % fl-2017 għal 44,1 % fil-perjodu ta' investigazzjoni. Din iż-żieda fis-sehem mis-suq saret għad-detriment tal-industrija tal-Unjoni li tilfet 10,7 punti perċentwali tas-sehem mis-suq tagħha fis-suq ħieles.
- (203) Iż-żieda fis-sehem mis-suq tal-pajjiżi kkonċernati fis-suq tal-Unjoni kienet possibbli permezz ta' pressjoni sinifikanti fuq il-prezzijiet, peress li fil-perjodu ta' investigazzjoni, l-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati kienu bħala medja [12–15]% inqas mill-kostijiet tal-industrija tal-Unjoni. Għalhekk, il-prezz tal-importazzjoni mill-pajjiżi kkonċernati naqas b'35 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Sabiex iżżomm sehem raġonevoli mis-suq u volumi ta' produzzjoni flivelli ekonomiċi, l-industrija tal-Unjoni ma kellha l-ebda għażla ħlief li tnaqqas il-prezzijiet ukoll. Għalkemm il-kost tal-produzzjoni naqas ukoll minħabba t-tnaqqis fil-prezz tal-etilen, il-prezzjoni fuq il-prezzijiet eżerċitata mill-importazzjonijiet kienet ta' tali daqs li għieghlet lill-industrija tal-Unjoni tnaqqas il-prezzijiet taħt il-kost tal-produzzjoni, b'hekk ġie rreġistrat telf sinifikanti sa tmiem il-perjodu ta' investigazzjoni.

- (204) Minħabba din is-sitwazzjoni tas-suq, l-indikaturi ewlenin kollha tad-dannu makroekonomiku wrew xejra negattiva matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Il-volum tal-produzzjoni u l-volum tal-bejgħ fis-suq ħieles naqsu bi 19 % u bi 18 % rispettivament. L-impjiegi u l-produttività naqsu b'7 % u b'13 % rispettivament.
- (205) Bl-istess mod, l-indikaturi mikroekonomiċi ewlenin iddeterjoraw ukoll. Il-prezzijiet medji tal-bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni lil partijiet mhux relatati fis-suq ħieles naqsu b'40 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni filwaqt li l-kostijiet tagħhom naqsu biss bi 13 %, u dan wassal għal deterjorament qawwi tal-profitabbiltà tagħhom, minn profitti bejn 16,7 u 20,5 fl-2017 għal telf ta' bejn 10,8 % u 13,2 % matul il-perjodu ta' investigazzjoni. L-istokks tal-għeluq żdiedu b'42 %. Il-fluss tal-flus u l-investimenti naqsu b'127 % u 63 % rispettivament.
- (206) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni f'dan l-istadju kkonkludiet li l-industrija tal-Unjoni ġarrbet dannu materjali skont it-tifsira tal-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku.
- (207) Is-CPME sostna li d-data ta' wara l-PI wriet li l-industrija tal-Unjoni kienet qed tirkupra mid-dannu allegat imġarrab fl-ewwel nofs tal-2020 peress li l-prezzijiet tal-MEG żdiedu fil-perjodu Lulju – Novembru 2020.
- (208) Din l-informazzjoni taqa' barra mill-perjodu ta' investigazzjoni u fi kwalunkwe każ hija wisq frammentarja biex wieħed jasal għal kwalunkwe konklużjoni dwar id-dumping dannuż. Għalhekk, din għet miċħuda.

5. KAWŻALITÀ

- (209) Skont l-Artikolu 3(6) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-pajjiżi kkonċernati kkawżawx dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni. F'konformità mal-Artikolu 3(7) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat ukoll jekk fatturi magħrufa oħrajn setgħux fl-istess ħin ikkawżaw dannu lill-industrija tal-Unjoni. Il-Kummissjoni żgurat li kull dannu possibbli kkawżat minn fatturi għajr l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-pajjiżi kkonċernati ma kienx attribwit għall-importazzjoni oġġett ta' dumping. Dawn il-fatturi huma: l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, il-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni, il-bejgħ kattiv, prodotti oħrajn aktar profittabbli mill-MEG, l-ispejjeż ta' deprezzament, il-kost tal-materja prima/in-nuqqas ta' kompetittività, il-pandemija tal-Covid-19, il-MEG bħala komodità nnegozjata globalment, il-prezz taż-żejt, il-“gwerri kummerċjali” bejn l-Istati Uniti u ċ-Ċina, id-depressjoni globali fil-prezzijiet matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, id-dannu kkawżat mill-parti stess u l-importazzjonijiet tal-PET fl-Unjoni.

5.1. Effetti tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping

- (210) Il-volum tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati kiber bi 38 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, u dan żied is-sehem mis-suq tagħhom minn 31,6 % fl-2017 għal 44,1 % sal-perjodu ta' investigazzjoni. Dan l-iżvilupp seħħ minkejja konsum pjuttost stabbli matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.
- (211) Il-prezzijiet tal-importazzjoni mill-pajjiżi kkonċernati naqsu b'medja ta' 35 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, b'41 % mill-Istati Uniti u b'33 % mir-Renju tal-Arabja Sawdija. Dan it-tnaqqis fil-prezzijiet tal-bejgħ kien jidher b'mod partikolari fl-2019 meta, fl-istess ħin, il-volum tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati żdied b'46 % meta mqabbel mal-2017. Fil-perjodu ta' investigazzjoni, l-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati waqqgħu l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni b'[7,6 – 9,3] % bħala medja, u bħala medja kienu [12-15] % inqas mill-kostijiet tal-industrija tal-Unjoni.
- (212) Huwa ċar li ż-żieda kbira fl-importazzjonijiet bi tnaqqis fil-prezzijiet kellha rwol sostanzjali fid-deterjorament rapidu tal-indikaturi ekonomiċi tal-industrija tal-Unjoni. Il-MEG huwa komodità omoġena mibjugħa lill-klijenti kważi esklussivament abbażi tal-prezz. Għalhekk, differenza żgħira biss fil-prezz jista' jkollha konsegwenza sinifikanti.
- (213) Fi kwalunkwe każ, irrispettivament minn kwalunkwe twaqqiġ tal-prezz, il-Kummissjoni sabet li l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping baxxew il-prezzijiet tal-produtturi tal-Unjoni għal livell fejn il-produtturi tal-Unjoni ġarrbu telf sinifikanti. Għalkemm il-kostijiet unitarji medji tal-industrija tal-Unjoni naqsu bi 13 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, dan ma kienx biżżejjed biex jikkompensa għall-effetti ta' tnaqqis serju fil-prezzijiet ikkawżat mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping. Fil-fatt, il-prezzijiet medji tal-bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni lil partijiet mhux relatati fis-suq ħieles naqsu b'40 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, tnaqqis ħafna aktar qawwi minn dak tal-kostijiet tagħhom. B'riżultat ta' dan, l-industrija tal-Unjoni, li rreġistrat il-profitti qabel l-influss tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping, ma kinitx profittabbli ħafna mill-2019 'il quddiem, u rreġistrat telf ta' bejn 8,3 % u 10,2 % fl-2019 u bejn 10,8 % u 13,2 % fil-perjodu ta' investigazzjoni. Dan it-telf sinifikanti jixħet dubju fuq il-każ tan-negozju għall-kontinwazzjoni tal-attività tal-industrija tal-Unjoni kollha kemm hi.

5.2. Effetti ta' fatturi oħrajn

5.2.1. Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi

(214) Il-volum tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn żviluppa kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 11
L-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi

Pajjiż		2017	2018	2019	Perjodu ta' investigazzjoni
Ir-Russja	Volum (tunnellati)	20 295	10 113	14 494	20 126
	<i>Indiċi</i>	100	50	71	99
	Sehem mis-suq (%)	1,3	0,6	0,9	1,3
	Prezz medju (EUR/tunnellata)	727	810	527	394
	<i>Indiċi</i>	100	111	72	54
Il-Kuwajt	Volum (tunnellati)	0	11 820	15 767	9 319
	<i>Indiċi</i>		100	133	79
	Sehem mis-suq (%)	0,0	0,7	1,0	0,6
	Prezz medju (EUR/tunnellata)		492	358	320
	<i>Indiċi</i>		100	73	65
Pajjiżi terzi oħra	Volum (tunnellati)	78 707	63 725	49 400	41 110
	<i>Indiċi</i>	100	81	63	52
	Sehem mis-suq (%)	5,2	4,0	3,1	2,7
	Prezz medju (EUR/tunnellata)	778	878	670	571
	<i>Indiċi</i>	100	113	86	73
Total tal-pajjiżi terzi kollha ħlief il-pajjiżi konċernati	Volum (tunnellati)	99 002	85 658	79 661	70 556
	<i>Indiċi</i>	100	87	80	71
	Sehem mis-suq (%)	6,5	5,3	4,9	4,7
	Prezz medju (EUR/tunnellata)	768	817	582	487
	<i>Indiċi</i>	100	106	76	63

Sors: Eurostat

(215) L-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati kienu jammontaw għal madwar 90 % tal-importazzjonijiet totali fl-Unjoni fl-2019 u fil-perjodu ta' investigazzjoni. L-importazzjonijiet mir-Russja u mill-Kuwajt kienu jirrappreżentaw 2,7 % u 1,3 % rispettivament tal-importazzjonijiet totali tal-Unjoni fil-perjodu ta' investigazzjoni.

- (216) L-importazzjonijiet mir-Russja naqsu b'1 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni u s-sehem mis-suq tagħha naqas fl-2018 u fl-2019 qabel ma żdied fil-perjodu ta' investigazzjoni għall-istess livell bħal fl-2017, jiġifieri b'1,2 %. Il-prezz medju tal-importazzjoni mir-Russja kien oġġla fl-2017 u fl-2018 u aktar baxx fl-2019 u fil-perjodu ta' investigazzjoni mill-prezzijiet tal-importazzjoni mill-pajjiżi kkonċernati.
- (217) L-importazzjonijiet mill-Kuwajt naqsu b'21 % bejn l-2018 u l-perjodu ta' investigazzjoni (ma kien hemm l-ebda importazzjoni mill-Kuwajt fl-2017) u s-sehem mis-suq tiegħu naqas minn 0,7 % għal 0,6 % matul l-istess perjodu. Il-prezzijiet medji tal-importazzjoni mill-Kuwajt kienu aktar baxxi mill-prezzijiet tal-importazzjoni mill-pajjiżi kkonċernati.
- (218) L-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra u s-sehem mis-suq tagħhom naqsu bi kważi nofs matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni u laħqu sehem mis-suq ta' 2,7 % fil-perjodu ta' investigazzjoni. Il-prezzijiet tal-importazzjoni minn pajjiżi terzi oħra kienu oġġla mill-prezzijiet tal-importazzjoni mill-pajjiżi kkonċernati matul il-perjodu kollu kkunsidrat.
- (219) Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni kkonkludiet b'mod provviżorju li l-evoluzzjoni tal-importazzjonijiet minn pajjiżi oħra jista' jkollha biss impatt marġinali fuq is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni, jekk ikun hemm.

5.2.2. Prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni

- (220) Il-volum tal-esportazzjonijiet tal-produtturi tal-Unjoni żviluppa kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 12
Il-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni

	2017	2018	2019	Perjodu ta' investigazzjoni
Volum totali tal-esportazzjoni (tunnellati)	46 427	29 730	23 329	23 743
<i>Indiċi</i>	100	66	48	53
Prezz medju tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun (EUR/tunnellata)	[681 - 833]	[734 - 898]	[483 - 590]	[343 - 419]
<i>Indiċi</i>	100	108	71	50

Sors: Il-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun u t-tweġiba vverifikata għall-kwestjonarju tal-ilmentatur

- (221) L-esportazzjonijiet tagħhom kienu jirrappreżentaw medja ta' madwar 3 % tal-produzzjoni totali matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni kif ukoll fil-perjodu ta' investigazzjoni.
- (222) B'mod ġenerali, l-esportazzjonijiet tal-industrija tal-Unjoni u l-prezzijiet tagħhom naqsu b'47 % u b'50 % rispettivament.
- (223) Minħabba s-sehem limitat u li qed jonqos tal-bejgħ mill-esportazzjoni fil-produzzjoni totali tal-industrija tal-Unjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet b'mod provviżorju li l-prestazzjoni tal-esportazzjoni ma kkontribwietx għad-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.
- (224) Mitsubishi Corporation iddikjarat li l-prestazzjoni dgħajfa tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni kienet il-kawża ta' dannu għall-industrija tal-Unjoni.
- (225) Il-Kummissjoni ma qablitx ma' din l-affermazzjoni. L-industrija tal-Unjoni ma hijiex orjentata lejn l-esportazzjoni peress li d-domanda fis-suq tal-Unjoni hija oġġla mill-kapaċità tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni. L-industrija tal-Unjoni lanqas ma kienet orjentata lejn l-esportazzjoni fl-2017 u fl-2018 meta rreġistrat profitti pożittivi.

5.2.3. Bejgħ kattiv

- (226) Kif muri fit-Tabella 1, fil-perjodu taħt kunsiderazzjoni, il-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni lis-suq kattiv naqas b'28 %. Madankollu, dan kien jirrappreżenta parti relattivament żgħira mill-produzzjoni totali tal-industrija tal-Unjoni, jiġifieri 12,6 %.

- (227) Filwaqt li jitqies id-daqs limitat tas-suq kattiv, l-iżviluppi tiegħu ma jikkontribwixxu bl-ebda mod sinifikanti għad-deterjorament tal-industrija tal-Unjoni u lanqas ma jispjegaw id-deterjorament tagħha.

5.2.4. *Prodotti oħra aktar profittabbli mill-MEG*

- (228) Diversi partijiet interessati (CPME, Artec, HELM, Oxyde) iddikjaraw li d-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni kien dovut għad-deċiżjoni tagħha li tiffoka fuq prodotti aktar profittabbli għajr il-MEG peress li l-produtturi tal-MEG jistgħu jaqilbu l-produzzjoni tagħhom minn MEG għal derivattivi oħrajn tal-ossidu tal-etilen. Ġie argumentat ukoll li din id-deċiżjoni wasslet għal żieda fil-kostijiet fissi għal kull unità għall-produzzjoni tal-MEG. Barra minn hekk, Artec sostniet li l-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità tal-MEG ma jistgħux jitqiesu b'mod separat miż-żieda fil-produzzjoni tad-derivattivi tal-ossidu tal-etilen fuq l-istess linji ta' produzzjoni. Barra minn hekk, hija argumentat li l-profittabbiltà tal-MEG ukoll ma tistax titqies b'mod separat mill-profittabbiltà tad-derivattivi tal-ossidu tal-etilen.
- (229) L-investigazzjoni ma kkonfermatx dawn l-allegazzjonijiet. L-industrija tal-Unjoni tibqa' impenjata li timmanifattura l-MEG fl-Unjoni. Fil-fatt, il-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun qed jimmanifatturaw l-etilen fi ħdan il-grupp u, minbarra li jużawh internament għall-produzzjoni tal-MEG u prodotti oħra, ibigħuh ukoll lil partijiet oħrajn. Għalhekk, il-produtturi tal-MEG għandhom aċċess għal biżżejjed ossidu tal-etilen biex jimmanifatturaw biżżejjed MEG kif ukoll derivattivi oħrajn tal-ossidu tal-etilen f'konformità mal-kapaċità tal-produzzjoni tagħhom. L-industrija tal-Unjoni qed tippjana wkoll li żżid il-kapaċità tal-produzzjoni tal-ossidu tal-etilen kif ġie enfasizzat ukoll minn diversi partijiet interessati bħal HELM. L-industrija tal-Unjoni kienet sfurzata tnaqqas il-produzzjoni tal-MEG peress li l-prezz tal-bejgħ tagħha kien ferm taħt il-kost tal-produzzjoni minħabba l-prezzjoni fuq il-prezzijiet eżerċitata mill-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati. Ladarba l-kundizzjonijiet ekwi jiġu stabbiliti mill-ġdid fis-suq tal-Unjoni, l-industrija tal-Unjoni se tkompli timmanifattura l-MEG f'volumi ogħla kif għamlet qabel iż-żieda fl-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati.
- (230) B'riżultat ta' dan, kwalunkwe impatt fuq il-kostijiet fissi jirriżulta direttament mill-impatt negattiv tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping, mhux mill-produzzjoni tad-derivattivi tal-ossidu tal-etilen.
- (231) Barra minn hekk, l-industrija tal-Unjoni ma hijiex qed timmanifattura prodotti oħrajn bħad-derivattivi tal-ossidu tal-etilen fuq l-istess linja ta' produzzjoni bħall-MEG. L-indikaturi tad-dannu vvalutati fil-premessi (174) sa (201) huma limitati għall-produzzjoni u l-bejgħ tal-MEG biss. Għalhekk, il-profittabbiltà tal-MEG ma tistax tkun marbuta mal-profittabbiltà ta' prodotti oħrajn bħad-derivattivi tal-ossidu tal-etilen peress li dawn il-prodotti ma humiex koperti mill-investigazzjoni. Għalhekk, dawn l-affermazzjonijiet ġew miċħuda.

5.2.5. *Spejjeż ta' deprezzament*

- (232) Diversi partijiet interessati (Artec, HELM, Oxyde) argumentaw li l-prestazzjoni tal-industrija tal-Unjoni ddeterjorat minħabba l-livelli għoljin tal-ispejjeż ta' deprezzament.
- (233) L-investigazzjoni sabet li l-ispejjeż ta' deprezzament ma humiex għoljin, u jirrappreżentaw bejn 1 % u 3 % fil-kost tal-produzzjoni. Għalhekk, dawn ma kellhomx impatt notevoli fuq il-prestazzjoni finanzjarja tal-industrija tal-Unjoni. Għalhekk, l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

5.2.6. *Il-kost tal-materja prima/in-nuqqas ta' kompetittività*

- (234) Diversi partijiet interessati, (Mitsubishi Corporation, Artec, Oxyde), affermaw li l-prestazzjoni ddeterjorata tal-industrija tal-Unjoni kienet dovuta għal kost ogħla tal-produzzjoni meta mqabbla mal-produtturi fil-pajjiżi kkonċernati peress li l-produtturi tal-Unjoni jużaw materja prima aktar għalja (nafta) mill-kompetituri tagħhom fl-Istati Uniti u fl-Arabja Sawdija (gass tax-shale u etan) biex jimmanifatturaw l-etilen u għalhekk ma kinux kompetittivi. Artec sostniet ukoll li l-proċess tal-produzzjoni fl-Istati Uniti u fir-Renju tal-Arabja Sawdija kien qed jipproduċi inqas prodotti sekondarji u b'hekk għamel l-impjanti orħos biex jinbnew u inqas ikkumplikati biex jiġu operati. Barra minn hekk, hija argumentat li l-profittabbiltà tal-industrija tal-Unjoni kienet imnaqqsa minħabba l-kostijiet għoljin tal-enerġija.
- (235) Il-Kummissjoni ma qablitx ma' din l-allegazzjoni. Filwaqt li huwa minnu li l-produtturi tal-Istati Uniti u tal-Arabja Sawdija seta' kellhom xi vantaġġ f'termini ta' kost f'ċerti materja prima, dan ma waqqafx lill-industrija tal-Unjoni milli tirreġistra marġnijiet ta' profitt għoljin fl-2017 u fl-2018 kif muri fit-Tabella 10, jiġifieri qabel iż-żieda għolja fl-importazzjonijiet bi prezzijiet dejjem jonqsu b'moddrastiku mill-pajjiżi kkonċernati. Għalhekk huma l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping, u mhux il-materja prima differenti użata, li kkontribwew għas-sitwazzjoni finanzjarja mwiegħra tal-industrija tal-Unjoni.

- (236) Fir-rigward tal-affermazzjoni dwar il-prodotti sekondarji, Artec ma ssostanzjatz l-affermazzjoni tagħha b'xi evidenza u ma speċifikatx eżattament għal liema prodott sekondarji għamlet referenza. Il-Kummissjoni tista' tassumi biss li Artec kienet qed tirreferi għall-glikoli l-oħrajn li huma ġġenerati fil-proċess tal-manifattura tal-MEG bħad-dietilenglikol (DEG) u t-trietilenglikol (TEG). Madankollu, dawn il-prodotti huma ġġenerati fil-proċess tal-manifattura tal-MEG irrispettivament mill-materja prima użata għall-manifattura tal-etilen. Filwaqt li jista' jkun hemm xi varjazzjonijiet f'termini ta' volum għat-TEG u d-DEG minn produttur għall-ieħor, dawn il-varjazzjonijiet huma dojq u għalhekk ma jstax ikollhom impatt kbir fuq il-prestazzjoni ta' produttur. Madankollu, hemm suq għad-DEG u għat-TEG u għalhekk dawn il-prodotti jġġeneraw dħul għall-kumpaniji. Fir-rigward tal-kostruzzjoni u l-operazzjoni ta' dawn l-impjanti, Artec għal darb'oħra ma ssostanzjax l-affermazzjoni tagħha. Il-pjanti tal-MEG huma awtomatizzati għal kollox fl-Unjoni, u jeħtieġu involviment minimu ta' xogħol peress li l-proċess tal-manifattura tal-MEG huwa pjuttost sempliċi. Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-kostijiet tal-enerġija, l-investigazzjoni żvelat li dawn jirrappreżentaw madwar 3 % fil-kost tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni u għalhekk ma setax ikollhom impatt kbir fuq il-kompetittività tal-industrija tal-Unjoni. Għalhekk, dawn l-affermazzjonijiet ġew miċħuda.

5.2.7. Il-pandemija tal-Covid-19

- (237) Diversi partijiet interessati (CPME, Artec, HELM, Oxyde) iddikjaraw li l-pandemija tal-Covid-19 kellha impatt fuq l-industrija tal-MEG tal-Unjoni fl-ewwel trimestru tal-2020 u saħansitra aktar fit-tieni trimestru tal-2020. Is-CPME sostna li t-tnaqqs fil-produzzjoni u fil-bejgħ tal-MEG fl-Unjoni segwa tnaqqis fid-domanda tal-Unjoni għall-MEG minħabba l-pandemija tal-Covid-19. B'mod partikolari, dan argumenta li l-waqfien tal-bejgħ tal-karozzi (u tal-manifattura tal-karozzi) u tat-titjiriet matul il-lockdown wassal għal tnaqqis fid-domanda tal-UE għall-MEG użat għall-produzzjoni ta' fluwidi kontra l-iffriżar u għat-tneħħija tas-silġ.
- (238) L-investigazzjoni żvelat li s-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni bdiet tiddeterjora b'mod sinifikanti diġà fl-2019, ferm qabel ma bdiet il-pandemija tal-Covid-19 fl-Unjoni fil-bidu tal-2020. L-ebda wieħed mill-produtturi tal-Unjoni ma għalaq is-siti tal-produzzjoni tiegħu matul il-pandemija, ħlief għal operazzjonijiet ta' manutenzjoni. Barra minn hekk, l-effetti tal-pandemija fuq il-konsum tal-Unjoni kienu mħallta, b'inqas domanda għall-berrieda tal-magni tal-karozzi li ġiet ikkumpensata b'żieda fid-domanda għall-PET għall-imballaġġ protettiv essenzjali għall-ilma, għall-ikel u għas-sanitizzanti tal-idejn matul it-tifqigħa, li ġiet enfaszata wkoll minn SABIC.
- (239) Filwaqt li għalhekk il-konsum naqas b'1 % moderat matul il-perjodu ta' investigazzjoni meta mqabbel mal-2017, il-produzzjoni mill-industrija tal-Unjoni naqset bi 19 %, l-użu tal-kapaċità bi kważi 14-il punt perċentwali, il-bejgħ fis-suq ħieles b'20 %, u s-sehem mis-suq bi 10,7 punti perċentwali.
- (240) Fil-qosor, filwaqt li ma huwiex eskluż li l-pandemija tal-Covid-19 kellha ċertu impatt fuq is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni fi tmiem il-perjodu ta' investigazzjoni, din ma kinitx il-kawża ewlenija tad-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.

5.2.8. Il-MEG bħala komodità mnegozjata globalment

- (241) Artec u Oxyde affermaw li l-importazzjonijiet mill-Istati Uniti u mir-Renju tal-Arabja Sawdija fl-Unjoni ma influwenzawx il-mekkaniżmu tal-iffissar tal-prezzijiet għall-MEG, peress li kien prodott innegozjat globalment u li l-ilmentatur stabbilixxa l-Prezz tal-Kuntratt Ewropew ("ECP"). Barra minn hekk, ġie argumentat li (i) dawn il-prezzijiet jirriflettu l-prezzijiet fis-suq Asjatiku, peress li ċ-Ċina hija l-akbar suq tal-MEG globalment u (ii) il-prezzijiet għall-MEG isegwu mill-qrib ix-xejra tal-prezzijiet għall-materja prima essenzjali tagħha, jiġifieri, l-etilen. Barra minn hekk, ġie ddikjarat li d-distakk bejn il-prezzijiet tal-etilen u l-prezzijiet tal-MEG kiber minn Marzu 2019 sa Marzu 2020, allegatament wara l-impatt tas-sitwazzjoni globali tal-provvista/tad-domanda xprunata miċ-Ċina għall-MEG, u li l-profittabbiltà tal-produtturi tal-Unjoni kienet affettwata b'mod negattiv b'riżultat taż-żieda fil-firxa.
- (242) Din l-affermazzjoni hija fattwalment żbaljata. Il-produtturi tal-Unjoni tal-MEG ma jiffissawx il-Prezz tal-Kuntratt Ewropew ("ECP"). L-ECP huwa indikazzjoni ta' prezz fl-UE f'mument partikolari, indiċi. F'suq b'diversi xerrejja u bejjiegħa, prezz huwa l-ekwilibriju bejn il-provvista u d-domanda fis-suq, u għalhekk ma jstax jiġi stabbilit minn parti waħda jew minn diversi partijiet b'mod indipendenti mill-oħrajn. Bejjiegħ waħdu ma jstax jistabbilixxi l-prezz ta' tranżazzjoni. Peress li l-ilmentatur huwa fuq in-naħa tal-bejgħ biss, ma jstax jimmanipula dan l-indiċi. Fil-prattika, diversi fornituri tad-data jirrapportaw l-ECP. Dawn ir-rapporti huma stabbiliti u ppubblikati minn konsulenti indipendenti tas-suq. Aħna nġhoddu erba' fornituri ewlenin: ICIS⁽¹⁰⁾, IHS⁽¹¹⁾, Wood Mackenzie

⁽¹⁰⁾ <https://www.icis.com/explore/>

⁽¹¹⁾ <https://ihsmarkit.com/index.html>

Chemicals ⁽¹²⁾ u Tecnon ⁽¹³⁾. Dawn il-konsulenti tas-suq jiddependu fuq stħarriġiet anonimi li jiġbru l-prezzijiet miftiehma bejn ix-xerrejja u l-bejjiegħa. B'mod ġenerali, l-ECPs irrapportati minn dawn id-ditti huma ġeneralment allinjati. Il-parteċipazzjoni fl-istħarriġiet tal-ECP hija miftuħa wkoll għal kwalunkwe parti li tbiġh jew tixtri l-MEG b'mod materjali fis-suq inkluż l-importaturi. Fil-fatt, l-ECP isegwi sa ċertu punt il-prezz tal-MEG fl-Asja u l-evoluzzjoni tal-prezz tal-etilen, bħala l-materja prima ewlenija, u għandu influwenza fuq il-prezz tal-bejgħ tal-MEG.

- (243) Fis-suq tal-Unjoni, il-MEG jinbiegħ taħt kuntratt fit-tul jew bejgħ ta' konsenja f'darba ("bejgħ immedjat"). Huwa stmat li l-bejgħ li sar skont termini kuntrattwali jirrappreżenta madwar 80 % tal-bejgħ totali fl-Unjoni u l-bejgħ immedjat jammonta għall-20 % li jifdal. Fil-bejgħ tal-kuntratt, il-formula tal-prezz hija bbażata fuq l-ECP imnaqqas skont. Filwaqt li l-ECP huwa indiċi ta' kull xahar ippubblikat mill-intelliġenza dwar is-suq kif spjegat fil-premessa (242), l-iskont huwa kunfidenzjali. Il-kompetizzjoni bejn il-bejjiegħa qiegħda fuq l-iskont. Il-prezz kuntrattwali jiġi nnegozjat fuq bażi ta' kull xahar u huwa influwenzat mill-prezzijiet spot peress li l-MEG huwa komodità nnegozjata f'suq trasparenti ħafna fejn l-atturi tas-suq jadattaw malajr għas-sitwazzjoni maħluqa mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping. L-esportaturi tal-Istati Uniti u tal-Arabja Sawdija, anke jekk jorbtu l-prezz tal-bejgħ tagħhom fis-suq tal-Unjoni mal-ECP, naqqsu l-prezz tal-bejgħ tal-MEG billi żiedu l-iskont offrut lix-xerrejja. Għalhekk, l-effetti dannużi fis-suq tal-Unjoni ma jistgħux jiġu attribwibbli għall-indiċi tal-ECP bħala tali. Id-dannu kien ikkawżat mill-influss ta' importazzjonijiet bi prezz baxx fis-suq tal-Unjoni li baxxew il-prezzijiet spot u kuntrattwali għall-benefiċċju tax-xerrejja. Għalhekk, dawn l-affermazzjonijiet ġew miċħuda.

5.2.9. Prezz taż-żejt

- (244) Is-CPME u s-CIRFS affermaw li t-tnaqqis fil-prezz taż-żejt li seħħ fit-tieni parti tal-perjodu ta' investigazzjoni kien il-kawża għal tnaqqis fil-prezz għall-MEG fl-Unjoni u mhux l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-pajjiżi kkonċernati.
- (245) Kif iddikjarat fil-premessa (234), fl-Unjoni, il-produzzjoni tal-etilen hija bbażata fuq in-nafta, prodott miksub permezz tar-raffinar taż-żejt mhux maħdum. Għalhekk, l-evoluzzjoni tal-prezz taż-żejt tinfluwenza l-kost u l-prezz tal-etilen kif ukoll il-kost u l-prezz tal-MEG. Kif spjegat fil-premessa (205), il-kost tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni naqas bi 13 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, filwaqt li l-prezz tal-bejgħ tal-MEG naqas b'ħafna aktar, jiġifieri b'40 %. Għalhekk, l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

5.2.10. Il-"gwerrija kummerċjali" bejn l-Istati Uniti u ċ-Ċina

- (246) F'Awwissu 2018, iċ-Ċina imponiet dazji addizzjonali fuq l-importazzjonijiet ta' 25 % fuq il-MEG tal-Istati Uniti, li allegatament waslu lill-produtturi tal-Istati Uniti biex jittrasferixxu l-esportazzjonijiet miċ-Ċina lejn l-Unjoni. Għalhekk, diversi partijiet interessati (Mitsubishi Corporation, Arteco, Oxyde) affermaw li d-deterjorament tar-relazzjonijiet kummerċjali bejn iċ-Ċina u l-Istati Uniti kien il-kawża ewlenija tad-dannu. Il-partijiet argumentaw li, wara l-introduzzjoni tal-2020 ta' eżenzjonijiet temporanji ta' dawn it-tariffi, is-sitwazzjoni fis-suq tal-Unjoni tirtorna għall-*status quo ante*.
- (247) Dawn il-kunsiderazzjonijiet huma irrilevanti, peress li l-istandard legali stabbilit mir-Regolament bażiku u l-ADA tad-WTO huwa l-eżistenza tad-dannu kkawżat minn importazzjonijiet oġġett ta' dumping—mhux il-kunsiderazzjonijiet politiċi jew kunsiderazzjonijiet estranji oħra li jistgħu jkunu marbuta ma' tali Prattiki. Fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni tosserva li għalkemm ir-restrizzjonijiet kienu fil-fatt inqas stretti, it-tariffi addizzjonali jkomplu japplikaw bħala regola u ma huwiex ċar kif se tevolve s-sitwazzjoni. Barra minn hekk, l-industrija tal-MEG tal-Istati Uniti hija orjentata lejn l-esportazzjoni b'żieda fil-kapaċità tal-produzzjoni. Barra minn hekk, l-industrija Ċiniża tal-MEG qed iżżid ukoll il-kapaċità tal-produzzjoni bil-għan li ssir awtosuffiċjenti. Għalhekk, il-produtturi tal-Istati Uniti x'aktarx li jkomplu l-interess qawwi tagħhom fis-suq tal-Unjoni, irrispettivament minn kwalunkwe tilwima bejn l-Istati Uniti u ċ-Ċina.

⁽¹²⁾ <https://www.woodmac.com/research/products/chemicals-polymers-fibres/>

⁽¹³⁾ <https://www.orbichem.com/chemical-data-portfolio/ethylene-glycol-ethylene-oxide>

5.2.11. *Tnaqqis globali fil-prezzijiet matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni*

- (248) Diversi partijiet interessati (Mitsubishi, CIRFS) iddikjaraw li d-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni kkoinċida ma' wieħed mill-akbar tnaqqis fil-prezzijiet globali tal-MEG matul l-aħħar għaxar snin, li ma kienx esklużiv għas-suq tal-Unjoni iżda kien konformi mal-prezzijiet fis-suq globali. Ġie ddikjarat li ż-żieda sinifikanti fil-kapaċità globali tal-MEG u n-nuqqas ta' domanda globali korrispondenti – lejn l-aħħar tal-2018 biss, z-diedet kapaċità addizzjonali ta' [1,5-2,5] miljun tunnellata fis-sena fiċ-Ċina. Minn Novembru 2019, il-kapaċità globali totali tal-MEG kienet ta' madwar [37,5-38,5] miljun tunnellata fis-sena li tirrappreżenta eċċess fil-provvista ta' madwar [10-20] %, filwaqt li z-diedet kapaċità addizzjonali sinifikanti matul l-2020. Għalhekk, id-dannu allegatament kien ikkawżat mill-prezzijiet storiċi baxxi fis-swieq globali aktar milli minn kwalunkwe dumping.
- (249) Dawn il-kunsiderazzjonijiet jistgħu jipprovdu tajjeb spjegazzjoni aħħarija għaliex l-importazzjonijiet inbiegħu bi prezzijiet oġġett ta' dumping fl-Unjoni. Iżda jibqa' l-fatt li daww l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping iġġenerati permezz tal-prezz imsemmi hawn fuq u l-volum jaffettwaw id-dannu materjali għall-industrija tal-Unjoni—l-istandard legali applikabbli stabbilit mir-Regolament bażiku u mill-ADA tad-WTO, li ma jipprevedux analiżi tar-raġunijiet sottostanti għad-deċiżjoni ta' dumping. L-investigazzjoni żvelat li tabilħaqq hemm kapaċità żejda globali tal-produzzjoni tal-MEG. Il-produtturi tal-Arabja Sawdija u tal-Istati Uniti żiedu b'mod sinifikanti l-kapaċità tal-produzzjoni tagħhom u huwa smat li l-esportaturi tal-Istati Uniti se jżidu l-kapaċità tal-produzzjoni biex jilhqqu madwar 6 miljun tunnellata fis-sena. Minħabba din il-kapaċità żejda, il-produtturi esportaturi tal-Istati Uniti u tal-Arabja Sawdija kienu qed ifittxu swieq u għalhekk biegħu volumi sinifikanti ta' MEG fis-suq tal-Unjoni bi prezzijiet oġġett ta' dumping matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Għalhekk, l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

5.2.12. *Dannu kkaġunat mill-parti stess*

- (250) SABIC sostniet li produttur wieħed tal-Unjoni kkuntattja lil SABIC biex jikkummerċjalizza l-MEG fis-suq tal-Unjoni u li diversi kumpaniji relatati mal-produtturi tal-Unjoni (kif iddikjarat fil-premessa (40)) importaw il-MEG mir-Renju tal-Arabja Sawdija u dan ikkawża dannu kkawżat mill-parti stess.
- (251) Fir-rigward tal-affermazzjoni li produttur wieħed tal-Unjoni kkuntattja lil SABIC biex jikkummerċjalizza l-MEG tal-Arabja Sawdija fis-suq tal-Unjoni, l-investigazzjoni żvelat li l-kuntratt ma kienx ġie ffinalizzat bejn SABIC u l-produttur tal-Unjoni kkonċernat. Barra minn hekk, f'dan ir-rigward, il-produttur tal-Unjoni nnifsu kkuntattja lill-SABIC, minħabba t-tnaqqis fil-prezzijiet fis-suq tal-Unjoni li kkawża telf sinifikanti, dan il-produttur kien qed ifittex għażliet oħra biex ikompli jopera fis-suq tal-MEG tal-Unjoni. Din hija indikazzjoni oħra tas-sitwazzjoni diffiċli fl-industrija tal-Unjoni. Għalhekk, l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

5.2.13. *Importazzjonijiet tal-PET fl-Unjoni*

- (252) Diversi partijiet interessati, Arteco, HELM, u Oxyde affermaw, mingħajr l-ebda evidenza ta' appoġġ, li ż-żieda fl-importazzjonijiet tal-PET fl-Unjoni affettwaw il-konsum tal-MEG.
- (253) Din l-affermazzjoni hija fattwalment żbaljata. L-importazzjonijiet tal-PET fl-Unjoni varjaw matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Barra minn hekk, kif iddikjarat fil-premessa (150), il-konsum fis-suq ħieles kien pjuttost stabbli sa tmieġ il-perjodu ta' investigazzjoni. Għaldaqstant, l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

Tabella 13
Total tal-importazzjonijiet tal-PET

	2017	2018	2019	Perjodu ta' investigazzjoni
Volum	706 254 645	704 017 403	877 616 849	797 676 108
Indiċi	100	100	124	113

Sors: Eurostat

5.3. Konklużjoni dwar il-kawżalità

- (254) Kien hemm koinċidenza ċara fiż-żmien bejn iż-żieda sostanzjali fl-importazzjonijiet bi prezzijiet oġġett ta' dumping u s-sehem mis-suq tal-pajjiżi kkonċernati u t-tnaqqis sinifikanti fil-bejgħ u fis-sehem mis-suq tal-produtturi tal-Unjoni, flimkien mat-tnaqqis fil-prezzijiet, u s-sitwazzjoni finanzjarja deterjorata tal-industrija tal-Unjoni.
- (255) Il-Kummissjoni ddistingwiet u sseparat l-effetti tal-fatturi kollha magħrufa dwar is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni mill-effetti dannużi tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping. L-effett tal-fatturi l-oħrajn kollha fuq l-iżviluppi negattivi tal-industrija tal-Unjoni f'termini ta' tnaqqis fil-produzzjoni u fil-bejgħ, telf tas-sehem mis-suq, tnaqqis fil-prezzijiet, profittabbiltà negattiva, redditu fuq l-investment u fluss tal-flus kien biss limitat.
- (256) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet f'dan l-istadju li l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-pajjiżi kkonċernati kkawżaw dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni u li l-fatturi l-oħrajn, meqjusin individwalment jew kollettivament, ma naqqsux ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping u d-dannu materjali. Id-dannu jikkonsisti fi tnaqqis fil-produzzjoni u fil-bejgħ, telf tas-sehem mis-suq, tnaqqis fil-prezzijiet, profittabbiltà negattiva, redditu fuq l-investment u fluss tal-flus.

6. LIVELL TAL-MIŻURI

- (257) Sabiex tiddetermina l-livell tal-miżuri, il-Kummissjoni eżaminat jekk dazju aktar baxx mill-marġni tad-dumping ikunx biżżejjed biex jitneħħa d-dannu kkawżat mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping għall-industrija tal-Unjoni.

6.1. Margġini ta' dannu

- (258) Id-dannu jitneħħa jekk l-industrija tal-Unjoni tkun tista' tikseb profitt fil-mira billi tbigħ bi prezz fil-mira fis-sens tal-Artikoli 7(2c) u 7(2d) tar-regolament bażiku.
- (259) F'konformità mal-Artikolu 7(2c) tar-Regolament bażiku, sabiex tistabbilixxi l-profitt fil-mira, il-Kummissjoni qieset il-fatturi li ġejjin: il-livell ta' profittabbiltà qabel iż-żieda fl-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati, il-livell ta' profittabbiltà meħtieġ sabiex jiġu koperti l-kostijiet u l-investimenti kollha, ir-riċerka u żvilupp (R&Ż) u l-innovazzjoni, u l-livell ta' profittabbiltà li wieħed għandu jistenna f'kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni normali. Dan il-marġni ta' profitt jenħtieġ li ma jkunx inqas minn 6 %.
- (260) Il-volum tal-importazzjoni mill-pajjiżi kkonċernati żdied b'mod sinifikanti u l-prezzijiet tal-importazzjoni naqsu f'daqqa mill-2019 'il quddiem (kif muri fit-Tabelli 2 u 3) u b'hekk il-produtturi tal-Unjoni ma kinux profittabbli. Minħabba li, il-Kummissjoni stabbiliet profitt bażiku li jkopri l-kostijiet kollha f'kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni normali abbażi tal-profittabbiltà tal-produtturi tal-Unjoni qabel iż-żieda f'daqqa tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping, jiġifieri bħala medja ponderata tal-marġnijiet ta' profitt irreġistrati mill-produtturi tal-Unjoni għas-sinjuri 2017 u 2018. Għalhekk il-profitt bażiku kkalkolat jammonta għal [17,5 – 19,5] %.
- (261) L-ebda wieħed mill-produtturi inklużi fil-kampjun ma għamel affermazzjoni skont l-Artikolu 7(2c) tar-Regolament bażiku dwar investimenti mitlufa jew dwar kostijiet ta' R&Ż u ta' innovazzjoni.
- (262) Fuq din il-bażi, il-prezz mhux dannuż huwa ta' [610 - 746] EUR/tunnellata, li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-marġni ta' profitt imsemmi hawn fuq ta' [17,5 – 19,5] % għall-kost tal-produzzjoni matul il-PI tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.
- (263) F'konformità mal-Artikolu 7(2d) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni vvalutat il-kostijiet futuri li jirriżultaw mill-Ftehimiet Ambjentali Multilaterali, u l-protokollu tagħhom, li l-Unjoni hija parti minnhom, u tal-Konvenzjonijiet tal-ILO elenkati fl-Anness Ia li l-industrija tal-Unjoni se ġġarrab matul il-perjodu tal-applikazzjoni tal-miżura skont l-Artikolu 11(2).
- (264) Dawn il-kostijiet kienu jinkludu l-kostijiet futuri addizzjonali (jiġifieri wara t-tnaqqis tal-kostijiet attwali mġarrba fil-PI) biex tiġi żgurata l-konformità mal-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet ("EU ETS") u mad-Direttiva tal-UE dwar l-Emissjonijiet Industrijali ("IED"). L-EU ETS hija pedament tal-politika tal-UE għall-konformità mal-Ftehimiet Ambjentali Multilaterali. Bl-istess mod, l-IED hija l-istrument ewlieni tal-UE li jirregola l-emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa minn installazzjonijiet industrijali u, bħala tali, jiżgura wkoll il-konformità ma' Ftehimiet Ambjentali Multilaterali.

- (265) Il-kostijiet tal-konformità mal-EU ETS ġew ikkalkulati abbażi tal-medja tal-Kwoti addizzjonali tal-UE (“EUA”) li se jkollhom jinxtrow matul il-perjodu tal-applikazzjoni tal-miżuri (mill-2021 sal-2025). L-EUAs użati fil-kalkolu kienu netti mill-kwoti bla ħlas riċevibbli u kienu relatati biss mal-prodott ikkonċernat. Il-kostijiet tal-EUAs ġew stabbiliti abbażi tad-*data* minn Bloomberg New Energy Finance (estrazzjoni datata s-7 ta’ Frar 2021). Il-prezz medju proġettat għall-EUAs għall-perjodu 2021-2025 huwa ta’ EUR 36,24/tunnellata ta’ emissjoni ta’ CO₂. Il-kostijiet għall-konformità mal-IED ġew ikkalkolati abbażi tad-*data* rrapportata mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun u kontroverifikata mill-Kummissjoni. Nota għal-fajl dwar kif il-Kummissjoni stabbiliet dawn il-kostijiet addizzjonali għall-konformità futuri tinsab fil-fajl għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati.
- (266) Il-Kummissjoni stabbiliet li dawn il-kostijiet għall-konformità futuri ammontaw għal [0,7 – 0,9] % tal-kost tal-produzzjoni fil-perjodu ta’ investigazzjoni u żidithom mal-prezz mhux dannuż imsemmi fil-premessa (262) biex jinkiseb prezz totali mhux dannuż tal-prodott simili għall-industrija tal-Unjoni, jiġifieri [616 - 752] EUR/tunnellata.
- (267) Il-Kummissjoni mbagħad iddeterminat il-livell ta’ marġni tal-bejgħ taħt il-prezz abbażi ta’ tqabbil tal-prezz medju ponderat tal-importazzjoni tal-produtturi esportaturi li kkooperaw inklużi fil-kampjun fil-pajjiżi kkonċernati, kif stabbilit għall-kalkoli tat-twaqqiġ tal-prezz, bil-prezz mhux dannuż medju ponderat tal-prodott simili mibjugħ mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun fis-suq tal-Unjoni matul il-perjodu ta’ investigazzjoni. Kwalunkwe differenza li tirriżulta minn dan it-tqabbil ġiet espressa bħala perċentwal tal-valur CIF medju ponderat tal-importazzjoni.
- (268) Il-livell ta’ eliminazzjoni tad-dannu għal “kumpaniji oħrajn li kkooperaw” u għall-“kumpaniji l-oħrajn kollha” huwa definit bl-istess mod bħall-marġni tad-dumping għal dawn il-kumpaniji (ara l-premessi (127) u (130)).

Pajjiż	Kumpanija	Marġni tad-dumping provviżorju (%)	Marġni tad-dannu provviżorju (%)
L-Istati Uniti tal-Amerika	Lotte Chemical Louisiana LLC	8,5 %	38,5 %
	MEGlobal Americas Inc	38,3 %	84,9 %
	Kumpaniji oħrajn li kkooperaw	13,5 %	46,9 %
	Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	52,0 %	115,0 %
Ir-Renju tal-Arabja Sawdija	Saudi Kayan petrochemical company (Saudi Kayan)	11,1 %	61,4 %
	Yanbu National Petrochemical Company (Yansab)	11,1 %	61,4 %
	Eastern Petrochemical Company (Sharq)	11,1 %	61,4 %
	Saudi Yanbu Petrochemical Company (Yanpet)	11,1 %	61,4 %
	Arabian Petrochemical Company (Petrokemya)	11,1 %	61,4 %
	Jubail United Petrochemical Company (United)	11,1 %	61,4 %
	Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	11,1 %	61,4 %

6.2. Konklużjoni dwar il-livell ta' miżuri

- (269) Wara l-valutazzjoni ta' hawn fuq, id-dazji anti-dumping provviżorji jenħtieġ li jiġu stabbiliti kif ġej f'konformità mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku:

Pajjiż	Kumpanija	Dazju anti-dumping provviżorju
L-Istati Uniti tal-Amerika	Lotte Chemical Louisiana LLC	8,5 %
	MEGlobal Americas Inc	38,3 %
	Kumpaniji oħrajn li kkooperaw	13,5 %
	Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	52,0 %
Ir-Renju tal-Arabja Sawdija	Saudi Kayan petrochemical company (Saudi Kayan)	11,1 %
	Yanbu National Petrochemical Company (Yansab)	11,1 %
	Eastern Petrochemical Company (Sharq)	11,1 %
	Saudi Yanbu Petrochemical Company (Yanpet)	11,1 %
	Arabian Petrochemical Company (Petrokemya)	11,1 %
	Jubail United Petrochemical Company (United)	11,1 %
	Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	11,1 %

7. L-INTERESS TAL-UNJONI

- (270) Il-Kummissjoni eżaminat jekk setgħetx tikkonkludi b'mod ċar li ma kienx fl-interess tal-Unjoni li tadotta miżuri f'dan il-każ, minkejja d-determinazzjoni ta' dumping danuż, f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku. Id-determinazzjoni tal-interess tal-Unjoni kienet ibbażata fuq apprezzament tad-diversi interessi kollha involuti, inklużi dawk tal-industrija, tal-importaturi/negożjanti, tal-utenti u tal-fornituri tal-Unjoni.
- (271) Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarji lill-partijiet interessati kollha. Hija rċeviet tweġibiet għall-kwestjonarju minn żewġ importaturi mhux relatati (Helm u Oxyde) u minn seba' utenti (Arteco, Indorama Group, Neo Group, Novapet, PlastiVerd, Selenis, SIR Industriale).

7.1. L-interess tal-industrija tal-Unjoni

- (272) Hemm 12-il produttur f'disa' gruppi ta' produtturi tal-MEG fl-Unjoni. L-impożizzjoni ta' miżuri tippermetti lill-industrija tal-Unjoni tirkupra s-sehem mis-suq mitluf, filwaqt li ttejjeb il-profittabbiltà tagħha lejn livelli kkunsidrati sostenibbli.
- (273) Id-daqs tad-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni jagħmel is-sitwazzjoni tagħha inaċċettabbli, minħabba l-livell għoli ta' telf (-10,8 % - -13,2 % fil-PI), li jirriżulta mill-effett simultanju ta' prezzijiet anormalment baxxi (tnaqqis ta' 40 % fis-suq ħieles) u tnaqqis fil-bejgħ (-18 % fis-suq ħieles) u l-produzzjoni (-19 %), li jagħmlu pressjoni fuq l-ispejjeż.
- (274) L-impożizzjoni ta' miżuri hija essenzjali biex l-impatt enormi tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping jinżamm taħt kontroll u biex tinżamm il-produzzjoni tal-MEG fl-Unjoni. Tabilħaqq, mingħajr miżuri, il-pressjoni doppja ta' prezzijiet imnaqqsa u l-erożjoni tal-bejgħ u tal-produzzjoni jimpedixxu lill-industrija tal-Unjoni milli tagħmel kwalunkwe profitt, u dan ma jhallilhiex wisq għażla ħliet li twaqqaf il-produzzjoni għas-suq miftuħ—bl-għajbien virtwali tal-produtturi tal-industrija tal-Unjoni mhux marbuta mal-interessi tal-Arabja Sawdija jew tal-Istati Uniti.

- (275) Din il-pressjoni hija dovuta għal żieda, hekk kif il-kapaċità żejda globali tiżdied, skont konsulenti speċjalizzati li jsegwu mill-qrib is-suq bħal Wood Mackenzie u ISIC. Xprunati miċ-Ċina u mill-Istati Uniti, iż-żidiet fil-kapaċità se jisbqu d-domanda b'diversi miljun tunnellata fl-2021-2022. Żidiet importanti Ċiniżi fil-kapaċità se jnaqqsu b'mod progressiv l-opportunitajiet għall-esportazzjonijiet tal-Istati Uniti hemmhekk, u b'hekk itejbu l-inċentivi għal dawn tal-aħħar biex isibu swieq xi mkien ieħor. Dan se jkun prinċipalment fil-qasam tal-esportazzjoni, inkluż l-Unjoni, peress li d-domanda tal-Istati Uniti hija mistennija tiżdied biss marġinalment. Flimkien mal-approċċ tal-Arabja Sawdija biex jiġu segwiti l-prezzijiet 'l isfel (il-mod ewlieni biex tiġi żgurata l-preżenza f'dan is-suq xprunat mill-prezzijiet), pressjoni kostanti fuq il-prezzijiet tidher probabbli. Għalhekk, il-preżenza kkombinata tal-Istati Uniti u tal-Arabja Sawdija x'aktarx li tikkawża aktar dannu lill-industrija tal-Unjoni li diġà hija ddeterjorata.
- (276) Il-miżuri jirrilaxxaw parti tajba mill-pressjoni doppja kkawżata mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping, li tippermetti lill-industrija żżid kemm il-prezzijiet kif ukoll il-volumi (il-bejgħ, il-produzzjoni, u l-użu tal-kapaċità). Il-livell tal-miżuri jkun jikkunsidra l-eliminazzjoni tat-telf finanzjarju li jipperikola l-futur immedjat tal-industrija tal-Unjoni.
- (277) Għalhekk ġie konkluż li l-impożizzjoni ta' miżuri provviżorji tkun fl-interess tal-industrija tal-Unjoni.

7.2. **Interess ta' importaturi/negozjanti, utenti u fornituri mhux relatati**

7.2.1. *Ġenerali*

- (278) L-investigazzjoni sabet li madwar 55 % tal-konsum tal-Unjoni tal-MEG kimiku organiku jservi bħala input għall-polietilentereftalat ("PET" għall-manifattura tal-fliexken tal-plastik); ftit inqas minn 25 % tal-MEG jintuża biex jiġu prodotti berrieda tal-magni tal-karozzi; u t-trimestru li jifdal huwa materja prima fi prodotti industrijali oħra.
- (279) Tliet punti huma importanti għall-analiżi tal-interessi tal-importaturi/negozji u tal-utenti tal-Unjoni.
- (280) L-ewwel nett, in-nuqqas ta' impożizzjoni ta' miżuri jwassal lill-ilmentaturi biex iwaqqfu l-produzzjoni għas-suq miftuħ, u b'hekk inaqqsu s-sorsi disponibbli ta' provvista fis-suq tal-Unjoni. L-Unjoni tkun dipendenti fuq l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi—primarjament mir-Renju tal-Arabja Sawdija u mill-Istati Uniti. Dan ma jkunx mixtieq mill-utenti mhux biss f'termini ta' kompetizzjoni, iżda tas-sigurtà tal-provvista tal-importaturi/negozjanti u tal-utenti.
- (281) It-tieni, it-Tajwan, Singapore u l-Korea huma sorsi disponibbli ta' provvista alternattiva, li l-kapaċità mhux użata tagħhom tista', skont konsulenti speċjalizzati, tkopri bis-sħiħ il-volum tal-importazzjonijiet mir-Renju tal-Arabja Sawdija u mill-Istati Uniti, fil-każ improbabli li dawn kellhom jisparixxu. Madankollu, huwa mfakkar li l-għan tal-impożizzjoni tal-miżuri anti-dumping ma huwiex li jitwaqqfu l-importazzjonijiet iżda li jitreggħu lura l-kundizzjonijiet ekwi fis-suq tal-Unjoni.
- (282) It-tielet nett, il-miżuri proposti huma fil-biċċa l-kbira fil-medda ta' bejn 8,5 % u 13,5 %—livell li għadu sinifikanti iżda mhux projbittiv.

7.3. **L-interess ta' importaturi/negozjanti mhux relatati**

- (283) Il-livell ta' kooperazzjoni ta' importaturi/negozjanti mhux relatati kien għoli, biż-żewġ kumpaniji ewlenin f'dan is-settur ikkonċentrat ħafna jipparteċipaw. Dawn jammontaw għall-maġġoranza l-kbira tal-importazzjonijiet mill-Istati Uniti. Dawn il-kumpaniji jimportaw ukoll mir-Renju tal-Arabja Sawdija, għalkemm ħafna inqas peress li huma l-importaturi relatati ma' SABIC li jgħaddu l-biċċa l-kbira tal-volum mir-Renju tal-Arabja Sawdija għas-suq tal-Unjoni.
- (284) Filwaqt li ż-żewġ importaturi/negozjanti mhux relatati huma kontra l-miżuri, l-impatt tagħhom ma jkunx sproporzjonat. Parti minn dawn id-dazji tista' tingħadda lill-utenti (b'mod partikolari fis-segmenti tal-berrieda u ta' użu industrijali ieħor—ara hawn taħt). Fil-każ ta' importatur wieħed, l-attività tiegħu tal-MEG tal-Unjoni ma tirrappreżentax parti sinifikanti mill-fatturat tiegħu, u għalhekk anke d-dazji sħaħ ikollhom impatt marġinali fuq in-negozju tiegħu. Min-naħa l-oħra, l-attività tal-MEG fis-suq tal-Unjoni hija aktar sinifikanti, u għalhekk jista' jseħħ impatt akbar. Dan jiddependi mill-kapaċità li jiġi mmirat is-segment fejn iż-żidiet fil-prezzijiet jistgħu jiġu mgħoddija b'mod aktar faċli, parzjalment jew b'mod sħiħ. Fi kwalunkwe każ, l-investigazzjoni żvelat li s-sitwazzjoni finanzjarja tal-kumpanija ma hijiex neċessarjament iddeterminata minn raġunijiet marbuta mal-MEG.
- (285) Fi kwalunkwe każ, sorsi oħra ta' provvista huma disponibbli għall-importaturi/negozjanti kollha, u b'hekk jittaffa l-impatt tal-miżuri.

(286) Għal dawn ir-raġunijiet, huwa ddeterminat li l-impatt tal-miżuri ma jkunx sproporzjonat għall-importaturi/negozjanti.

7.4. L-interest tal-utenti

(287) Waslu tweġibiet mingħand l-utenti li jkopru t-tliet segmenti kollha tal-produzzjoni downstream bl-użu tal-MEG, u esprimew l-oppożizzjoni tagħhom għall-miżuri.

(288) In-negozju tal-berrieda, fejn il-MEG huwa input ewlieni, jinqasam f'żewġ subsegmenti ewlenin. Il-kumpaniji tal-karozzi (sa nofs in-negozju tal-berrieda) jeħtieġu formuli tal-prodott speċifiċi u ċertifikati kif ukoll fluss ta' provvista garantit u stabbli. Kif spjegat hawn fuq fil-premessa (274), il-miżuri, billi jżommu l-produzzjoni domestika, se jrin jikkontribwixxu biex jiġi garantit fluss stabbli ta' provvista. Barra minn hekk, minħabba l-impatt marġinali tal-berrieda fuq il-kostijiet tal-karozzi, id-dazji f'dan is-subsegment x'aktarx li jiġu mgħoddija fil-biċċa l-kbira tagħhom. Għalhekk fil-każ ta' miżuri, l-impatt fuq l-utenti f'dan is-segment ma jkunx sproporzjonat.

(289) Min-naħa l-oħra, is-subsegment tas-suq wara l-bejgħ jinvolvi prodotti bażiċi fejn ikun aktar diffiċli li wieħed jgħaddi l-prezzijiet. Is-sitwazzjoni tal-utent li jikkoopera f'dan is-segment ma tindikax li l-impatt tal-miżuri jkun sproporzjonat. Fi kwalunkwe każ, sorsi oħra ta' provvista huma disponibbli għall-importaturi/negozjanti kollha, u b'hekk jittaffa l-impatt tal-miżuri.

(290) Tliet utenti mis-segment l-ieħor tal-prodotti industrijali (fibri, riti, reżini) kkooperaw. Ma hemm l-ebda xejra ċara għall-impatt tal-miżuri, li tvarja mill-marġinali sas-sinifikanti. Din l-istampa mħallta tindika l-eżistenza ta' sitwazzjonijiet speċifiċi għall-kumpanija li ma humiex relatati mal-livell tal-prezzijiet tal-MEG, iżda ma' fatturi oħrajn. Għalhekk, il-miżuri ma jkunux deċiżivi fuq l-attività futura ta' dawn il-kumpaniji. Dan ma jirriżultax f'impatt sproporzjonat fuq dawn l-utenti, b'mod partikolari meta jkun ibbilanċjat kontra l-benefiċċji fit-tul tad-diversità u tal-istabbiltà tal-provvista li ggħib l-industrija tal-Unjoni, u li ma jkunx jeżisti fin-nuqqas ta' miżuri.

(291) Is-segment tal-PET jammonta għal kważi 55 % tal-użu totali tal-MEG. Il-MEG jikkontribwixxi madwar għoxrin fil-mija tal-kostijiet sħaħ tal-PET, prodott taħt pressjoni kbira fuq il-prezzijiet fejn il-profitti tipikament ikunu żgħar ħafna. Għalhekk, l-impatt ta' bejn punt perċentwali u żewġ punti perċentwali f'termini ta' profittabbiltà jista' jkun sinifikanti.

(292) Seba' kumpaniji li jappartjenu għal erba' gruppi pparteċipaw fl-investigazzjoni. Is-sitwazzjoni tvarja fuq bażi ta' kumpanija b'kumpanija. Għal xi kumpaniji, il-profitti jonqsu iżda xorta jkunu pożittivi; oħrajn bi profittabbiltà baxxa jinġiebu għal livelli ta' ekwilibriju; għal daww bl-aġar prestazzjoni, it-telf diġà kbir jiżdied, għalkemm b'ammonti proporzjonalment moderati.

(293) Is-sitwazzjoni ta' daww bl-aġar prestazzjoni hija strutturalment iddeterminata minn fatturi oħrajn, u l-attività tagħha u l-mijiet ta' impjegji li tappoġġa għalhekk ma humiex fl-aħħar mill-aħħar iddeterminati mill-miżuri proposti, li l-impatt tagħhom għalhekk ma jkunx sproporzjonat.

(294) Fir-rigward tal-kumpaniji li l-profitti tagħhom ivarjaw madwar li ma jagħmlux telf, il-miżuri ma jwasslux għal varjazzjoni fundamentali fis-sitwazzjoni tagħhom. Dan jista' jitlob azzjonijiet eżoġeni (eż. miżuri ta' difiża tal-kummerċ f'każ ta' kummerċ inġust dannuż) jew aġġustamenti endoġeni tal-mudell tan-negozju tagħhom biex tiġi msaħħa l-kompetittività. Filwaqt li l-impatt tal-miżuri jista' ma jkunx deċiżiv, f'it mijiet ta' impjegji jistgħu jkunu friskju.

(295) Il-kumpaniji bi profitti kontinwati jistgħu jiġu affettwati xi f'it mill-miżuri, iżda mhux b'mod daqshekk sproporzjonat.

(296) Fi kwalunkwe każ, l-impatti possibbli msemmija hawn fuq f'termini ta' żmien qasir ikollhom jiġu b'bilanċjati kontra tliet riskji fit-terminu medju assoċjati man-nuqqas ta' imożizzjoni ta' miżuri (u l-waqfien probabbli tal-attività tal-industrija tal-Unjoni peress li s-sitwazzjoni attwali ma hijtix sostenibbli): inqas sorsi ta' provvista, inqas stabbiltà tal-provvista, u prezzijiet oġħla tal-MEG. Din tal-aħħar tista' faċilment tilħaq il-livell moderat ta' miżuri proposti—b'impatti negattivi li jistgħu jkunu daqs, jekk mhux aktar minn, daww iġġenerati mill-miżuri proposti nfushom.

(297) Kollox ma' kollox, l-impatti negattivi potenzjali li sfortunatament jistgħu jseħħu f'termini ta' żmien qasir għall-produtturi tal-PET ma humiex meqjusin b'mod ġenerali bħala biżżejjed biex titwaqqaf l-imożizzjoni tal-miżuri.

- (298) L-istampa aggregata tas-segmenti kollha tal-utenti turi xi impatti negattivi, iżda mhux sproporzjonati għall-benefiċċji li ġġib il-miżura. Din il-kwistjoni se tkun is-suġġett ta' attenzjoni kontinwa mill-investigazzjoni għal stadju definittiv.

7.5. L-interess tal-fornituri

- (299) ExxonMobil, bħala manifattur tal-paraksilen (materja prima għall-manifattura tal-PTA li mbagħad tintuża għall-manifattura tal-PET), kienet l-uniku fornitur li pprovdiet kummenti. Din sostniet li l-impatt negattiv tal-miżuri anti-dumping fuq il-produtturi tal-PET se jkollu wkoll effett avvers fuq il-fornituri tal-paraksilen tal-Unjoni li jtilfu l-bejgħ fis-suq tal-Unjoni peress li l-produtturi tal-PET tal-Unjoni ma jkunux jistgħu jikkompetu mal-importazzjonijiet tal-PET minn reġjuni oħrajn. Ġie affermat ukoll li l-produtturi tal-paraksilen tal-Unjoni diġà ħabbtu wiċċhom ma' sfidi minħabba kapaċità globali eċċessiva u żieda fl-importazzjonijiet. Barra minn hekk, ġie argumentat li l-produtturi tal-paraksilen kienu integrati mar-raffineriji u għalhekk kwalunkwe impatt avvers fuq il-paraksilen ikollu impatt fuq l-industriji tar-raffineriji tal-Unjoni wkoll, li diġà qed iħabbtu wiċċhom ma' sfidi dovuti għal kapaċità globali eċċessiva, xejriet fid-domanda għall-fjuwil li qegħdin jinbidlu u l-kostijiet għoljin.
- (300) Dawn l-affermazzjonijiet ma kinux sostanzjati u ma jistgħux jiġu aċċettati f'dan l-istadju. Barra minn hekk, qiegħda ssir referenza għall-analiżi dwar l-utenti li jagħmlu l-PET, li l-eżitu tagħha jindika li l-impatti negattivi potenzjali jistgħu jaffettwaw biss lil xi produtturi li s-sitwazzjoni tagħhom ma tiddependix b'mod fundamentali fuq in-nuqqas ta' miżuri fuq il-MEG. B'riżultat ta' dan, ma jistax jiġi konkluż li l-impatti ta' tali miżuri jkunu sproporzjonati għall-fornituri.

7.6. Kummenti riċevuti

- (301) Diversi partijiet interessati (CPME, CIFRS, Mitsubishi, Artec, Proviron, Oxyde, HELM, NEO Group) sostnew li l-impożizzjoni ta' miżuri anti-dumping ma tkunx fl-interess tal-Unjoni peress li l-produtturi tal-Unjoni ma jistgħux jissodisfaw id-domanda tal-utenti tal-MEG fl-Unjoni u għalhekk l-importazzjonijiet huma meħtieġa. Barra minn hekk, ġie ddikjarat li l-istaġjonalità tas-suq tal-MEG għamlitha impossibbli li dejjem tintuża l-kapaċità ta' produzzjoni sħiħa. Ġie argumentat ukoll li l-importazzjonijiet tal-MEG mill-Istati Uniti u mill-Arabja Sawdija ma jistgħux jiġu sostitwiti b'importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra, bħall-Kanada, iċ-Ċina, il-Kuwajt, l-Indja, il-Messiku, ir-Russja u t-Turkija, fid-dawl ta' kapaċità ta' produzzjoni insuffiċjenti, kostijiet għoljin tat-trasport u domanda interna dejjem akbar li jikkarakterizzaw pajjiżi esportaturi oħra. Artec sostniet li sabiex tiġi żgurata l-vijabbiltà tal-attività tal-berrieda tal-magni tagħha fl-Unjoni, hija teħtieġ provvista sigura ta' MEG, u din hija garantita bil-kapaċità li takkwistah minn diversi sorsi. HELM argumentat li għalkemm il-produtturi tal-Unjoni tal-MEG qed jippanaw li jżidu l-kapaċità tal-produzzjoni tal-ossidu tal-etilen, ma hemm l-ebda pjan biex tiżdied il-kapaċità tal-produzzjoni tal-MEG.
- (302) Kif iddikjarat fil-premessa (274), l-impożizzjoni ta' miżuri hija essenzjali biex l-impatt enormi tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping jinżamm taħt kontroll u biex il-produzzjoni tal-MEG fl-Unjoni tinżamm. Mingħajr industrija tal-Unjoni, l-utenti tal-MEG se jkunu dipendenti fuq l-importazzjonijiet u għalhekk mhux se jkollhom provvista sigura ta' MEG minn sorsi multipli. Barra minn hekk, l-għan tal-impożizzjoni tal-miżuri anti-dumping ma huwiex li jitwaqqfu l-importazzjonijiet iżda li jitreggħu lura l-kundizzjonijiet ekwi fis-suq tal-Unjoni. Minkejja dan, kif iddikjarat fil-premessa (281), hemm sorsi oħrajn ta' provvista disponibbli, minbarra r-Renju tal-Arabja Sawdija u l-Istati Uniti, bħat-Tajwan, Singapore u l-Korea. Barra minn hekk, filwaqt li l-investigazzjoni żvelat li l-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun tabilħaqq ma għandhomx pjanijiet li jżidu l-kapaċità tal-produzzjoni fl-Unjoni fil-futur qarib, huwa mfakkar li, kif iddikjarat fil-premessa (249), hemm kapaċità żejda tal-MEG fid-dinja. Għalhekk, dawn l-affermazzjonijiet ġew miċħuda.
- (303) Is-CPME afferma li l-impożizzjoni ta' dazji anti-dumping ma hijiex fl-interess tal-Unjoni u din taffettwa b'mod sever lill-industrija tal-PET, u timbotta lill-produtturi tal-PET 'il barra mis-suq.
- (304) Kif spjegat fil-premessi (290) sa (297), l-impatt negattiv potenzjali li sfortunatament jista' jseħħ f'terminu ta' żmien qasir għall-produtturi tal-PET ma jitqiesx b'mod ġenerali bħala biżżejjed biex jiġi ġġustifikat l-fatt li ma jiġux imposti miżuri. Għalhekk, l-affermazzjoni ġiet miċħuda.
- (305) Mitsubishi ddikjarat li ma huwiex fl-interess tal-Unjoni li jiġu imposti miżuri anti-dumping peress li r-relazzjonijiet kummerċjali bejn l-Istati Uniti u iċ-Ċina jistgħu jkunu mistennija li jitjiebu taħt amministrazzjoni għdida tal-Istati Uniti u għalhekk il-kawża tad-dumping u tad-dannu ma hijiex se tibqa' rilevanti.

- (306) Kif iddikjarat fil-premessa (247), għalkemm ir-restrizzjonijiet fil-fatt ma baqgħux daqshekk stretti, it-tariffi addizzjonali jkomplu japplikaw bħala regola u ma huwiex ċar kif is-sitwazzjoni se tevolvi. Barra minn hekk, minkejja l-evoluzzjoni tar-relazzjonijiet kummerċjali bejn l-Istati Uniti u ċ-Ċina, l-industrija tal-MEG tal-Istati Uniti hija orjentata lejn l-esportazzjoni b'żieda fil-kapaċità tal-produzzjoni u għalhekk, il-produtturi tal-Istati Uniti x'aktarx li jkomplu l-interess qawwi tagħhom fis-suq tal-Unjoni, speċjalment minħabba li ċ-Ċina qiegħda tespandi l-kapaċità tal-MEG tagħha stess. Għalhekk, din l-affermazzjoni għet miċħuda.
- (307) Artecò sostniet li l-impożizzjoni ta' miżuri sservi biss l-interessi ta' żewġ kumpaniji ewlenin, li waħda minnhom hija l-kompetitur ewleni ta' Artecò fis-suq downstream tal-berrieda. Bl-istess mod, Oxyde sostniet li, peress li BASF kienet produttur kbir ħafna ta' antifreeze bl-użu tal-MEG tagħha stess, din ikollha vantaġġ kompetittiv fuq il-kompetituri tagħha, Artecò, HVL u Solventis, li jkollhom iħallu dazji anti-dumping fuq l-importazzjonijiet tal-MEG.
- (308) Il-Kummissjoni ma taqbilx ma' dawn l-affermazzjonijiet. L-impożizzjoni ta' miżuri tkun ta' benefiċċju għall-industrija kollha tal-Unjoni mhux biss għal żewġ produtturi. Fil-fatt, waħda mill-entitajiet fil-grupp BASF timmanifattura l-berrieda. Madankollu, l-investigazzjoni żvelat li din il-kumpanija tixtri l-MEG mingħand il-kumpanija relatata tagħha bil-prezzijiet tas-suq, l-istess bħal Artecò u utenti oħrajn.
- (309) Artecò sostniet li, peress li l-MEG huwa komodità li tiġi nnegozjata u ttrasportata fuq livell globali, wara l-impożizzjoni tal-miżuri, se jkun hemm bidla sinifikanti fil-flussi kummerċjali u żieda fit-trasport, u dan se jwassal għal emissjonijiet oġhla tat-trasport marittimu globali, li huwa ta' detriment għall-isforzi kontinwi għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima.
- (310) Il-Kummissjoni ma taqbilx ma' din l-affermazzjoni wkoll. Il-bidla fil-kummerċ diġà seħħet fil-perjodu taħt kunsiderazzjoni meta l-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati ssostitwixxew parti sinifikanti mill-produzzjoni domestika. In-nuqqas ta' impożizzjoni ta' miżuri se jissostitwixxi kompletament il-produzzjoni domestika bl-importazzjonijiet u għalhekk il-bidla fil-kummerċ se tiżdied saħansitra aktar.

7.7. Konklużjoni dwar l-interess tal-Unjoni

- (311) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li ma kienx hemm raġunijiet konvinċenti li ma kienx fl-interess tal-Unjoni li timponi miżuri fuq l-importazzjonijiet tal-MEG li joriġinaw mill-pajjiżi kkonċernati f'dan l-istadju tal-investigazzjoni.

8. MIŻURI ANTI-DUMPING PROVVIŻORJI

- (312) Abbażi tal-konklużjonijiet li waslet għalihom il-Kummissjoni fir-rigward tad-dumping, tad-dannu, tal-kawżalità u tal-interess tal-Unjoni, jenħtieġ li jiġu imposti miżuri provviżorji biex jimpedixxu li jiġi kkawżat aktar dannu lill-industrija tal-Unjoni mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping.
- (313) Jenħtieġ li jiġu imposti miżuri anti-dumping provviżorji fuq l-importazzjonijiet tal-monoetilenglikol li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerika u mir-Renju tal-Arabja Sawdija, f'konformità mar-regola tad-dazju inferjuri fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku. Il-Kummissjoni qabblet il-marġnijiet tal-bejgħ bil-prezz imwaqqa' u l-marġnijiet tad-dumping. L-ammont tad-dazji ġie stabbilit fil-livell l-aktar baxx tal-marġnijiet tad-dumping u tad-dannu.
- (314) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, ir-rati tad-dazju anti-dumping provviżorji, espressi skont il-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju doganali mhux imħallas, jenħtieġ li jkunu kif ġej:

Pajjiż	Kumpanija	Dazju anti-dumping provviżorju
Ir-Renju tal-Arabja Sawdija	Saudi Kayan petrochemical company (Saudi Kayan)	11,1 %
	Yanbu National Petrochemical Company (Yansab)	11,1 %
	Eastern Petrochemical Company (Sharq)	11,1 %

	Saudi Yanbu Petrochemical Company (Yanpet)	11,1 %
	Arabian Petrochemical Company (Petrokemya)	11,1 %
	Jubail United Petrochemical Company (United)	11,1 %
	Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	11,1 %
L-Istati Uniti tal-Amerika	Lotte Chemical Louisiana LLC	8,5 %
	MEGlobal Americas Inc	38,3 %
	Kumpaniji oħrajn li kkooperaw	13,5 %
	Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	52,0 %

(315) Ir-rati tad-dazju anti-dumping tal-kumpaniji individwali speċifikati f'dan ir-Regolament ġew stabbiliti abbażi tal-konklużjonijiet provviżorji ta' din l-investigazzjoni. Għalhekk, dawn jirriflettu s-sitwazzjoni li nstabt matul din l-investigazzjoni fir-rigward ta' dawn il-kumpaniji. Dawn ir-rati tad-dazju huma applikabbli esklussivament għall-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li joriġina mill-pajjiżi kkonċernati u magħmul mill-entitajiet ġuridiċi msemmija. L-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat manifatturat minn kwalunkwe kumpanija oħra mhux imsemmija b'mod speċifiku fil-parti operattiva ta' dan ir-Regolament, inklużi l-entitajiet relatati ma' daww speċifikament imsemmija, jenħtieġ li jkunu soġġetti għar-rata ta' dazju applikabbli għall-"kumpaniji l-oħra kollha". Dawn jenħtieġ li ma jiġu soġġetti għal ebda rata individwali ta' dazju anti-dumping.

(316) Sabiex jiġi żgurat infurzar xieraq tad-dazji anti-dumping, id-dazju anti-dumping għall-kumpaniji l-oħrajn kollha tal-Istati Uniti jenħtieġ li japplika mhux biss għall-produtturi esportaturi li ma kkooperawx f'din l-investigazzjoni, iżda anke għall-produtturi tal-Istati Uniti li ma kellhomx esportazzjonijiet lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

9. INFORMAZZJONI FL-ISTADJU PROVVIŻORJU

(317) F'konformità mal-Artikolu 19a tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni infurmat lill-partijiet interessati dwar l-impożizzjoni pjanata ta' dazji provviżorji. Din l-informazzjoni ġiet ippubblikata wkoll fuq is-sit web tad-DĠ TRADE. Il-partijiet interessati ngħataw tlett ijiem ta' xogħol biex jipprovdur kummenti dwar l-akkuratezza tal-kalkoli ddivulgati b'mod speċifiku lilhom.

(318) No comments on the accuracy of the calculations were received.

10. DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

(319) Fl-interessi ta' amministrazzjoni tajba, il-Kummissjoni se tistieden lill-partijiet interessati jressqu kummenti bil-miktub u/jew jitolbu seduta mal-Kummissjoni u/jew mal-Uffiċjal tas-Smiġħ fil-proċeduri kummerċjali fi żmien skadenza fissa.

(320) Is-sejbiet li jikkonċernaw l-impożizzjoni ta' dazji provviżorji huma provviżorji u jistgħu jiġu emendati fl-istadju definittiv tal-investigazzjoni,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Dazju anti-dumping provviżorju huwa impost fuq l-importazzjonijiet tal-monoetilenglikol (numru tal-KE attwali 203-473-3), li bħalissa jaqgħu taħt il-kodiċi NM ex 2905 31 00 (kodiċi TARIC 2905 31 00 10) u li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerika u mir-Renju tal-Arabja Sawdija.

2. Ir-rati tad-dazju anti-dumping provviżorju applikabbli għall-prezz nett, liberu fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju, tal-prodott deskritt fil-paragrafu 1 u manifatturat mill-kumpaniji elenkati hawn taħt, għandhom ikunu kif ġej:

Pajjiż	Kumpanija	Dazju anti-dumping provviżorju	Il-kodiċi addizzjonali TARIC
Ir-Renju tal-Arabja Sawdija	Saudi Kayan petrochemical company (Saudi Kayan)	11,1 %	C674
Ir-Renju tal-Arabja Sawdija	Yanbu National Petrochemical Company (Yansab)	11,1 %	C675
Ir-Renju tal-Arabja Sawdija	Eastern Petrochemical Company (Sharq)	11,1 %	C676
Ir-Renju tal-Arabja Sawdija	Saudi Yanbu Petrochemical Company (Yanpet)	11,1 %	C677
Ir-Renju tal-Arabja Sawdija	Arabian Petrochemical Company (Petrokemya)	11,1 %	C678
Ir-Renju tal-Arabja Sawdija	Jubail United Petrochemical Company (United)	11,1 %	C679
Ir-Renju tal-Arabja Sawdija	Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	11,1 %	C999
L-Istati Uniti tal-Amerika	Lotte Chemical Louisiana LLC	8,5 %	C684
L-Istati Uniti tal-Amerika	MEGlobal Americas Inc	38,3 %	C680
L-Istati Uniti tal-Amerika	Kumpaniji oħrajn li kkooperaw elenkati fl-Anness I	13,5 %	
L-Istati Uniti tal-Amerika	Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	52,0 %	C999

3. L-applikazzjoni tar-rati tad-dazju individwali speċifikati għall-kumpaniji msemmija fil-paragrafu 2 għandha ssir bil-kundizzjoni li tiġi ppreżentata fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li fuqha għandha tidher dikjarazzjoni datata u ffirmata minn uffiċjal tal-entità li toħroġ tali fattura, identifikat b'ismu u l-kariga tiegħu, abbozzata kif ġej: "Jien, is-sottoskritt, niċċertifika li l-(volum) tal-(prodott ikkonċernat) mibjugħ sabiex jiġi esportat lejn l-Unjoni Ewropea kopert minn din il-fattura ġie mmanifatturat minn (isem u indirizz tal-kumpanija) (kodiċi addizzjonali TARIC) fi [pajjiż ikkonċernat]. Jiena niddikjara li l-informazzjoni mogħtija f'din il-fattura hija sħiħa u korretta." Jekk ma tiġix ippreżentata fattura bħal din, għandu japplika d-dazju applikabbli għall-kumpaniji l-oħrajn kollha.

4. Ir-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni tal-prodott imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun soġġett għall-ġhoti ta' depożitu ta' garanzija ekwivalenti għall-ammont tad-dazju provviżorju.

5. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazji doganali.

Artikolu 2

1. Il-partijiet interessati għandhom jippreżentaw il-kummenti tagħhom dwar dan ir-regolament bil-miktub lill-Kummissjoni fi żmien 15-il jum kalendarju mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-regolament.

2. Il-partijiet interessati li jixtiequ jitolbu seduta ta' smiġħ mal-Kummissjoni għandhom jagħmlu dan fi żmien 5 ijiem kalendarji mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-regolament.

3. Il-partijiet interessati li jkunu jixtiequ jitolbu seduta ta' smigħ mal-Uffiċjal tas-Seduta fil-proċedimenti kummerċjali huma mistiedna jagħmlu dan fi żmien ħamest ijiem kalendarji mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. L-Uffiċjal tas-Seduta għandu jeżamina t-talbiet li jiġu ppreżentati wara din l-iskadenza u jista' jiddeċiedi jekk jaċċettax dawn it-talbiet jekk ikun xieraq.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Artikolu 1 għandu japplika għal perjodu ta' sitt xhur.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Ġunju 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNEX

Produtturi esportaturi mill-Istati Uniti li kkooperaw imma mhux inklużi fil-kampjun

Pajjiż	Isem	Kodiċi addizzjonali tat-TARIC
L-Istati Uniti tal-Amerka	Indorama Ventures Oxides LLC	C681
L-Istati Uniti tal-Amerka	Equistar Chemicals, LP	C682
L-Istati Uniti tal-Amerka	Sasol Chemicals North America LLC	C683

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/940**tal-10 ta' Ġunju 2021****li jimponi dazju anti-dumping proviżorju fuq l-importazzjonijiet tal-plywood tal-betula li joriġinaw mir-Russja**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tiegħu,

Wara li kkonsultat lill-Istati Membri,

Billi:

1. PROĊEDURA

1.1. **Il-bidu**

- (1) Fl-14 ta' Ottubru 2020, il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") nediet investigazzjoni anti-dumping fir-rigward tal-importazzjonijiet tal-plywood tal-betula li joriġinaw mir-Russja ("il-pajjiż ikkonċernat") abbażi tal-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ("ir-Regolament bażiku"). Din ippubblikat Notifika ta' Bidu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ⁽²⁾ ("in-Notifika ta' Bidu").
- (2) Il-Kummissjoni bdiet l-investigazzjoni wara li tressaq ilment fil-31 ta' Awwissu 2020 mill-Konsorzju Woodstock ("l-ilmentatur"). L-ilment sar mill-industrija tal-Unjoni tal-plywood tal-betula fis-sens tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament bażiku. L-ilment kien fih evidenza ta' dumping u tad-dannu materjali li jirriżulta, li kienet biżżejjed biex tiġġustifika l-bidu tal-investigazzjoni.

1.2. **Emenda għan-Notifika ta' bidu**

- (3) In-Notifika ta' Bidu b'mod mhux intenzjonat ħalliet barra taqsima dwar il-proċedura għall-valutazzjoni tal-interess tal-Unjoni. Filwaqt li din l-ommissjoni ma affettwatx id-dritt tal-partijiet interessati li jagħmlu sottomissjonijiet rigward l-interess tal-Unjoni, tqies xieraq li din l-ommissjoni tiġi indirizzata bħala kwistjoni ta' trasparenza proċedurali. Għalhekk, ġiet emendata fil-11 ta' Diċembru 2020 ⁽³⁾.

1.3. **Ir-reġistrazzjoni**

- (4) Skont l-Artikolu 14(5a) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni jenħtieġ li tirreġistra l-importazzjonijiet soġġetti għal investigazzjoni anti-dumping matul il-perjodu ta' qabel id-divulgazzjoni sakemm ma jkollhiex biżżejjed evidenza fis-sens tal-Artikolu 5 li r-rekwiżiti jew fil-punt (c) jew (d) tal-Artikolu 10(4) ma ġewx issodisfati. Wieħed minn dawn ir-rekwiżiti, kif indikat fl-Artikolu 10(4)(d) tar-Regolament bażiku, huwa li hemm żieda sostanzjali ulterjuri fl-importazzjonijiet minbarra l-livell ta' importazzjonijiet li kkawża dannu matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Il-Kummissjoni analizzat l-evoluzzjoni tal-importazzjonijiet u ma sabet l-ebda żieda sostanzjali ulterjuri fl-importazzjonijiet.
- (5) Konsegwentement, il-Kummissjoni ma għamlitx l-importazzjonijiet tal-plywood tal-betula mir-Russja kif definit fit-Taqsima 2 soġġetti għar-reġistrazzjoni skont l-Artikolu 14(5a) tar-Regolament bażiku.

⁽¹⁾ ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21.⁽²⁾ ĠU C 342, 14.10.2020, p. 2.⁽³⁾ ĠU C 428, 11.12.2020, p. 27.

1.4. Il-partijiet interessati

- (6) Fin-Notifika ta' Bidu, kif emendata, il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati jagħmlu kuntatt magħha sabiex jieħdu sehem fl-investigazzjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni speċifikament infurmat lill-ilmentatur, lil produtturi magħrufa oħra tal-Unjoni, lill-produtturi esportaturi magħrufa u lill-awtoritajiet Russi, lil importaturi, fornituri u utenti magħrufa, negozjanti, kif ukoll assoċjazzjonijiet li kien magħruf li kienu kkonċernati, dwar il-bidu tal-investigazzjoni, u stednithom jieħdu sehem.
- (7) Il-partijiet interessati kellhom opportunità jikkumentaw dwar it-tneġġja tal-investigazzjoni u jitolbu seduta ta' smiġħ mal-Kummissjoni u/jew mal-Uffiċjal tas-Smiġħ fil-proċedimenti kummerċjali. Diversi partijiet talbu li ssir seduta ta' smiġħ mal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni organizzat seduti ta' smiġħ mal-konsorzju Woodstock, mal-UPM Plywood Oy, mal-UPM Kymmene Otepää OÜ, u mal-produttur Russu UPM Kymmene Chudovo LLC.

1.5. Kummmenti dwar il-bidu

1.5.1. Verżjoni miftuħa mhux adegwata

- (8) Diversi partijiet sostnew li l-ilment naqas milli jipprovdi biżżejjed informazzjoni dwar il-verżjoni miftuħa tiegħu.
- (9) Il-Kummissjoni kkunsidrat li l-verżjoni miftuħa għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati tal-ilment kien fiha biżżejjed evidenza essenzjali u sommarji mhux kunfidenzjali tal-informazzjoni kunfidenzjali b'mod ieħor biex tippermetti lill-partijiet interessati jeżerċitaw id-dritt tagħhom tad-difiża matul il-proċediment.

1.5.2. L-ebda evidenza ta' dannu

- (10) Diversi partijiet sostnew li ċerti indikaturi tad-dannu, bħall-kapaċità tal-produzzjoni, il-prezzijiet tal-Unjoni u l-konsum tal-Unjoni, li jinsabu fl-ilment ma appoġġawx sejba ta' dannu matul il-perjodu ta' investigazzjoni.
- (11) Il-Kummissjoni tfakkar li sejba *prima facie* ta' dannu materjali meħtieġa għall-bidu ta' investigazzjoni tirrikjedi eżami, fost l-oħrajn, tal-fatturi rilevanti kif deskritt fir-Regolament bażiku. Madankollu, ma huwiex speċifikament meħtieġ mill-Artikolu 5 tar-Regolament bażiku li l-fatturi kollha ta' dannu msemmija fl-Artikolu 3(5) juru deterjorament sabiex id-dannu materjali jiġi sostanzjat biżżejjed għall-fini tal-bidu ta' investigazzjoni. Fil-fatt, il-formulazzjoni tal-Artikolu 5(2) tar-Regolament bażiku tiddikjara li l-ilment għandu jkun fih l-informazzjoni dwar il-bidliet fil-volum tal-importazzjonijiet allegatament oġġett ta' dumping, l-effett ta' dawk l-importazzjonijiet fuq il-prezzijiet tal-prodott simili fis-suq tal-Unjoni u l-impatt konsegwenti tal-importazzjonijiet fuq l-industrija tal-Unjoni, kif muri mill-fatturi rilevanti (mhux neċessarjament kollha). L-ilment kien fih din l-informazzjoni, li indikat l-eżistenza ta' dannu. Għaldaqstant, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-ilment kien fih biżżejjed evidenza ta' dannu.

1.6. Il-kampjunar

- (12) Fin-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni ħabbret li kien hemm il-possibbiltà li tagħżel kampjun minn fost il-partijiet interessati f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku.

1.6.1. Il-kampjunar tal-produtturi tal-Unjoni

- (13) Fin-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni ħabbret li hija kienet għażlet b'mod proviżorju kampjun tal-produtturi tal-Unjoni. Dan il-kampjun proviżorju kien magħmul minn tliet produtturi tal-Unjoni, li jinsabu fi tliet Stati Membri differenti, li kienu jirrappreżentaw kważi 40 % tal-produzzjoni totali stmata u 35 % tal-volum ta' bejgħ totali tal-Unjoni stmat tal-prodott simili fl-Unjoni. L-għażla ta' dawk it-tliet kumpaniji kienet ibbażata fuq l-akbar volum ta' produzzjoni u bejgħ tal-prodott simili fl-UE bejn Lulju 2019 – Ġunju 2020 li seta' jiġi investigat b'mod raġonevoli, filwaqt li ġiet ikkunsidrata wkoll il-firxa ġeografika. Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati jikkumentaw dwar il-kampjun proviżorju.

- (14) Il-Kummissjoni rċeviet kummenti minn grupp ta' produttori tal-Unjoni relatati, UPM, li talbu li jiġu inklużi fil-kampjun. Madankollu, wara li analizzat bir-reqqa l-informazzjoni pprovduta, il-Kummissjoni ma sabet l-ebda raġuni konvinċenti biex jinbidel il-kampjun magħżul b'mod proviżorju. L-ewwel, minħabba l-istruttura korporattiva u l-kanali tal-bejgħ tal-grupp, iż-żieda jew l-inklużjoni ta' waħda miż-żewġ kumpaniji fil-kampjun tipperikola l-kapaċità tal-Kummissjoni li twettaq l-investigazzjoni tagħha sal-iskadenzi legali minħabba l-ammont ta' xogħol sostanzjalment akbar. Barra minn hekk, l-inklużjoni ta' xi waħda mill-kumpaniji fil-kampjun tiddel ir-rappreżentattività tal-kampjun magħżul b'mod proviżorju f'termini ta' volumi ta' produzzjoni jew bejgħ fl-Unjoni jew il-firxa ġeografika biss sa punt marġinali. Għalhekk, il-Kummissjoni ddeċidiet li żżomm il-kumpaniji magħżula b'mod proviżorju bħala l-kampjun finali.
- (15) Wara n-notifika tal-għażla tal-kampjun definittiv, waħda mill-kumpaniji, l-UPM argumentat li produttori oħrajn inklużi fil-kampjun għandhom strutturi korporattivi u kanali tal-bejgħ ugwalment jew aktar kumplessi. Bl-istess mod, din argumentat li l-inklużjoni fil-kampjun u l-verifika ta' waħda mill-entitajiet tagħha UPM-Kymmene Otepää Oü ma tkunx ta' piż, u peress li ż-żjara ta' verifika ssir mill-bogħod, din ma tfixkilx il-kapaċità tal-Kummissjoni li twettaq l-investigazzjoni.
- (16) Il-Kummissjoni nnotat li peress li l-kampjun diġà kien jinkludi kumpaniji bi strutturi kumplessi, l-inkorporazzjoni ta' kumpanija oħra bi struttura kumplessa żżid b'mod sostanzjali l-ammont ta' xogħol u għalhekk tipperikola l-kapaċità tal-Kummissjoni li twettaq l-investigazzjoni tagħha sal-iskadenzi legali. F'dan is-sens, l-inklużjoni ta' UPM-Kymmene Otepää Oü, minħabba l-organizzazzjoni tal-bejgħ tagħha, kienet tirrikjedi l-verifika ta' diversi entitajiet legali oħra tal-grupp UPM, li jinvolvu unitajiet ta' bejgħ u produzzjoni. Dawn l-entitajiet ma setgħux jiġu investigati b'mod raġonevoli fiż-żmien disponibbli.
- (17) Għalhekk, il-Kummissjoni żammet id-deċiżjoni tagħha li ma tinkludix l-UPM fil-kampjun li ntgħażel fl-aħħar. Il-kampjun proviżorju ġie kkonfermat bħala l-kampjun finali u huwa rappreżentattiv tal-industrija tal-Unjoni.

1.6.2. *Il-kampjunar ta' importaturi mhux relatati*

- (18) Sabiex tiddeċiedi jekk il-kampjunar huwiex meħtieġ u, jekk iva, sabiex tagħżel kampjun, il-Kummissjoni talbet lill-importaturi mhux relatati sabiex jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-Notifika ta' Bidu.
- (19) Tlettax-il importatur mhux relatat ipprovdew l-informazzjoni mitluba u qablu li jiġu inklużi fil-kampjun. F'konformità mal-Artikolu 17(1) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni għażlet kampjun ta' tliet importaturi abbażi tal-akbar volum ta' bejgħ tal-prodott li qed jiġi investigat fl-Unjoni. F'konformità mal-Artikolu 17(2) tar-Regolament bażiku, l-importaturi kollha magħrufa kkonċernati ġew infurmati dwar l-għażla tal-kampjun iżda ma sar l-ebda kumment.

1.6.3. *Il-kampjunar ta' produttori esportaturi fir-Russja*

- (20) Sabiex tiddeċiedi jekk il-kampjunar huwiex meħtieġ u, jekk iva, sabiex tagħżel kampjun, il-Kummissjoni talbet lill-produttori esportaturi kollha fir-Russja biex jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-Notifika ta' Bidu. Barra minn hekk, il-Kummissjoni talbet lill-Missjoni tal-Federazzjoni Russa għall-Unjoni Ewropea biex tidentifika u/jew tikkuntattja produttori esportaturi oħrajn, jekk ikun hemm, li jistgħu jkunu interessati li jipparteċipaw fl-investigazzjoni.
- (21) Hmista-x-il produttur esportatur/grupp ta' produttori esportaturi fil-pajjiż ikkonċernat ipprovdew l-informazzjoni mitluba u qablu li jiġu inklużi fil-kampjun. F'konformità mal-Artikolu 17(1) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni għażlet kampjun ta' tliet gruppi ta' kumpaniji, li wieħed minnhom kien jikkonsisti minn seba' produttori esportaturi relatati, abbażi tal-akbar volum rappreżentattiv ta' esportazzjonijiet lejn l-Unjoni li jista' jiġi investigat b'mod raġonevoli fiż-żmien disponibbli. F'konformità mal-Artikolu 17(2) tar-Regolament bażiku, il-produttori esportaturi magħrufa kollha kkonċernati u l-awtoritajiet tal-pajjiż ikkonċernat ġew ikkonsultati dwar l-għażla tal-kampjun. Il-kampjun kien jirrappreżenta madwar 47 % tal-esportazzjonijiet totali lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

- (22) Żewġ produtturi esportaturi li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun argumentaw li jenħtieġ li jiġu inklużi wkoll fil-kampjun. L-ewwel wieħed sostna li jenħtieġ li jiġi inklużi fil-kampjun peress li l-volum ta' bejgħ tiegħu lejn l-Unjoni kien iġarreb dak tat-tielet produttur esportatur inklużi fil-kampjun. It-tieni wieħed sostna li fil-passat il-Kummissjoni investigat għadd ferm akbar ta' produtturi esportaturi u għalhekk iż-żieda tiegħu ma hijiex se tagħmel pressjoni mhux raġonevoli fuq il-kapaċità u r-riżorsi tal-Kummissjoni. Barra minn hekk, l-istess produttur esportatur sostna li l-fatt li huwa relatat ma' grupp ta' produtturi tal-Unjoni jiddistingwih mill-produtturi esportaturi l-oħrajn. B'mod partikolari, dan sostna li l-ġestjoni, l-istruttura tal-bejgħ u l-organizzazzjoni loġistika tiegħu jiddistingwuh minn xi produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun jew minnhom kollha ⁽⁴⁾.
- (23) Kif imsemmi fil-premessa (21) ta' hawn fuq, il-Kummissjoni inkludiet fil-kampjun tliet kumpaniji/gruppi ta' kumpaniji. Madankollu, l-għadd ta' entitajiet li kellhom jiġu investigati kien ħafna akbar peress li wieħed mill-gruppi kien jikkonsisti minn seba' produtturi esportaturi. Barra minn hekk, il-kumpaniji/gruppi kellhom ukoll negozjanti relatati u importatur relatat involut fil-bejgħ tal-prodott ikkonċernat. L-affermazzjoni tal-ewwel produttur esportatur dwar il-volum ta' bejgħ kienet ibbażata fuq il-verżjoni miftuħa tat-tweġiba għall-kampjunar disponibbli għall-produtturi esportaturi kollha li kkooperaw filwaqt li d-deċiżjoni dwar il-kampjunar kienet ibbażata fuq il-volum attwali rrapportat mill-produtturi esportaturi kollha. Meta wieħed iqis il-volum ta' bejgħ irrapportat miż-żewġ produtturi esportaturi inkwistjoni, it-tielet produttur esportatur irrapporta [5 % - 10 %] aktar f'termini ta' volumi ta' bejgħ meta mqabbel mar-raba' wieħed. Barra minn hekk, l-argumenti mressqa mit-tieni produttur esportatur ma humiex kriterju rilevanti għall-għażla tal-kampjun skont l-Artikolu 17(1) tar-Regolament bażiku. Konsegwentement, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-kampjun magħżul huwa rappreżentattiv abbażi tal-kriterji indikati fl-Artikolu 17(1) u ma ġiet ipprovduta l-ebda *data* rilevanti miż-żewġ partijiet inkwistjoni li tikkontesta din il-konklużjoni. Għaldaqstant, it-talbiet ġew miċħuda.

1.7. L-eżami individwali

- (24) Għaxar produtturi esportaturi fir-Russja talbu eżami individwali skont l-Artikolu 17(3) tar-Regolament bażiku. Madankollu, tliet produtturi esportaturi biss ippreżentaw kwestjonarji mimlijin sal-iskadenza. L-eżami ta' dawn it-talbiet matul l-istadju proviżorju tal-investigazzjoni kien ikun ta' piż bla bżonn. Għalhekk, il-Kummissjoni se tiddeċiedi jekk tagħmilx eżami individwali fl-istadju definittiv tal-investigazzjoni.

1.8. It-tweġibiet għall-kwestjonarju u ż-żjarat ta' verifika

- (25) Il-Kummissjoni baġtet kwestjonarji lit-tliet produtturi esportaturi/grupp ta' produtturi esportaturi Russi inklużi fil-kampjun, lill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun u lill-importaturi mhux relatati inklużi fil-kampjun. Il-kwestjonarji kienu wkoll disponibbli online ⁽⁵⁾ fil-jum tal-bidu.
- (26) Waslu tweġibiet għall-kwestjonarju mit-tliet produtturi esportaturi/grupp ta' produtturi esportaturi Russi inklużi fil-kampjun, minn tliet produtturi esportaturi Russi li kkooperaw, il-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun, l-importaturi mhux relatati inklużi fil-kampjun u disa' utenti.
- (27) Fid-dawl tat-tifqigħa tal-COVID-19 u l-miżuri ta' konfinament stabbiliti minn diversi Stati Membri kif ukoll minn diversi pajjiżi terzi, il-Kummissjoni ma setgħetx twettaq żjarat ta' verifika skont l-Artikolu 16 tar-Regolament bażiku fl-istadju proviżorju. Minflok, il-Kummissjoni kontroverifikat mill-bogħod l-informazzjoni kollha meqjusa neċessarja għad-determinazzjonijiet proviżorji tagħha f'konformità mal-Avviż tagħha dwar il-konsegwenzi tat-tifqigħa tal-COVID-19 fuq l-investigazzjonijiet anti-dumping u antisussidji ⁽⁶⁾. Il-Kummissjoni wettqet kontroverifiki mill-bogħod ("RCCs") tal-kumpaniji/partijiet li ġejjin:

Produtturi tal-Unjoni

- Latvijas Finieris AS, il-Latvja u kumpaniji tal-bejgħ relatati.
- Paged Pisz sp. z o.o., il-Polonja u kumpaniji tal-bejgħ relatati.
- Metsä Wood, il-Finlandja u kumpaniji tal-bejgħ relatati.

⁽⁴⁾ Id-dokumenti Tron t20.006971 u t20.006972, it-tnejn datati t-2 ta' Novembru 2020.

⁽⁵⁾ Il-kwestjonarji rispettivi, kif ukoll il-kwestjonarju tal-utenti, kienu disponibbli online fil-jum tal-bidu fuq https://trade.ec.europa.eu/tdi/case_details.cfm?id=2486.

⁽⁶⁾ Avviż dwar il-konsegwenzi tat-tifqigħa ta' COVID-19 fuq investigazzjonijiet antidumping u antisussidji (ĠU C 86, 16.3.2020, p. 6).

Importaturi

- Orlimex CZ s.r.o., Osik, ir-Repubblika Ċeka
- Robert Neudeck GmbH & Co KG, Germersheim, il-Ġermanja
- Groupe ISB, Pacé, Franza

Produtturi esportaturi fir-Russja

- Sveza Group magħmul minn seba' produtturi esportaturi: JSC "SVEZA Manturovo"; JSC "SVEZA Novator"; Tyumen Plywood Plant Limited; JSC "SVEZA Ust-Izhora"; JSC "SVEZA Uralskiy"; JSC "SVEZA Kostroma"; JSC "SVEZA Verhnaya Sinyachiha" ("il-grupp Sveza");
- Zheshartsky LPK LLC ("UPG");
- Syktyvkar Plywood Mill Ltd.

1.9. Il-perjodu ta' investigazzjoni u l-perjodu taħt kunsiderazzjoni

- (28) L-investigazzjoni tad-dumping u tad-dannu kopriet il-perjodu mill-1 ta' Lulju 2019 sat-30 ta' Ġunju 2020 ("il-perjodu ta' investigazzjoni"). L-eżami tax-xejriet rilevanti għall-valutazzjoni tad-dannu kopra l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2017 sat-tmiem tal-perjodu ta' investigazzjoni ("il-perjodu taħt kunsiderazzjoni").

1.10. Il-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE

- (29) Dan il-każ inbeda fl-14 ta' Ottubru 2020, jiġifieri matul il-perjodu ta' tranżizzjoni miftiehem bejn ir-Renju Unit ("UK") u l-UE li fih ir-Renju Unit baqa' soġġett għad-dritt tal-Unjoni. Dan il-perjodu ntemm fil-31 ta' Diċembru 2020. Konsegwentement, mill-1 ta' Jannar 2021, il-kumpaniji u l-assoċjazzjonijiet mir-Renju Unit ma baqgħux jikkwalifikaw aktar bħala partijiet interessati f'dan il-proċediment.
- (30) Permezz ta' nota għall-fajl tal-każ fid-19 ta' Jannar 2021, il-Kummissjoni stiednet lill-operaturi tar-Renju Unit li kkunsidraw li kienu għadhom jikkwalifikaw bħala partijiet interessati biex jikkuntattjawha (?). L-ebda kumpanija ma ppreżentat ruħha.
- (31) Sabiex is-sett ta' data miġbur mill-partijiet interessati jiġi allinjat mal-fatt li l-perjodu ta' tranżizzjoni kien intemm u li r-Renju Unit ma kienx għadu soġġett għad-dritt tal-Unjoni, il-partijiet interessati kkonċernati ġew mistiedna jipprovdu tweġiba riveduta għall-kwestjonarju fuq il-bażi tal-EU-27.

2. IL-PRODOTT IKKONĊERNAT U L-PRODOTT SIMILI

2.1. Il-prodott ikkonċernat

- (32) Il-prodott ikkonċernat huwa plywood li jikkonsisti biss minn folji tal-injam, fejn kull saff ma jaqbiżx il-ħxuna ta' 6 mm, b'saffi esterni tal-injam speċifikati taħt is-subintestatura 4412 33, b'mill-inqas saff wieħed estern tal-injam tal-betula, miksi jew le, ("plywood tal-betula" jew il-"prodott li qed jiġi investigat") li joriġina mir-Russja, li bħalissa jaqa' taħt il-kodiċi NM ex 4412 33 00 (il-kodiċi TARIC 4412 33 00 10) ("il-prodott ikkonċernat").
- (33) Il-plywood tal-betula huwa materjal ta' folja tal-injam li jikkonsisti f'saffi jew strixxi ta' fuljetti tal-injam ippressati flimkien bil-kolla f'folji kbar u ċatti. Dan jintuża f'firxa wiesgħa ta' applikazzjonijiet, pereżempju fis-setturi tal-kostruzzjoni, tal-imbagg u tal-għamara.

2.2. Il-prodott simili

- (34) L-investigazzjoni wriet li dawn il-prodotti li ġejjin għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u tekniċi bażiċi kif ukoll l-istess użi bażiċi:
- il-prodott ikkonċernat;
 - il-prodott immanifatturat u mibjugħ fis-suq domestiku tar-Russja; u
 - il-prodott immanifatturat u mibjugħ fl-Unjoni mill-industrija tal-Unjoni.

(?) Id-dokument Tron t21.000594.

- (35) F'dan l-istadju, il-Kummissjoni ddeċidiet li dawn il-prodotti huma għalhekk prodotti simili fis-sens tal-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

2.3. L-affermazzjonijiet rigward il-kamp ta' applikazzjoni tal-prodott

2.3.1. L-esklużjoni tal-prodott

- (36) Utent wieħed, Emiliana Imballaggi S.p.A., u żewġ produttori esportaturi Russi, Sveza u Vlas Truda, talbu li l-plywood tal-betula b'forma kwadra bit-tul u bil-wisa' ta' ħames piedi (1 525x1 525 mm) jenħtieġ li jiġi eskluż mill-investigazzjoni minħabba differenzi f'termini ta': (i) il-proprjetajiet fiżiċi, tekniċi u kimiċi, u l-karatteristiċi ġeometriċi; (ii) l-użi finali u l-interkambjabbiltà; (iii) il-kwalità tal-prodott u (iv) il-perċezzjoni tal-konsumatur u l-prezzijiet; u (v) in-nuqqas ta' kompetizzjoni bejn il-plywood tal-betula rettangolari u b'forma kwadra.
- (37) Il-Kummissjoni analizzat it-talbiet u kkonkludiet li l-plywood b'forma kwadra ma setax jiġi eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni tal-prodott għar-raġunijiet li ġejjin: Dan għandu l-istess karatteristiċi fiżiċi, tekniċi u kimiċi bażiċi bħall-plywood b'forma rettangolari. Bl-istess mod, il-plywood tal-betula b'forma kwadra jeżerċita pressjoni kompetittiva fuq il-plywood tal-betula b'forma rettangolari peress li hemm grad ta' sostitwibbiltà, u huwa possibbli li l-plywood tal-betula b'forma kwadra jiġi pproċessat aktar fi plywood tal-betula b'forma rettangolari ladarba jkun ġie importat, bir-riskju sussegwenti ta' ċirkomvenzjoni. Barra minn hekk, l-industrija tal-Unjoni tipproduċi u għandha t-tagħmir meħtieġ biex tadatta għall-ħtiġijiet speċifiċi tal-klijenti. Għalhekk, il-Kummissjoni ħadet it-talbiet għall-esklużjoni.

2.3.2. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-Prodott

- (38) Produttur Russu, Segezha, sostna li l-kamp ta' applikazzjoni tal-prodott jenħtieġ li jiġi estiż biex jinkludi mhux biss il-plywood tal-betula iżda wkoll l-arżnu, il-luq, l-okoumé u l-plywood tal-fagu. Ġie argumentat li hemm kompetizzjoni diretta u interkambjabbiltà bejn l-imsemmija plywood tal-boskijiet u l-plywood tal-betula, li flimkien jikkostitwixxu prodott uniku wieħed.
- (39) Il-Kummissjoni ħadet din l-affermazzjoni minħabba li l-arżnu, il-luq, l-okoumé u l-plywood tal-fagu ma għandhomx l-istess karatteristiċi fiżiċi, tekniċi u kimiċi bażiċi bħall-plywood tal-betula. Il-fatt li f'xi applikazzjonijiet, li ma kinux żviluppati jew identifikati fl-affermazzjoni, jistgħu jintużaw prodotti u materjali alternattivi, bi grad mhux determinat ta' kapaċità ta' sostituzzjoni, ma jbidilx in-natura tad-differenzi fiżiċi, tekniċi u kimiċi bejn il-prodott ikkonċernat u l-prodotti msemmija.

3. ID-DUMPING

3.1. Kummenti preliminari

- (40) Fil-kampjun ġew inklużi tliet gruppi ta' produttori esportaturi.
- (41) Il-grupp Sveza kien jikkonsisti minn seba' produttori u negozjant wieħed, kollha involuti direttament fil-produzzjoni u fil-bejgħ tal-prodott ikkonċernat. Is-seba' produttori biegħu permezz ta' negozjant relatat fis-suq domestiku u esportaw direttament lejn l-Unjoni.
- (42) Zheshartsky LPK LLC huwa parti minn grupp ta' kumpaniji msejja UPG. Dan il-produttur esporta kemm direttament kif ukoll permezz ta' kumpanija relatata stabbilita fil-Latvja.
- (43) Syktyvkar Plywood Mill Ltd. huwa parti minn grupp ta' kumpaniji involuti direttament fil-produzzjoni u fil-bejgħ tal-prodott ikkonċernat. Dan il-grupp kien jinkludi erba' negozjanti relatati li jaġixxu fis-suq domestiku.

3.2. Il-valur normali

- (44) Biex jiġi stabbilit il-valur normali, il-Kummissjoni talbet lill-produttori kollha inklużi fil-kampjun li jipproduċu l-prodott ikkonċernat biex iwiegħu għall-kwestjonarju.

- (45) Il-Kummissjoni l-ewwel eżaminat jekk il-volum totali ta' bejgħ domestiku ta' kull produttur esportatur li kkoopera inkluż fil-kampjun kienx rappreżentattiv, f'konformità mal-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku. Il-bejgħ domestiku jkun rappreżentattiv jekk it-total tal-volum ta' bejgħ domestiku tal-prodott simili lill-klijenti indipendenti fis-suq domestiku għal kull produttur esportatur ikun jirrappreżenta mill-anqas 5 % tal-volum totali tiegħu ta' bejgħ għall-esportazzjoni tal-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni.
- (46) Abbażi ta' dan, il-bejgħ totali minn kull produttur esportatur inkluż fil-kampjun tal-prodott simili fis-suq domestiku kien rappreżentattiv.
- (47) Imbagħad, il-Kummissjoni identifikat it-tipi ta' prodotti mibjugħa fuq livell domestiku li kienu identiċi jew paragunabbli għat-tipi ta' prodotti mibjugħa għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni għall-produtturi esportaturi b'bejgħ domestiku rappreżentattiv.
- (48) Il-Kummissjoni mbagħad eżaminat jekk il-bejgħ domestiku minn kull produttur esportatur inkluż fil-kampjun fis-suq domestiku tiegħu għal kull tip ta' prodott li huwa identiku jew komparabbli ma' tip ta' prodott mibjugħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni kienx rappreżentattiv, f'konformità mal-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku. Il-bejgħ domestiku ta' tip ta' prodott huwa rappreżentattiv jekk il-volum totali ta' bejgħ domestiku ta' dak it-tip ta' prodott lil klijenti indipendenti matul il-perjodu ta' investigazzjoni jirrappreżenta mill-inqas 5 % tal-volum totali ta' bejgħ għall-esportazzjoni tal-prodott identiku jew komparabbli lejn l-Unjoni.
- (49) Għat-tliet produtturi esportaturi/grupp ta' produtturi esportaturi, għal xi tipi ta' prodotti li ġew esportati lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni, jew ma kien hemm l-ebda bejgħ domestiku, jew il-bejgħ domestiku ta' dak it-tip ta' prodott kien inqas minn 5 % fil-volum u għalhekk ma kienx rappreżentattiv.
- (50) Imbagħad, il-Kummissjoni ddefiniet il-proporzjon tal-bejgħ bi profitt lill-klijenti indipendenti fis-suq domestiku għal kull tip ta' prodott matul il-perjodu ta' investigazzjoni sabiex tiddeċiedi jekk tużax il-bejgħ domestiku attwali għall-kalkolu tal-valur normali, f'konformità mal-Artikolu 2(4) tar-Regolament bażiku.
- (51) Il-valur normali huwa bbażat fuq il-prezz domestiku reali għal kull tip ta' prodott, irrispettivament minn jekk dak il-bejgħ huwiex profittabbli jew le, jekk:
- (a) il-volum ta' bejgħ tat-tip ta' prodott, mibjugħ bi prezz tal-bejgħ nett li huwa daqs jew oġhla mill-kost ikkalkulat ta' produzzjoni, irrappreżenta aktar minn 80 % tal-volum totali ta' bejgħ ta' dan it-tip ta' prodott; u
 - (b) il-prezz medju ponderat tal-bejgħ ta' dak it-tip ta' prodott ikun daqs jew oġhla mill-kost unitarju tal-produzzjoni.
- (52) F'dan il-każ, il-valur normali huwa l-medja ponderata tal-prezzijiet tal-bejgħ domestiku kollu ta' dak it-tip ta' prodott matul il-perjodu ta' investigazzjoni.
- (53) Min-naħa l-oħra, il-valur normali huwa l-prezz domestiku reali għal kull tip ta' prodott tal-bejgħ domestiku bi profitt tat-tipi ta' prodotti biss matul il-perjodu ta' investigazzjoni, jekk:
- (a) il-volum ta' bejgħ bi profitt tat-tip ta' prodott jirrappreżenta 80 % jew inqas mill-volum totali ta' bejgħ ta' dan it-tip: jew
 - (b) il-prezz medju ponderat ta' dan it-tip ta' prodott ikun anqas mill-kost unitarju tal-produzzjoni.
- (54) L-analiżi tal-bejgħ domestiku wriet li bejn 28 % u 93 % tal-bejgħ domestiku kollu ħalla profitt u li l-prezz tal-bejgħ medju ponderat kien oġhla mill-kost tal-produzzjoni. Għaldaqstant, skont it-tip ta' prodott, il-valur normali ġie kkalkulat bħala medja ponderata tal-prezzijiet tal-bejgħ domestiku kollu matul il-perjodu ta' investigazzjoni fis-sitwazzjoni deskritta fil-premessa (51), jew bħala medja ponderata tal-bejgħ bi profitt biss fis-sitwazzjoni deskritta fil-premessa ta' hawn fuq.
- (55) Fejn ma kien hemm l-ebda bejgħ jew ma kienx hemm biżżejjed bejgħ tat-tip tal-prodott simili fil-perkors normali tan-negozju, jew fejn tip ta' prodott ma nbiegħx fi kwantitajiet rappreżentattivi fis-suq domestiku, il-Kummissjoni ħadmet il-valur normali f'konformità mal-Artikolu 2(3) u (6) tar-Regolament bażiku.

- (56) Il-valur normali nħadem billi żdied dan li ġej mal-kost medju tal-produzzjoni tal-prodott simili tal-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun li kkooperaw matul il-perjodu ta' investigazzjoni:
- (a) l-ispejjeż tal-bejgħ, ġenerali u amministrattivi ("SG&A") medji ponderati mġarrba mill-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun li kkooperaw fuq il-bejgħ domestiku tal-prodott simili, fil-perkors normali tan-negozju, matul il-perjodu ta' investigazzjoni; u
 - (b) il-profitt medju ponderat magħmul mill-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun li kkooperaw fuq il-bejgħ domestiku tal-prodott simili, fil-perkors normali tan-negozju, matul il-perjodu ta' investigazzjoni.
- (57) Għat-tipi tal-prodott mhux mibjugħa fi kwantitajiet rappreżentattivi fis-suq domestiku, ġew miżjuda l-ispejjeż SG&A medji u l-profitt tat-tranżazzjonijiet li saru matul l-perkors normali tan-negozju fis-suq domestiku għal dawk it-tipi. Għat-tipi tal-prodott mhux mibjugħa fis-suq domestiku, ġew miżjuda l-ispejjeż SG&A medji ponderati u l-profitt tat-tranżazzjonijiet li saru fil-perkors normali tan-negozju fis-suq domestiku.

3.2.1. Il-prezz tal-esportazzjoni

- (58) Il-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun esportaw lejn l-Unjoni jew direttament lil klijenti indipendenti jew permezz ta' kumpanija relatata, kif deskritt fil-premessi (40) u (43) ta' hawn fuq.
- (59) Għall-produtturi esportaturi li esportaw il-prodott ikkonċernat direttament lil klijenti indipendenti fl-Unjoni, il-prezz tal-esportazzjoni kien il-prezz li effettivament tħallas jew dak pagabbli għall-prodott ikkonċernat meta nbiegħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni, f'konformità mal-Artikolu 2(8) tar-Regolament bażiku.
- (60) Għall-produtturi esportaturi li esportaw il-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni permezz ta' kumpanija relatata li taġixxi bħala importatur, il-prezz tal-esportazzjoni ġie stabbilit abbażi tal-prezz li bih il-prodott importat reġa' nbiegħ għall-ewwel darba lil klijenti indipendenti fl-Unjoni, f'konformità mal-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku. F'dan il-każ, l-aġġustamenti tal-prezz saru għall-kostijiet kollha mġarrba bejn l-importazzjoni u l-bejgħ mill-ġdid, inkluż għall-ispejjeż SG&A, u għall-profitti dovuti.

3.2.2. Tqabbil

- (61) Il-Kummissjoni qabblet il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni tal-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun fuq bażi *ex-works*.
- (62) Fejn iġġustifikat mill-ħtieġa li jiġi żgurat tqabbil ġust, il-Kummissjoni aġġustat il-valur normali u/jew il-prezz tal-esportazzjoni għad-differenzi li jaffettwaw il-prezzijiet u l-komparabbiltà tal-prezzijiet, f'konformità mal-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku. Saru aġġustamenti għat-trasport, għall-assigurazzjoni, għall-immaniġġjar u għat-tagħbija, għall-imballaġġ, għall-kostijiet ta' kreditu, għall-imposti bankarji, għad-dazju doganali tal-UE, għal imposti u kummissjonijiet oħrajn fuq l-importazzjoni.
- (63) Il-produttur esportatur UPG sostna li l-Gvern tal-Federazzjoni Russa rrimborża sa 80 % tal-kostijiet tat-trasport imġarrba mill-manifatturi meta jittrasportaw il-prodotti tagħhom lejn swieq barranin. Dan il-produttur esportatur sostna li jenħtieġ li jsir aġġustament 'il fuq għall-prezz tal-esportazzjoni f'konformità mal-Artikolu 2(10)(e) u (k) tar-Regolament bażiku peress li ma ngħatax rimborż simili fuq il-bejgħ domestiku.
- (64) L-Artikolu 2(10)(k) tar-Regolament bażiku jipprevedi li jista' jsir aġġustament ukoll għal differenzi ffatturi oħrajn mhux previsti fil-punti (a) sa (j), jekk jintwera li dawn jaffettwaw il-komparabbiltà tal-prezzijiet kif meħtieġ skont dan il-paragrafu, b'mod partikolari jekk il-klijenti jħallsu b'mod konsistenti prezzijiet differenti fis-suq domestiku minħabba d-differenza ffatturi bħal dawn. Madankollu, il-produttur esportatur ma ppreżenta l-ebda evidenza li turi li l-prezzijiet kienu affettwati minn din l-iskema ta' sussidju. B'mod partikolari, il-produttur esportatur li sostna li l-aġġustament ma pprova l-ebda evidenza li turi li l-klijenti tiegħu ħallsu b'mod konsistenti prezzijiet differenti fis-suq domestiku minħabba l-allegata differenza fir-rimborż tal-kostijiet tat-trasport mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa bejn il-bejgħ domestiku u dak għall-esportazzjoni. Mingħajr preġudizzju għal dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni nnotat ukoll li r-rimborż tal-kostijiet tat-trasport għall-bejgħ lejn swieq barranin għall-esklużjoni tal-bejgħ domestiku fil-probabbiltà kollha jikkostitwixxi sussidju fuq l-esportazzjoni fis-sens tal-Artikolu 4(4)(a) tar-Regolament (UE) 2016/1037. Skemi bħal dawn itejbu l-kapaċità tal-esportaturi li jikkompetu b'mod inġust fis-swieq barranin u, b'mod partikolari, li jsostnu finanzjarjament Prattiki ta' dumping. Bħala tali, dawn ma jikkostitwixxux fattur li jikkwalifika għal aġġustament skont l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku. Fil-fatt, li jkun jista' jsir aġġustament għal fatturi li jagħmluha aktar faċli għal esportatur biex jidħol fi Prattiki ta' dumping jirriżulta fil-ħabi tad-daqs tad-dumping effettivament ipprattikat. Għaldaqstant, il-Kummissjoni ċaħdet l-affermazzjoni.

- (65) L-istess produttur esportatur talab ukoll li jenħtieġ li jsir aġġustament f'konformità mal-Artikolu 2(10)(i) tar-Regolament bażiku għall-kummissjonijiet imħallsa lil negozjant relatat għall-bejgħ fis-suq domestiku. Madankollu, il-produttur esportatur ipprova wkoll informazzjoni li l-kummissjonijiet imħallsa kienu jikkonċernaw kemm il-bejgħ domestiku kif ukoll il-bejgħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni. Konsegwentement, il-Kummissjoni allokat l-ammont tal-kummissjonijiet imħallsa lin-negozjant relatat kemm għall-bejgħ domestiku kif ukoll għall-esportazzjoni abbażi tal-volum ta' dak il-bejgħ.
- (66) Il-produtturi esportaturi kollha tal-grupp Sveza inkluż fil-kampjun esportaw il-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni permezz ta' kumpanija domestika relatata, jiġifieri Sveza-Les LLC ('Sveza-Les') li tinsab f'Saint Petersburg. Il-produtturi esportaturi kollha tal-grupp Sveza ffirmaw ftehim ta' aġent tal-kummissjoni man-negozjant relatat inkwistjoni. Il-produtturi esportaturi kollha fil-grupp huma jew direttament jew indirettament relatati ma' dik il-kumpanija. Huma sostnew li l-kummissjonijiet imħallsa lin-negozjant jenħtieġ li ma jtnaqqisux mill-prezz tal-esportazzjoni peress li ma jaffettwawx il-komparabbiltà tal-prezzijiet, minħabba li n-negozjant relatat wettaq eżattament l-istess funzjonijiet fil-bejgħ għall-esportazzjoni u fil-bejgħ domestiku. L-unika differenza allegatament hija relatata mar-remunerazzjoni tal-attivitajiet tan-negozjant relatat: Il-bejgħ domestiku huwa kopert minn żieda, filwaqt li l-bejgħ għall-esportazzjoni huwa soġġett għal kummissjoni, abbażi tal-ftehimiet tal-kummissjoni. Il-produtturi esportaturi sostnew ukoll li jikkostitwixxu entità ekonomika waħda man-negozjant, li taffettwa kemm il-bejgħ domestiku kif ukoll dak għall-esportazzjoni.
- (67) Bi tweġiba, il-Kummissjoni fakkret li s-seba' kumpaniji produtturi kollha tal-grupp kienu ffirmaw kuntratt li jipprovdi għal kummissjoni definita b'mod ċar fuq kull bejgħ għall-esportazzjoni li fil-fatt tħallas. Dan ma kienx il-każ fis-suq domestiku. Dan jagħti lok għal kwistjoni ta' komparabbiltà tal-prezzijiet skont l-Artikolu 2(10) bejn il-prezz tal-esportazzjoni u l-valur normali, u l-Kummissjoni għalhekk naqqset il-kummissjoni mħallsa skont l-Artikolu 2(10)(i).
- (68) Barra minn dan, dwar l-eżistenza ta' entità ekonomika waħda, il-Kummissjoni tfakkar li skont il-ġurisprudenza tal-Unjoni, l-eżistenza ta' ftehim bil-miktub ta' kummissjoni ta' bejgħ għall-esportazzjoni biss hija element importanti li għandu tendenza juri li n-negozjant ma huwiex dipartiment tal-bejgħ intern tal-produtturi esportaturi fir-rigward tal-bejgħ għall-esportazzjoni⁽⁸⁾. Il-kuntratt fih ukoll diversi klawżoli, bħal klawżola ta' arbitraġġ, li juru nuqqas ta' solidarjeta bejn il-kumpaniji. Kien diffiċli li dawn il-klawżoli jiġu rikonċiljati mad-dikjarazzjoni li l-produtturi esportaturi u n-negozjant relatat jenħtieġ li jiġu ttrattati bħala entità ekonomika waħda minkejja li huma kumpaniji legalment distinti. Deher ukoll li xi funzjonijiet tal-bejgħ inżammu mill-produtturi esportaturi fid-dawl tal-ispejjeż SG&A tagħhom għal dak il-għan. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni nnotat li n-negozjant relatat ħareġ il-fatturi f'isem il-prodotti esportaturi lill-ewwel klijenti indipendenti fl-Unjoni. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, il-Kummissjoni ċaħdet proviżjonament it-talba li n-negozjant u l-produtturi esportaturi jikkostitwixxu entità ekonomika waħda fir-rigward tal-bejgħ għall-esportazzjoni.
- (69) L-investigazzjoni żvelat ukoll li l-aġenti mhux relatati li jinsabu fl-Unjoni kienu involuti wkoll fxi bejgħ għall-esportazzjoni tal-grupp Sveza. Dawn l-aġenti rċevew kummissjoni, li ġiet irreġistrata fil-kontijiet ta' Sveza-Les bħala parti mill-ispejjeż tagħha tal-SG&A. Għalhekk, il-Kummissjoni aġġustat il-prezz tal-esportazzjoni f'konformità mal-Artikolu 2(10)(i) tar-Regolament bażiku għall-kummissjoni mħallsa lill-aġenti mhux relatati għall-bejgħ għall-esportazzjoni. L-aġġustament ammonta għall-kummissjoni li kienet tinkludi t-tariffi tal-aġent kif irreġistrati fil-kontijiet ta' Sveza-Les.
- (70) Fl-aħħar, l-istess grupp sostna li f'każ li l-Kummissjoni taġġusta l-prezz tal-esportazzjoni, dan jimplika li l-Kummissjoni qieset li l-produtturi esportaturi u n-negozjant relatat ma jiffurmawx entità ekonomika waħda, konsegwentement, imbagħad jenħtieġ li jsir ukoll tnaqqis għall-SG&A u l-profit associjati mal-bejgħ mill-ġdid tal-prodott simili mibjugħ fis-suq domestiku.
- (71) Il-Kummissjoni fakkret li għall-kuntrarju tas-sitwazzjoni tal-bejgħ għall-esportazzjoni fejn l-imtieħen jiffatturaw direttament l-ewwel klijenti indipendenti fl-Unjoni, il-bejgħ domestiku jsir lill-ewwel klijenti indipendenti permezz ta' Sveza-Les. Fi kliem ieħor, Sveza-Les tbigħ il-prodott ikkonċernat li xtrat mid-diversi mtieħen tal-grupp. Skont l-Artikolu 2(1) tar-Regolament bażiku, il-valur normali jeħtieġ li jiġi stabbilit skont il-prezz tal-bejgħ domestiku lill-ewwel klijent indipendenti. Aġġustament għall-marġni kummerċjali skont l-Artikolu 2(10)(i) jassumi li l-bejgħ rilevanti għall-istabbiliment tal-valur normali jkun pjuttost il-bejgħ bejn l-imtieħen u Sveza-Les li għalih jiġi ddeterminat prezz wara t-tnaqqis tal-allegat marġni kummerċjali debitat minn Sveza-Les meta tbigħ il-prodott.

⁽⁸⁾ Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-25 ta' Ġunju 2015 fil-Kawża T-26/12, PT Musim Mas, il-punt 50, ikkonfermata mill-Qorti tal-Ġustizzja meta ddeċidiet dwar l-appell fil-Kawża C-468/15 P tas-26 ta' Ottubru 2016, il-punti 43-44.

Madankollu, il-bejgħ mill-impriji lil Sveza-Les ma huwiex bejgħ lill-ewwel klijent indipendenti. F'dawk iċ-ċirkostanzi, tnaqqis tal-marġni kummerċjali debitat minn Sveza-Les ma jkunx konsistenti mal-Artikolu 2(1) tar-Regolament bażiku. Barra minn hekk, skont it-test tal-Artikolu 2(10)(i), aġġustament għall-marġni kummerċjali li jirċievi negozjant ikun jeħtieġ ukoll evidenza li Sveza-Les twettaq funzjonijiet simili għal dawk ta' aġent li jaġixxi fuq bażi ta' kummissjoni għall-bejgħ domestiku. Ma hemm l-ebda evidenza bħal din fil-fajl. Fuq il-bażi tal-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, il-Kummissjoni provviżorjament ċaħdet l-affermazzjoni li aġġustament għall-marġni kummerċjali għall-bejgħ domestiku kien ġustifikat.

3.2.3. Il-marġnijiet tad-dumping

- (72) Għall-produtturi esportaturi li kkooperaw inklużi fil-kampjun, il-Kummissjoni qabblat il-valur normali medju ponderat ta' kull tip tal-prodott simili mal-prezz tal-esportazzjoni medju ponderat tat-tip korrispondenti tal-prodott ikkonċernat, f'konformità mal-Artikolu 2(11) u (12) tar-Regolament bażiku.
- (73) Għall-produtturi esportaturi fil-Grupp Sveza, il-Kummissjoni l-ewwel ikkalkulat marġni tad-dumping individwali għal kull produttur esportatur u bħala t-tieni pass, din ikkalkulat marġni tad-dumping ponderat għall-Grupp Sveza kollu.
- (74) Fuq din il-bażi, il-marġnijiet tad-dumping medji ponderati provviżorji espressi bħala perċentwal tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas, huma kif ġej:

Il-kumpanija	Il-marġni tad-dumping provviżorju
Sveza Group	15,9 %
Syktyvkar Plywood Mill Ltd.	15,0 %
Zheshartsky LPK LLC	15,3 %

- (75) Għall-produtturi esportaturi li kkooperaw li ma humiex inklużi fil-kampjun, il-Kummissjoni kkalkulat il-marġni tad-dumping medju ponderat, f'konformità mal-Artikolu 9(6) tar-Regolament bażiku. Għalhekk, dak il-marġni ġie stabbilit abbażi tal-marġnijiet tal-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun.
- (76) Abbażi ta' dan, il-marġni tad-dumping provviżorju tal-produtturi esportaturi li kkooperaw u li ma humiex inklużi fil-kampjun huwa ta' 15,7 %.
- (77) Għall-produtturi esportaturi l-oħrajn kollha fir-Russja, il-Kummissjoni stabbiliet il-marġni tad-dumping abbażi tal-fatti disponibbli, f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni ddeterminat il-livell ta' kooperazzjoni tal-produtturi esportaturi. Il-livell ta' kooperazzjoni huwa l-volum ta' esportazzjonijiet tal-produtturi esportaturi li kkooperaw lejn l-Unjoni espress bħala proporzjon tal-importazzjonijiet totali mill-pajjiż ikkonċernat lejn l-Unjoni fil-perjodu ta' investigazzjoni, li ġew stabbiliti abbażi tal-Eurostat.
- (78) Il-livell ta' kooperazzjoni f'dan il-każ huwa għoli minħabba li l-esportazzjonijiet tal-produtturi esportaturi li kkooperaw kienu jikkostitwixxu madwar 81 % tal-importazzjonijiet totali matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni ddeċidiet li tistabbilixxi l-marġni tad-dumping għall-produtturi esportaturi li ma kkooperawx fil-livell tal-kumpanija li kkooperat inkluża fil-kampjun eżaminata fuq bażi individwali bl-ogħla marġini tad-dumping.
- (79) Il-marġnijiet tad-dumping provviżorji, espressi bħala perċentwal tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas, huma kif ġej:

Kumpanija	Marġni tad-dumping provviżorju
Sveza Group	15,9 %
Syktyvkar Plywood Mill Ltd.	15,0 %
Zheshartsky LPK LLC	15,3 %
Kumpaniji oħrajn li kkooperaw	15,7 %
Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	15,9 %

4. DANNU

4.1. Definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni u tal-produzzjoni tal-Unjoni

- (80) Ħmistax-il produttur magħruf fl-Unjoni mmanifatturaw il-prodott simili matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Dawn jikkostitwixxu l-“industrija tal-Unjoni” fis-sens tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament bażiku.
- (81) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni kienet stmata għal madwar 849 000 metru kubu. Il-Kummissjoni stabbiliet iċ-ċifra abbażi tal-informazzjoni kollha disponibbli dwar l-industrija tal-Unjoni, bħat-tweġibiet għall-kwestjonarju li waslu mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun. Kif indikat fit-Taqsima 1.6, it-tliet produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun irrappreżentaw 39 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni tal-prodott simili.
- (82) Il-produzzjoni tal-Unjoni destinata għall-konsum ristrett ġiet stmata li kienet anqas minn 0,5 %. Minħabba l-immaterjalità tiegħu, il-konsum ristrett ma huwiex meġjus rilevanti għall-analiżi tad-dannu f'dan il-każ.

4.2. Il-konsum tal-Unjoni

- (83) Il-Kummissjoni stabbiliet il-konsum tal-Unjoni abbażi ta' (a) id-*data* sottomessa mill-ilmentatur dwar il-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni tal-prodott simili lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni, kif ġiet kontroverifikata mal-volumi ta' bejgħ irrappurtati mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun; (b) l-importazzjonijiet tal-prodott li qed jiġi investigat mill-pajjiżi terzi kollha kif irrappurtat fil-Eurostat ⁽⁹⁾.
- (84) Il-konsum tal-Unjoni żviluppa kif ġej:

Tabella 1

Il-konsum tal-Unjoni f'metri kubi (m³)

	2017	2018	2019	Il-perjodu ta' investigazzjoni
Il-konsum totali tal-Unjoni	1 874 725	2 000 293	2 080 786	2 130 325
<i>Indiċi</i>	100	107	111	114

Sors: L-ilmentatur, il-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun u l-Eurostat

- (85) Il-konsum fl-Unjoni żdied b'14 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Analiżi dettaljata turi żieda kostanti sena wara sena, bl-akbar żieda mill-2017 għall-2018 ta' 7 %, li naqqset ir-rata fis-snin ta' wara iżda bi tkabbir kostanti.

4.3. L-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat

4.3.1. Il-metodoloġija għall-identifikazzjoni tal-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat

- (86) Qabel il-bidu tal-proċediment u l-ħolqien sussegwenti ta' kodiċi TARIC speċifiku ⁽¹⁰⁾, l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat ġew irreġistrati fil-livell NM ⁽¹¹⁾ inkluż ukoll prodotti għajr il-prodott ikkonċernat. Sabiex jiġi smat il-volum tal-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, il-Kummissjoni applikat l-istess proporzjon (TARIC/NM) osservat wara l-bidu bejn il-volumi tal-importazzjoni tal-kodiċi NM sħiħ u l-importazzjonijiet għall-prodott ikkonċernat abbażi tad-*data* TARIC. Għall-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat, il-proporzjon ġie stabbilit għal 78 %.
- (87) Ir-riżultati ta' din il-metodoloġija jikkonfermaw ix-xejra tal-importazzjonijiet pprovduta fl-ilment.

⁽⁹⁾ Sors tad-*data* Eurostat, aġġustat bl-applikazzjoni tal-metodoloġija spjegata fit-Taqsima 4.3.1.

⁽¹⁰⁾ Kodiċi TARIC: 4412 33 00 10

⁽¹¹⁾ Kodiċi NM: 4412 33 00

4.3.2. *Il-volum u s-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat*

- (88) Abbażi tal-metodoloġija msemmija hawn fuq, il-Kummissjoni stabbiliet il-volum tal-importazzjonijiet abbażi tad-*data* tal-Eurostat. Is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet ġie stabbilit permezz ta' tqabbil bejn il-volum tal-importazzjonijiet mal-konsum fl-Unjoni.
- (89) L-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat żviluppaw kif ġej:

Tabella 2

Il-volum tal-importazzjonijiet (m³) u s-sehem mis-suq

	2017	2018	2019	Il-perjodu ta' investigazzjoni
Il-volum tal-importazzjonijiet mir-Russja (m ³)	871 050	933 329	1 081 937	1 192 712
<i>Indiċi</i>	100	107	124	137
Is-sehem mis-suq	46 %	47 %	52 %	56 %
<i>Indiċi</i>	100	100	112	120

Sors: Eurostat

- (90) L-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat żdiedu minn madwar 871 050 metru kubu għal madwar 1 192 712 metru kubu matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, żieda ta' 37 %. Is-sehem mis-suq ta' dawn l-importazzjonijiet żdied minn 46 % għal 56 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, żieda ta' 20 %.

4.3.3. *Il-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat u t-twaqqiġ tal-prezz*

- (91) Il-Kummissjoni stabbiliet il-prezzijiet tal-importazzjonijiet abbażi tal-istatistika tal-Eurostat ta' EUR/tunnellata fil-livell NM. Filwaqt li, kif spjegat fit-Taqsima 4.3.1 ta' hawn fuq, l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat ġew irreġistrati flimkien ma' ġabra akbar ta' prodotti, din il-metodoloġija tipprovdí stima affidabbli tal-prezzijiet u l-evoluzzjoni tagħha maż-żmien peress li l-maġġoranza l-kbira tal-importazzjonijiet taħt dan il-kodiċi NM kienu tal-prodott ikkonċernat, u tippermetti t-tqabbil tal-iżvilupp tal-prezzijiet bejn pajjiżi esportaturi differenti.
- (92) Il-prezz medju tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat żviluppa kif ġej:

Tabella 3

Il-prezzijiet tal-importazzjonijiet (EUR/tunnellata)

	2017	2018	2019	Il-perjodu ta' investigazzjoni
Ir-Russja	646	681	608	584
<i>Indiċi</i>	100	105	94	90

Sors: Eurostat

- (93) Il-prezzijiet medji tal-importazzjonijiet mir-Russja naqsu minn EUR 646/tunnellata fl-2017 għal EUR 584/tunnellata matul il-perjodu ta' investigazzjoni, tnaqqis ta' 10 %. Il-prezz medju tal-importazzjonijiet żdied fl-2018 b'5 % u naqas fil-perjodi sussegwenti bi 15 %.
- (94) L-istess xejra tista' tiġi osservata meta jintużaw il-prezzijiet medji ponderati tal-esportazzjoni kif irrapportati mill-produtturi esportaturi fil-kampjun, li juru prezz ta' EUR 434/m³ fil-PI għall-prodott investigat. B'hekk il-prezzijiet tal-importazzjoni kienu konsistentement taħt il-prezzijiet tal-bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni (ara t-tabella 7) u kien hemm differenza fil-prezz ta' 38 % matul il-PI.

- (95) Il-plywood tal-betula jinbiegħ f'varjetà kbira ta' dimensjonijiet, kwalità u skont speċifikazzjonijiet speċifiċi tal-klijent. Minħabba l-varjetà wiesgħa ta' tipi ta' prodotti mibjugħa mill-industrija tal-Unjoni u mill-produtturi esportaturi Russi, is-sistema dettaljata tal-PCN, li ġiet stabbilita fil-bidu, għamlet grad għoli ta' tqabbil ta' prodotti identiċi diffiċli. Għalhekk, għall-fini tat-tqabbil tal-prezzijiet, il-Kummissjoni wettqet approssimazzjoni raġonevoli u teknikament robusta billi għabret flimkien mill-qrib xi tipi ta' prodotti simili, u b'hekk ippermettiet tqabbil xieraq tal-prodotti mibjugħa mill-industrija tal-Unjoni mat-tipi ta' prodotti ekwivalenti mibjugħa mill-produtturi esportaturi Russi. Fuq din il-bażi, il-livell ta' tqabbil bejn diversi tipi ta' prodotti mibjugħa mill-industrija tal-Unjoni u t-tipi ta' prodotti mibjugħa mill-produtturi esportaturi Russi kien ta' aktar minn 68 % tal-volumi importati mill-produtturi esportaturi Russi inklużi fil-kampjun.
- (96) Il-Kummissjoni ddeterminat it-twaqqiġ tal-prezz matul il-perjodu ta' investigazzjoni billi qabblet:
- (97) il-prezzijiet tal-bejgħ medji ponderati għal kull tip ta' prodott tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun li ġew imposti fuq klijenti mhux relatati fis-suq tal-Unjoni. Minħabba li l-produtturi tal-Unjoni biegħu l-prodott ikkonċernat direttament, kif ukoll permezz ta' kumpaniji tal-bejgħ relatati, il-prezz tal-bejgħ ġie aġġustat, kif xieraq, għat-trasport, għall-assigurazzjoni u għall-kost tal-maniġġ għal livell tal-prezz mill-fabbrika; u
- (98) il-prezzijiet medji ponderati korrispondenti għal kull tip ta' prodott tal-importazzjonijiet mill-produtturi Russi inklużi fil-kampjun lill-ewwel klijent indipendenti fis-suq tal-Unjoni, aġġustati għal-livell tal-fruntiera doganali tal-Unjoni. Għall-bejgħ li sar permezz ta' importatur relatat sar aġġustament ulterjuri skont l-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku. Imbagħad ġie miżjud ammont għall-kostijiet ta' wara l-importazzjoni u għad-dazju doganali mal-prezz stabbilit fil-livell tal-fruntiera doganali tal-Unjoni. Dan il-bejgħ irrappreżenta inqas minn 5 % tal-bejgħ totali tal-produtturi Russi fil-kampjun.
- (99) It-tqabbil tal-prezzijiet sar fuq bażi ta' tip b'tip għat-tranżazzjonijiet, b'aġġustament dovut fejn meħtieġ, u wara tnaqqis tar-rifużjonijiet u tal-iskontijiet. Ir-riżultat tat-tqabbil kien espress bħala perċentwal tal-fatturat teoretiku tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun matul il-perjodu ta' investigazzjoni.
- (100) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping tal-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun urew marġni ta' twaqqiġ tal-prezz b'medja ponderata ta' 12,6 % (li jvarja bejn 9,5 % u 18,5 %). Il-marġnijiet ta' twaqqiġ tal-prezz huma kkunsidrati sinifikanti.

4.4. Is-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni

4.4.1. *Kummenti ġenerali*

- (101) F'konformità mal-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku, l-eżami tal-impatt tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping fuq l-industrija tal-Unjoni kien jinkludi evalwazzjoni tal-indikaturi ekonomiċi kollha li kienu jinfluwenzaw l-istat tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.
- (102) Kif imsemmi fit-Taqsima 1.6.1, intuża l-kampjunar għad-determinazzjoni tad-dannu possibbli li ġarrbet l-industrija tal-Unjoni.
- (103) Biex tiddetermina d-dannu, il-Kummissjoni għamlet distinzjoni bejn l-indikaturi tad-dannu makroekonomiċi u dawk mikroekonomiċi. Il-Kummissjoni evalwat l-indikaturi makroekonomiċi abbażi tad-*data* li tinsab fit-tweġiba għall-kwestjonarju tal-ilmentatur relatata mal-produtturi kollha tal-Unjoni, kontroverifikata fejn meħtieġ mat-tweġibiet għall-kwestjonarju tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun. Il-Kummissjoni eżaminat l-indikaturi mikroekonomiċi abbażi tad-*data* li tinsab fit-tweġibiet għall-kwestjonarju mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun, li ġew kontroverifikati mill-bogħod. Iż-żewġ settijiet ta' *data* nstabu li kienu rappreżentattivi tas-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni.
- (104) L-indikaturi makroekonomiċi huma: Il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni, l-użu tal-kapaċità, il-volum ta' bejgħ, is-sehem mis-suq, it-tkabbir, l-impjigi, il-produttività, id-daqs tal-marġni tad-dumping u l-irkupru minn dumping tal-passat.
- (105) L-indikaturi mikroekonomiċi huma: Il-prezzijiet unitarji medji, il-kost unitarju, il-kostijiet lavorattivi, l-inventarji, il-profittabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti, ir-redditu fuq l-investimenti u l-kapaċità li jiġi ġġenerat il-kapital.

4.4.2. L-indikaturi makroekonomiċi

4.4.2.1. Il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità

- (106) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 4

Il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità

	2017	2018	2019	Il-perjodu ta' investigazzjoni
Il-volum tal-produzzjoni (m ³)	982 658	1 009 772	879 540	848 900
<i>Indiċi</i>	100	103	90	86
Il-kapaċità tal-produzzjoni (m ³)	1 244 310	1 296 650	1 328 000	1 203 000
<i>Indiċi</i>	100	104	107	97
L-użu tal-kapaċità	79 %	78 %	66 %	71 %
<i>Indiċi</i>	100	99	84	89

Sors: L-ilmentatur u l-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun

- (107) Matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, il-volum tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni naqas b'14 % jew madwar 140 000 metru kubu. Kien hemm żieda żgħira mill-2017 għall-2018, segwita minn tnaqqis sinifikanti fil-perjodi li ġejjin.
- (108) Il-kapaċità tal-produzzjoni tal-Unjoni tnaqqset b'kollox bi 3 % fil-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Il-kapaċità tal-produzzjoni tal-Unjoni żdiedet bi ftit fl-2018 u fl-2019, li huwa spjegat mid-dewmien ta' żmien bejn id-deċiżjoni li jżiedu l-kapaċitajiet u l-effett tagħha. Madankollu, matul il-PI, l-industrija tal-Unjoni tnaqqset b'10 % meta mqabbla mal-2019.
- (109) Matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, l-użu tal-kapaċità tal-industrija tal-Unjoni naqas bi 11 % minħabba li l-produtturi tal-Unjoni ma setgħux iżidu l-produzzjoni f'konformità mat-tkabbir tas-suq. Mill-2017 sal-2019, it-tnaqqis fl-użu kien ta' 16 %, segwit minn żieda fil-PI ta' 5 % minħabba d-diżinvestiment u l-għeluq tas-siti tal-produzzjoni.

4.4.2.2. Il-volum ta' bejgħ u s-sehem mis-suq

- (110) Il-volum ta' bejgħ u s-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 5

Il-volum ta' bejgħ u s-sehem mis-suq

	2017	2018	2019	Il-perjodu ta' investigazzjoni
Il-volum ta' bejgħ totali fis-suq tal-Unjoni (m ³)	821 341	818 621	757 103	680 243
<i>Indiċi</i>	100	100	92	83
Is-sehem mis-suq	44 %	41 %	36 %	32 %
<i>Indiċi</i>	100	93	83	73

Sors: L-ilmentatur, il-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun u l-Eurostat

(111) Matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, il-volum ta' bejgħ totali tal-industrija tal-Unjoni naqas b'mod sinifikanti bi 17 %. Il-volum ta' bejgħ tal-Unjoni baqa' fl-istess livell mill-2017 sal-2018, iżda fl-2019 wera tnaqqis ta' 8 % u tnaqqis ulterjuri ta' 9 % mill-2019 sal-PI.

(112) Flimkien mat-tnaqqis fil-bejgħ, is-suq kondiviż tal-industrija tal-Unjoni tnaqqas b'27 %, matul xejra ta' tnaqqis invarjabbli li naqqset il-preżenza tal-industrija tal-Unjoni fis-suq minn 44 % tas-sehem mis-suq fl-2017 għal 32 % fil-PI.

4.4.2.3. It-*tkabbir*

(113) F'kuntest ta' espansjoni tas-suq, b'żieda fil-konsum tal-Unjoni, iċ-ċifri ta' hawn fuq juru li l-industrija tal-Unjoni esperjenzat tnaqqis sostanzjali fir-rigward tal-produzzjoni, tal-volum ta' bejgħ u tas-sehem mis-suq.

4.4.2.4. L-impjiegi u l-produttività

(114) L-impjiegi u l-produttività żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 6

L-impjiegi u l-produttività

	2017	2018	2019	Il-perjodu ta' investigazzjoni
L-għadd ta' impjegati	6 039	5 960	5 325	5 308
<i>Indiċi</i>	100	99	88	88
Il-produttività (m ³ /impjegat)	163	169	165	160
<i>Indiċi</i>	100	104	102	98

Sors: L-ilmentatur u l-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun

(115) Il-livell tal-impjiegi tal-industrija tal-Unjoni esperjenza tnaqqis ta' 12 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. L-impjiegi baqgħu relattivament stabbli mill-2017 sal-2018 għalkemm anke matul dak il-perjodu relattivament stabbli, l-għadd ta' impjegati naqas b'79. L-impjiegi komplew jitnaqqsu b'mod sinifikanti fl-2019 u ma żdidux fil-PI iżda komplew jonqsu fl-livell inqas.

(116) Fid-dawl tat-tnaqqis fil-produzzjoni u fl-impjiegi, il-produttività tal-forza tax-xogħol tal-industrija tal-Unjoni, imkejla bħala tunnelli għal kull impjegat prodott fis-sena, naqset bi 2 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Din żdiedet mill-2017 għall-2018 b'4 %, segwita minn tnaqqis fil-perjodi sussegwenti.

4.4.2.5. Id-daqs tal-marġni tad-dumping u l-irkupru minn dumping fil-passat

(117) Il-marġnijiet kollha tad-dumping kienu ferm ogħla mil-livell *de minimis*. L-impatt tad-daqs tal-marġnijiet effettivi tad-dumping fuq l-industrija tal-Unjoni kien sostanzjali, meta jitqiesu l-volum u l-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat.

(118) Din hija l-ewwel investigazzjoni anti-dumping dwar il-prodott ikkonċernat. Għalhekk, ma kien hemm l-ebda *data* disponibbli biex jiġu vvalutati l-effetti ta' dumping possibbli fil-passat.

4.4.3. L-*indikaturi mikroekonomiċi*

4.4.3.1. Il-prezzijiet u l-fatturi li jaffettwaw il-prezzijiet

(119) Il-prezzijiet medji ponderati tal-bejgħ ta' unità tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 7

Il-prezzijiet tal-bejgħ fl-Unjoni

	2017	2018	2019	Il-perjodu ta' investigazzjoni
Il-prezz medju tal-bejgħ ta' unità fl-Unjoni fis-suq totali (EUR/m ³)	717	746	732	694
<i>Indiċi</i>	100	104	102	97
Il-kost unitarju tal-produzzjoni (EUR/m ³)	629	670	713	692
<i>Indiċi</i>	100	107	113	110

Sors: Il-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun

- (120) Il-prezzijiet tal-bejgħ fis-suq tal-Unjoni lil partijiet mhux relatati naqsu minn EUR 717/m³ għal EUR 694/m³ matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, tnaqqis ta' 3 %. Fl-2018, il-livell tal-prezzijiet esperjenza żieda żgħira iżda temporanja ta' 4 %, li kienet imnaqqa fil-perjodi li ġejjin.
- (121) Matul l-istess perjodu, il-kost unitarju tal-produzzjoni tal-produtturi tal-unjoni inklużi fil-kampjun żdied b'10 %. Il-kost tal-produzzjoni kien affettwat mill-iżvilupp tal-prezzijiet ewlenin tal-materja prima, mill-fuljetti taz-zkuk tal-injam tal-betula, u mid-diffikultajiet biex wieħed jibbenefika bis-sħiħ mill-ekonomiji ta' skala minħabba t-tnaqqis fil-bejgħ u fil-produzzjoni.

4.4.3.2. Il-kostijiet lavorattivi

- (122) Il-kostijiet lavorattivi medji tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 8

Il-kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat

	2017	2018	2019	Il-perjodu ta' investigazzjoni
Il-kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat (EUR)	23 474	23 542	23 733	23 690
<i>Indiċi</i>	100	100	101	101

Sors: Il-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun

- (123) Il-kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat żdiedu b'1 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

4.4.3.3. L-inventarji

- (124) Il-livelli tal-istokkijiet tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 9

L-inventarji

	2017	2018	2019	Il-perjodu ta' investigazzjoni
L-istokks tal-għeluq (m ³)	30 894	43 550	35 706	37 685
<i>Indiċi</i>	100	141	116	122

L-istokkijiet tal-għeluq bħala perċentwal tal-produzzjoni	3,1 %	4,3 %	4,1 %	4,4 %
<i>Indiċi</i>	100	137	129	141

Sors: Il-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun

- (125) L-istokks tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żdiedu bi 22 % matul il-perjodu. Iż-żieda ewlenija ta' 41 % seħħet bejn l-2017 u l-2018 bl-istokks li laħqu l-livell massimu tagħhom fl-2018. Minn hemm 'il quddiem, l-industrija tal-Unjoni rnexxielha tnaqqas l-istokks b'25 % fl-2019 billi aġġustat il-produzzjoni tagħha, madankollu l-istokks reġġu żdiedu mill-2019 sal-PI b'6 % minħabba t-tnaqqis kontinwu fil-bejgħ tal-Unjoni. L-istokks tal-għeluq bħala perċentwal tal-produzzjoni żdiedu minn 3,1 % fl-2017 għal 4,4 % fl-PI.

4.4.3.4. Il-profittabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti, ir-redditu fuq l-investimenti u l-kapaċità li jiġi ġġenerat kapital

- (126) Il-profittabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti u r-redditu fuq l-investimenti tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 10

Il-profittabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti u r-redditu fuq l-investimenti

	2017	2018	2019	Il-perjodu ta' investigazzjoni
Il-profittabbiltà tal-bejgħ fl-Unjoni lil klijenti mhux relatati (% tal-fatturat mill-bejgħ)	9,7 %	7,4 %	0,2 %	-2,8 %
<i>Indiċi</i>	100	76	2	-28
Il-fluss tal-flus (EUR)	191 991 172	187 065 363	175 135 121	165 108 224
<i>Indiċi</i>	100	97	91	86
L-investimenti (EUR)	14 326 493	12 473 095	11 169 293	14 237 597
<i>Indiċi</i>	100	87	78	99
Ir-redditu fuq l-investimenti	20 %	11 %	0 %	-2 %
<i>Indiċi</i>	100	55	2	-10

Sors: Il-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun

- (127) Il-Kummissjoni stabbiliet il-profittabbiltà tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun billi esprimiet il-profitt nett qabel it-taxxa tal-bejgħ tal-prodott simili lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni bħala perċentwal tal-fatturat ta' dak il-bejgħ. Il-profittabbiltà tal-produtturi inklużi fil-kampjun ikkollasat matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni u naqset minn kważi 10 % fl-2017 għal qrib -3 % fil-perjodu ta' investigazzjoni.

- (128) Kif spjegat fit-Taqsima 4.4.3.1, il-kostijiet tal-produtturi tal-Unjoni żdiedu ħafna aktar mill-prezzijiet tagħhom. L-industrija tal-Unjoni ma setgħetx iżżid il-prezzijiet bl-istess mod li bih il-kostijiet kienu qed jiżdiedu minħabba l-pressjoni 'l isfel ikkawżata mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mir-Russja, kemm f'termini ta' volum kif ukoll ta' prezzijiet baxxi. Tabilħaqq, matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, l-importazzjonijiet Russi kienu f'volumi għoljin u dejjem jiżdiedu bi prezzijiet li kienu baxxi b'mod konsistenti u li seggew xejra ċara ta' tnaqqis matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Il-prezz medju tal-importazzjonijiet Russi kien ferm inqas mill-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni, u b'hekk jillimita l-possibbiltà ta' żidiet fil-prezzijiet, li kienu jkun mistennija f'kuntest ta' żieda fil-kostijiet tal-materja prima, u domanda dejjem akbar. Dan irriżulta fi profittabbiltà mnaqsa u li qed tonqos sal-punt li l-industrija tal-Unjoni kienet qed tagħmel it-telf matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

- (129) Il-fluss tal-flus nett huwa l-kapaċità tal-produtturi tal-Unjoni li jiffinanzjaw l-attivitàjiet tagħhom stess. Ix-xejra fil-fluss tal-flus nett żviluppata b'mod negattiv matul il-perjodu investigat, bi tnaqqis annwali, li jwassal għal tnaqqis ġenerali ta' 14 % mill-2017 sal-PI. Il-kapaċità li jiżdied il-kapital għet affettwata b'mod negattiv mit-tnaqqis fil-profitti.
- (130) Il-livell ta' investimenti annwali naqas b'1 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, iżda ċkien bi 22 % bejn l-2018 u l-2019, u b'ilkemm jirkupra għal-livell tal-2017 fil-PI. Filwaqt li t-tnaqqis inizjali huwa spjegat mill-iżvilupp tas-suq u mill-impatt fuq il-bejgħ u l-profittabbiltà, iż-żieda reċenti fil-PI kelliha l-għan li żżomm il-kapaċitàjiet eżistenti u tagħmel sostituzzjoni xierqa tal-assi ta' produzzjoni meħtieġa.
- (131) Ir-redditu fuq l-investimenti huwa l-profit f'perċentwal tal-valur kontabilistiku nett tal-investimenti. Dan żviluppa b'mod negattiv matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni u niżel minn 20 % fl-2017 għal -2 % fil-PI. L-iżvilupp negattiv juri li, għalkemm l-investimenti komplew sabiex tinżamm il-kompetittività, ir-redditi fuq daww l-investimenti naqsu b'mod sostanzjali matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

4.4.4. *Konklużjoni dwar id-dannu*

- (132) F'kuntest ta' żieda sostanzjali fil-konsum tal-Unjoni (+ 14 %), l-importazzjonijiet mir-Russja żdiedu saħansitra b'mod aktar b'saħħtu matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni (+ 37 %), bi prezzijiet li waqqgħu b'mod sinifikanti daww tal-industrija tal-Unjoni. Dan ippermetta lill-produtturi esportaturi Russi jilhq sehem mis-suq ta' 56 % fil-PI (żieda minn 46 % fl-2017).
- (133) F'dawn iċ-ċirkostanzi, l-industrija tal-Unjoni mhux biss ma setgħetx tibbenefika minn suq li qed jespandi, iżda s-sitwazzjoni ekonomika tagħha marret għall-aġħar kif muri mill-makroindikaturi ewlenin kollha li jippreżentaw xejra negattiva: Il-produzzjoni (-14 %), il-bejgħ tal-UE (-17 %) u tnaqqis sinifikanti tas-sehem mis-suq tagħha (minn 44 % għal 32 %) fil-perjodu taħt kunsiderazzjoni.
- (134) B'reazzjoni għall-pressjoni tal-prezzijiet Russi baxxi, l-industrija tal-Unjoni ppruvat tnaqqas il-kost u saru aġġustamenti fl-impjegji (-12 %). Madankollu, bħala riżultat tal-pressjoni eżerċitata mill-importazzjonijiet Russi oġġett ta' dumping f'termini ta' volumi akbar u prezzijiet baxxi, il-bejgħ tal-UE naqas u l-istokks żdiedu b'mod rapidu (+ 22 %) fil-perjodu taħt kunsiderazzjoni, u laħqu l-livell massimu tagħhom (+ 41 %) fl-2018.
- (135) Il-kost tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni żdied b'mod sinifikanti matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni (+ 10 %), l-aktar minħabba żieda qawwija fil-prezzijiet tal-materja prima.
- (136) Il-kost tal-industrija tal-Unjoni żdied aktar mill-prezzijiet tal-bejgħ, konsegwentement, il-profittabbiltà kkontrollat fil-perjodu taħt kunsiderazzjoni, minn sitwazzjoni b'saħħitha (+ 10 %) fl-2017 għal xenarju ta' telf mhux sostenibbli (-3 %) fil-PI.
- (137) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni f'dan l-istadju kkonkludiet li l-industrija tal-Unjoni ġarrbet dannu materjali fis-sens tal-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku.

5. IL-KAWŻALITÀ

5.1. F'konformità mal-Artikolu 3(6) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-pajjiż ikkonċernat ikkawżawx dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni. F'konformità mal-Artikolu 3(7) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat ukoll jekk fatturi oħrajn magħrufa setgħux fl-istess ħin ikkawżaw dannu lill-industrija tal-Unjoni. Il-Kummissjoni żgurata li kwalunkwe dannu possibbli kkażat minn fatturi oħrajn għajr l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-pajjiż ikkonċernat ma kien attribwit għall-importazzjonijiet oġġett ta' dumping. Dawn il-fatturi huma: L-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, il-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni, il-konsum, l-iżvantaġġ kompetittiv fl-aċċess għall-materja prima ewlenija, id-dannu kkaġunat mill-parti stess, l-istrajks fil-Finlandja, l-effetti tal-COVID-19, il-komparabbiltà tal-prodotti.

5.2. **L-effetti tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping**

- (138) Id-deterjorament tas-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni kkoincea mal-penetrazzjoni sinifikanti u li qed tiżdied tal-importazzjonijiet mir-Russja fis-suq, li konsistentement waqqgħu l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni u fi kwalunkwe każ wassal biex jonqsu l-prezzijiet. F'dan ir-rigward, l-evoluzzjoni tal-volumi u tal-prezzijiet tal-importazzjoni kif riflessi fit-tabelli 2 u 3 naqqset il-livelli tal-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni, u stabbiliet rabta kawżali bejn it-tnejn.

- (139) L-importazzjonijiet mir-Russja żdiedu b'37 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, minn madwar 870 050 m³ fl-2017, li jirrappreżenta sehem mis-suq ta' 46 %, għal 1 192 712 m³ fil-PI, li jirrappreżenta sehem mis-suq ta' 56 %. Dawn l-importazzjonijiet dejjem jiżdiedu saru bi prezzijiet aktar baxxi minn dawg tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu kkunsidrat u fi kwalunkwe każ flivelli ta' prezzijiet li wasslu għat-tnaqqis tal-prezzijiet, fid-dawl tal-fatt li l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx iżżid il-prezzijiet tagħha f'konformità maż-żieda fil-kost tal-produzzjoni.
- (140) Dan kellu impatt negattiv qawwi fuq l-industrija tal-Unjoni fil-PI. F'sitwazzjoni ta' kostijiet dejjem jiżdiedu u l-pressjoni fuq il-prezzijiet eżerċitata mill-importazzjonijiet Russi oġġett ta' dumping, l-industrija tal-Unjoni għet prekluzja milli tistabbilixxi prezzijiet sostenibbli, li rriżultaw fi tnaqqis qawwi ħafna fil-profittabbiltà minn 10 % għal telf (-3 %), u d-deterjorament konsegwenti tal-indikaturi finanzjarji tagħha.
- (141) Għalhekk, ġie konkluż b'mod proviżorju li l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mir-Russja kkawżaw dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni f'termini ta' prezz u volum.

5.3. L-effetti ta' fatturi oħrajn

5.3.1. L-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi

- (142) Sabiex tiddetermina l-volum tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, il-Kummissjoni, kif spjegat fit-Taqsima 4.3.1 ta' hawn fuq, applikat l-istess proporzjon (TARIC/NM) osservat wara l-bidu bejn il-volumi tal-importazzjoni tal-kodiċi NM sħiħ u l-importazzjonijiet għall-prodott ikkonċernat abbażi tad-*data* TARIC. L-uniċi pajjiżi terzi li importaw volumi sinifikanti lejn l-Unjoni kienu l-Belarusja u l-Ukrajna. Fil-każ tal-Belarusja, il-proporzjon ġie stabbilit għal 43 %.
- (143) Fil-każ tal-Ukrajna, il-Kummissjoni sabet *data* distorta fl-istatistika rrapportata fil-livell tal-unità supplimentari (metru kubu f'dan il-każ). Għalhekk, għal finijiet ta' tqabbil, il-Kummissjoni ddeċidiet li tikkonverti l-piż (tunnellati) irrapporstat, sett ta' *data* aktar affidabbli u stabbli, f'metri kubi.
- (144) Sabiex it-tunnellati jiġu kkonvertiti f'metri kubi, il-Kummissjoni użat fattur ta' konverżjoni, jiġifieri l-"modalità" tar-Russja u tal-Belarusja fuq il-volum u l-piż fil-livell TARIC wara l-bidu (modalità definita bħala l-valur li jidher l-aktar ta' spiss f'sett ta' valur tad-*data*). Il-fattur tal-konverżjoni, biex it-tunnellati importati jiġu kkonvertiti mill-Ukrajna f'metri kubi ġie stabbilit għal 0,69.
- (145) Il-Kummissjoni stabbiliet il-prezzijiet tal-importazzjonijiet abbażi ta' EUR/tunnellata fil-livell NM, kif spjegat fit-Taqsima 4.3.2 ta' hawn fuq.
- (146) Il-volum tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn żviluppa kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 11

L-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi

Pajjiż		2017	2018	2019	Il-perjodu ta' investigazzjoni
L-Ukrajna	Volum (m ³)	82 029	100 935	104 962	106 785
	<i>Indiċi</i>	100	123	128	130
	Is-sehem mis-suq	4 %	5 %	5 %	5 %
	Il-prezz medju (EUR/tunnellata)	651	725	641	616
	<i>Indiċi</i>	100	111	98	95
Il-Belarusja	Volum (m ³)	81 638	112 922	75 961	93 231
	<i>Indiċi</i>	100	138	93	114

	Sehem mis-suq	4 %	6 %	4 %	4 %
	Prezz medju (EUR/tunnellata)	403	481	387	363
	<i>Indiċi</i>	100	119	96	90
Pajjiżi terzi oħrajn ⁽¹²⁾	Volum (m ³)	18 668	34 486	60 822	57 354
	<i>Indiċi</i>	100	185	326	307
	Sehem mis-suq	1 %	2 %	3 %	3 %
	Prezz medju (EUR/tunnellata)	566	576	565	561
	<i>Indiċi</i>	100	102	100	99
Total tal-pajjiżi terzi kollha minbarra r-Russja	Volum (m ³)	182 335	248 344	241 746	257 371
	<i>Indiċi</i>	100	136	133	141
	Sehem mis-suq	10 %	12 %	12 %	12 %
	Il-prezz medju (EUR/tunnellata)	537	574	535	520
	<i>Indiċi</i>	100	107	100	97

Sors: Eurostat

- (147) Meta mqabbla mar-Russja, il-Belarusja u l-Ukraina għandhom preżenza limitata fis-suq tal-Unjoni. Fil-perjodu taħt kunsiderazzjoni, l-ishma mis-suq tagħhom baqgħu stabbli, b'varjazzjonijiet minimi jew l-ebda varjazzjoni, f'livell ta' 4 % u 5 % rispettivament. Il-pajjiżi terzi l-oħrajn kollha żiedu kemxejn il-preżenza tagħhom minn sehem mis-suq ta' 1 % għal sehem mis-suq xorta baxx ħafna ta' 3 %. Is-sehem mis-suq ikkombinat tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi terzi kollha minbarra r-Russja żdied bi 2 % mill-2017 sal-2018, u wara baqa' stabbli f'livell ta' 12 %.
- (148) F'termini ta' prezzijiet matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, l-Ukraina biegħet bi prezzijiet kemxejn oġhla mir-Russja, u l-Belarusja bi prezzijiet aktar baxxi. Il-prezzijiet aktar baxxi mill-Belarusja huma spjegati mit-teknoloġija limitata tagħha li tippermetti biss il-produzzjoni ta' prodott ta' kwalità speċifiku ħafna u orħos fis-suq. B'kuntrast mal-Belarusja, l-importazzjonijiet mir-Russja jikkonċernaw plywood tal-betula ta' kwalità oġhla, u b'hekk juru prezzijiet medji oġhla.
- (149) Fuq dik il-bażi, il-Kummissjoni kkonkludiet b'mod proviżorju li l-importazzjonijiet minn pajjiżi oħrajn ma setgħux inaqqsu r-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet Russi oġġett ta' dumping u d-dannu materjali mġarrab mill-produtturi tal-Unjoni.

5.3.2. Il-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni

- (150) Matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni l-volum tal-esportazzjonijiet tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żviluppa kif ġej:

⁽¹²⁾ Il-proporzjon (TARIC/NM) wara l-bidu bejn il-volumi tal-importazzjoni tal-kodiċi NM sħiħ u l-importazzjonijiet għall-prodott ikkonċernat abbażi tad-data TARIC, għal "Pajjiżi terzi oħrajn" ġie stabbilit għal 3 %.

Tabella 12

Il-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun

	2017	2018	2019	Il-perjodu ta' investigazzjoni
Il-volum tal-esportazzjonijiet (m ³)	98 324	96 327	93 892	101 866
<i>Indiċi</i>	100	98	95	104
Il-prezz medju (EUR/m ³)	689	755	752	705
<i>Indiċi</i>	100	110	109	102

Sors: Il-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun

- (151) Il-volumi tal-esportazzjonijiet mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żdiedu b'4 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Mill-2017 sal-2019, l-esportazzjonijiet naqsu b'5 %, segwit minn żieda ta' 9 % fil-PI. Il-prezzijiet medji tal-esportazzjonijiet żdiedu bi 2 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Mill-2017 sal-2018, il-prezzijiet medji żdiedu b'10 %, bi tnaqqis fil-perjodi li ġejjin.
- (152) Minħabba l-evoluzzjoni pożittiva kemm fil-volum tal-esportazzjonijiet kif ukoll fil-prezzijiet medji matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet b'mod proviżorju li l-impatt tal-prestazzjoni tal-esportazzjoni ma setax ikkontribwixxa għad-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.

5.3.3. L-iżvantaġġ kompetittiv fl-aċċess għall-materja prima ewlenija

- (153) Xi partijiet sostnew li l-industrija tal-Unjoni tbat i minn disponibbiltà limitata tal-materja prima ewlenija, iz-zkuk tal-injam tal-betula, meta mqabbla mar-Russja. Din id-disponibbiltà limitata ta' materja prima tkun l-oriġini ta' volumi ta' produzzjoni aktar baxxi, żidiet fil-kostijiet u għalhekk tkun il-kawża ta' dannu.
- (154) L-aċċess għall-materja prima ewlenija, iz-zkuk tal-injam tal-betula, ma jispjegax id-dannu, peress li l-produtturi tal-Unjoni għandhom aċċess suffiċjenti għall-provvisti ta' zkuk tal-betula. Iż-żieda fl-istokks turi li l-problema ma hijiex il-produzzjoni, iżda pjuttost il-kummerċjalizzazzjoni tagħha. Għalhekk, it-tnaqqis fil-produzzjoni matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni ma huwiex spjegat mid-disponibbiltà tal-injam.
- (155) Fir-rigward tal-allegat żvantaġġ fil-kost, l-investigazzjoni ddeterminat li fattur importanti li jaffettwa ż-żieda fil-kost tal-produzzjoni fuq l-industrija tal-Unjoni huwa l-prezz taz-zkuk tal-injam tal-betula. Madankollu, il-kost tal-materja prima u l-effett tiegħu fuq iż-żieda ġenerali fil-kost tal-produzzjoni fuq l-industrija tal-Unjoni ma jnaqqis ir-rabta kawżali. B'mod speċifiku, dan jista' jiġi osservat mill-fatt li bejn l-2019 u l-PI, il-kost tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni naqas, filwaqt li dan ma rriżultax f'titjib fil-profittabbiltà.

5.3.4. Id-dannu kkaġunat mill-parti stess

- (156) Xi partijiet sostnew li l-industrija tal-Unjoni għamlet investimenti mhux ġustifikati fl-espansjoni tal-kapaċità meta l-bejgħ kien qed jonqos, u dan kien sors tad-dannu.
- (157) Madankollu, il-kapaċità tal-produzzjoni tal-Unjoni naqset b'mod ġenerali bi 3 % fil-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Il-kapaċità tal-produzzjoni tal-Unjoni żdiedet bi f'it fl-2018 u fl-2019, iżda matul il-perjodu kollu taħt kunsiderazzjoni l-industrija tal-Unjoni rat tnaqqis. L-affermazzjoni li l-investimenti tal-kapaċità tal-espansjoni kienu sors ta' dannu hija għalhekk bla bażi.

5.3.5. L-istrajks fil-Finlandja

- (158) Xi partijiet sostnew li għadd ta' strajks fl-impjiegh tal-Finlandja li seħħew f'Diċembru 2019 u fil-bidu tal-2020 huma l-kawża tat-tnaqqis fil-produzzjoni.
- (159) Il-Kummissjoni kkonkludiet b'mod proviżorju li l-istrajks tal-impjiegh tal-Finlandja ma jnaqqis ir-rabta kawżali peress li, l-impatt tagħhom kien ġeografikament limitat (il-Finlandja) u limitat fiż-żmien (l-istrajks seħħew bejn Diċembru 2019 u Janjar 2020).

5.3.6. L-effetti tal-COVID-19

- (160) Xi partijiet sostnew li l-Kummissjoni jenħtieġ li tikkunsidra d-data li tkopri l-aħħar tal-2019 u l-ewwel nofs tal-2020 b'kawtela speċjali, sabiex tagħmel distinzjoni tal-effetti tal-COVID-19 fl-ekonomija minn dawk tal-importazzjonijiet allegatament oġġett ta' dumping.
- (161) L-investigazzjonijiet stabbilew li d-domanda għall-plywood tal-betula baqgħet relattivament stabbli fit-tieni kwart tal-2020. Barra minn hekk, ma kien hemm l-ebda tfixkil kbir fil-katina tal-provvista u l-bejgħ għall-esportazzjoni kompli wkoll f'dan il-perjodu. Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-effetti tal-COVID-19 ma jnaqsux ir-rabta kawżali.

5.3.7. Il-komparabbiltà tal-prodotti

- (162) Xi partijiet sostnew li l-plywood tal-betula mmanifatturat mill-industrija Russa ma jikkompetix mal-plywood immanifatturat mill-industrija tal-UE, peress li allegatament tipproduċi kwalitajiet differenti destinati għal segmenti differenti, u għalhekk, l-importazzjonijiet Russi ma humiex il-kawża tad-dannu.
- (163) Madankollu, it-tqabbil tad-diversi tipi ta' prodotti mibjugħa mill-industrija tal-Unjoni u t-tipi ta' prodotti mibjugħa mill-produtturi esportaturi Russi juri li t-tipi ta' prodotti jixxiebhu, u ħafna drabi huma saħansitra identiċi, kif ukoll livell sostanzjali ta' interkambjabbiltà. Barra minn hekk, l-investigazzjoni stabbiliet li l-industrija tal-Unjoni u l-produtturi Russi t-tnejn ifornu lis-setturi ewlenin li jużaw il-plywood tal-betula. Fi kwalunkwe każ kif spjegat fit-Taqsima 2, l-investigazzjoni wriet li l-prodotti mibjugħa mill-industrija tal-Unjoni u mill-produttur esportatur Russu huma prodotti simili peress li għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u tekniċi bażiċi kif ukoll l-istess użi bażiċi. Għaldaqstant l-affermazzjoni titqies bla bażi.

5.4. Konklużjoni dwar il-kawżalità

- (164) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, il-Kummissjoni b'mod proviżorju stabbiliet rabta kawżali bejn id-dannu mġarrab mill-produtturi tal-Unjoni u l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mir-Russja. Bħala riżultat taż-żieda sinifikanti fl-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mir-Russja, l-industrija tal-Unjoni ġiet prekluzja milli tistabbilixxi prezzijiet sostenibbli, li rriżultaw f'deterjorament qawwi tas-sitwazzjoni ekonomika tagħha.
- (165) Il-Kummissjoni ddistingwiet u sseparat l-effetti tal-fatturi kollha magħrufa fuq is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni mill-effetti dannużi tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping.
- (166) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet f'dan l-istadju li l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-pajjiż ikkonċernat ikkawżaw dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni u li l-fatturi l-oħrajn, meqjusa individwalment jew kollettivament, ma naqsux ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping u d-dannu materjali.

6. IL-LIVELL TAL-MIŻURI

- (167) Sabiex tiddetermina l-livell tal-miżuri, il-Kummissjoni eżaminat jekk dazju aktar baxx mill-marġni tad-dumping ikunx suffiċjenti biex jitneħħa d-dannu kkawżat mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping għall-industrija tal-Unjoni.

6.1. Marġni ta' dannu

- (168) Id-dannu jitneħħa jekk l-industrija tal-Unjoni tkun tista' tikseb profitt fil-mira billi tbigħ bi prezz fil-mira fis-sens tal-Artikoli 7(2c) u 7(2d) tar-Regolament bażiku.
- (169) F'konformità mal-Artikolu 7(2c) tar-Regolament bażiku, sabiex tistabbilixxi l-profitt fil-mira, il-Kummissjoni qieset il-fatturi li ġejjin: Il-livell ta' profittabbiltà qabel iż-żieda fl-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat, il-livell ta' profittabbiltà meħtieġ sabiex ikopri l-kostijiet u l-investimenti kollha, ir-riċerka u żvilupp (R&Ż) u l-innovazzjoni, u l-livell ta' profittabbiltà li wieħed għandu jistenna f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni. Marġni ta' profitt bħal dan jenħtieġ li ma jkunx inqas minn 6 %.
- (170) Bħala l-ewwel pass, il-Kummissjoni stabbiliet profitt bażiku li jkopri l-kostijiet sħaħ f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni. Il-Kummissjoni ħadet il-profitti miksuba mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun qabel ma l-importazzjonijiet inġusti mir-Russja aċċelleraw u bdew jagħmlu dannu lill-industrija tal-Unjoni. Marġni ta' profitt bħal dan ġie stabbilit għal 9,7 %, li jikkorrispondi għal-livell ta' profitt miksub mill-industrija tal-Unjoni fl-2017.

- (171) Xi produttori tal-Unjoni sostnew li l-livell tagħha ta' investimenti, riċerka u żvilupp (R&D) u innovazzjoni matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni kienu jkunu ogħla f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni.
- (172) Il-Kummissjoni vvalutat din l-affermazzjoni, iżda osservat li minkejja tnaqqis fil-fatturat, il-livell tal-investimenti matul il-PI kien ogħla milli fis-sentejn preċedenti u qrib ħafna tal-livell tal-investimenti fl-2017 meta l-industrija tal-Unjoni laħqet profitt medju ta' 9,7 %. Abbażi ta' dan, anke meta jitqies li l-investimenti fir-riċerka u l-iżvilupp (R&Ż) u fl-innovazzjoni huma previżjonijiet prospettivi bbażati fuq pjanijiet ta' investiment, il-Kummissjoni ma aċċettatx dawn l-affermazzjonijiet b'mod proviżorju.
- (173) Fuq din il-bażi, il-prezz mhux dannuż huwa ta' EUR 766,33/metru kubu li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-marġni ta' profitt imsemmi hawn fuq ta' 9,7 % għall-kost tal-produzzjoni matul il-PI tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.
- (174) F'konformità mal-Artikolu 7(2d) tar-Regolament bażiku, bħala pass finali, il-Kummissjoni vvalutat il-kostijiet futuri li jirriżultaw mill-Ftehimiet Ambjentali Multilaterali, u l-protokollu tagħhom, li l-Unjoni hija parti minnhom, u tal-Konvenzjonijiet tal-ILO elenkati fl-Anness Ia li l-industrija tal-Unjoni se ggarab matul il-perjodu tal-applikazzjoni tal-miżura skont l-Artikolu 11(2). Abbażi tat-tweġibiet għall-kwestjonarju kontroverifikati mill-bogħod u l-evidenza disponibbli pprovduta minn xi wħud mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun, il-Kummissjoni stabbiliet kost addizzjonali ta' EUR 6,68/metru kubu, li minnu naqqset il-kost reali tal-konformità ma' konvenzjonijiet bħal dawn matul il-PI, jiġifieri EUR 5,28 għal kull unità ta' kejl, li jwassal għal riżultat ta' EUR 1,40/metru kubu. Din id-differenza ġiet miżjuda mal-prezz mhux dannuż.
- (175) Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni kkalkulat prezz mhux dannuż ta' EUR 767,73/metru kubu għall-prodott simili tal-industrija tal-Unjoni billi applikat il-marġni ta' profitt fil-mira msemmi hawn fuq għall-kost tal-produzzjoni tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun matul il-perjodu ta' investigazzjoni u mbagħad żiedet l-aġġustamenti skont l-Artikolu 7 (2d) fuq bażi ta' tip b'tip.
- (176) Il-Kummissjoni mbagħad iddeterminat il-livell ta' marġni tal-bejgħ taħt il-prezz abbażi ta' tqabbil tal-prezz medju ponderat tal-importazzjonijiet tal-produtturi esportaturi li kkooperaw inklużi fil-kampjun fil-pajjiż ikkonċernat, kif stabbiliet għall-kalkoli tat-twaqqiġ tal-prezz, mal-prezz mhux dannuż medju ponderat tal-prodott simili mibjugħ mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun fis-suq ħieles tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Kwalunkwe differenza li tirriżulta minn dan it-tqabbil ġiet espressa bħala perċentwal tal-valur CIF medju ponderat tal-importazzjonijiet.
- (177) Il-livell ta' eliminazzjoni tad-dannu għal "kumpaniji oħrajn li kkooperaw" u għall-"kumpaniji l-oħrajn kollha" huwa definit bl-istess mod bħall-marġni tad-dumping għal dawn il-kumpaniji.

Il-kumpanija	Il-marġni tad-dumping (%)	Marġini ta' dannu (%)
Sveza Group	15,9 %	30,9 %
Sykytyvkar Plywood Mill Ltd.	15,0 %	43,8 %
Zheshartsky LPK LLC	15,3 %	54,0 %
Kumpaniji oħrajn li kkooperaw	15,7 %	38,1 %
Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	15,9 %	54,0 %

7. INTERESS TAL-UNJONI

- (178) Il-Kummissjoni eżaminat jekk setgħetx tikkonkludi b'mod ċar li ma kienx fl-interess tal-Unjoni li tadotta miżuri f'dan il-każ, minkejja d-determinazzjoni ta' dumping dannuż, f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku. Id-determinazzjoni tal-interess tal-Unjoni kienet ibbażata fuq apprezzament tad-diversi interessi kollha involuti, inklużi dawk tal-industrija, tal-importaturi u tal-utenti tal-Unjoni.

7.1. L-interess tal-industrija tal-Unjoni

- (179) L-industrija tal-Unjoni hija magħmula minn madwar ħmistax-il kumpanija. Dawn jinsabu l-aktar ġeografikament qrib ir-reġjuni tal-foresti tal-betula fl-Ewropa tal-Grigal (il-Finlandja, il-pajjiżi Baltiċi u l-Polonja) u jimpjegaw direttament aktar minn 5 000 ħaddiem. Il-maġġoranza tal-produtturi tal-Unjoni appoġġaw l-ilment, tnejn esprimew pożizzjoni newtrali u l-ebda wieħed minnhom ma oppona l-bidu tal-investigazzjoni.
- (180) Il-livelli attwali ta' profittabbiltà ma humiex sostenibbli. L-impożizzjoni ta' miżuri hija mistennija li tippermetti lill-industrija tal-Unjoni tirkupra partijiet mis-sehem mis-suq mitluf, u tistabbilixxi prezzijiet fl-livelli li tal-anqas ikopru l-kost.
- (181) In-nuqqas ta' miżuri x'aktarx li jkollu effett negattiv sinifikanti fuq l-industrija tal-Unjoni f'termini ta' soppressjoni ulterjuri tal-prezzijiet u tnaqqis ulterjuri tal-bejgħ, u b'hekk jissarraff l'aktar telf u għeluq probabbli tal-faċilitajiet tal-produzzjoni u sensji.
- (182) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-impożizzjoni ta' miżuri proviżorji tkun fl-interess tal-industrija tal-Unjoni.

7.2. L-interess tal-importaturi u tan-negozjanti mhux relatati

- (183) Disgħa u għoxrin importatur ippreżentaw ruħhom, u waslu għadd ta' sottomissjonijiet u kummenti. Kif imsemmi fit-Taqsima 1.6.2, il-Kummissjoni għażlet kampjun ta' tliet importaturi, li ppreżentaw tweġibiet għall-kwestjonarji.
- (184) Diversi importaturi argumentaw li l-impożizzjoni ta' dazji anti-dumping iżżid il-kostijiet materjali għalihom u għall-klijenti tagħhom. Dawn il-kostijiet addizzjonali jkunu diffiċli li jiġu koperti u għalhekk jheddu l-profittabbiltà u l-kompetittività tagħhom. Saru aktar affermazjonijiet dwar in-nuqqas ta' kapaċità tal-industrija tal-Unjoni li tissodisfa d-domanda fl-Unjoni, li hija stmata li hija madwar 2,1 miljun m³, u b'hekk ġie allegat li l-miżuri joħlqu nuqqas fis-suq. Barra minn hekk, saru affermazjonijiet dwar in-nuqqas ta' interess tal-produtturi tal-Unjoni fil-forniment ta' intrapriżi żgħar, kif ukoll ir-rifjut li jiġu pprovduti ċerti materjali.
- (185) Fir-rigward tal-konsegwenzi ekonomiċi fuq l-importaturi, l-investigazzjoni stabbiliet li l-importaturi inklużi fil-kampjun għandhom profitt ponderat ta' 4,7 %, b'ishma differenti tal-plywood tal-betula fil-portafoll tal-prodotti tagħhom. Barra minn hekk, filwaqt li s-sehem tal-plywood Russu distribwit mill-importaturi jista' jonqos jekk jiġu imposti l-miżuri, il-livell ta' miżuri ma huwiex mistenni li jikkawża waqfien sħiħ tal-importazzjonijiet Russi. Minħabba li hemm ukoll sorsi alternattivi ta' provvista fil-pajjiżi ġirien, bħall-Ukrajna u l-Belarusja, l-impatt tal-miżuri fuq il-profittabbiltà u l-kompetittività tal-importaturi huwa mistenni li jkun limitat. L-interess tal-utenti huwa indirizzat fit-Taqsima 7.3 ta' hawn taħt.
- (186) Fir-rigward tar-riskju tal-provvista, il-livell tal-miżuri x'aktarx mhux se jwaqqaf l-importazzjonijiet Russi, iżda pjuttost se jippermetti l-forniment kontinwu tal-plywood tal-betula mir-Russja bi prezzijiet ġusti. Barra minn hekk, il-plywood tal-betula xorta jista' jiġi importat minn pajjiżi terzi oħra, bħall-Ukrajna u l-Belarusja.
- (187) Fir-rigward tal-provvista lill-konsumaturi ta' kwantitajiet żgħar, l-investigazzjoni stabbiliet li l-industrija tal-Unjoni żviluppat network estensiv ta' bejjiegħa bl-imnut, relatati u mhux relatati, li jippermetti lill-industrija tal-Unjoni tilħaq klijenti żgħar li ma għandhomx il-kapaċità li jixtru kontejners sħaħ. Barra minn hekk, kif imsemmi hawn fuq, kwalunkwe konsumatur jista' jkompli jakkwista minn produtturi Russi.
- (188) L-investigazzjoni stabbiliet ukoll li l-industrija tal-Unjoni għandha t-tagħmir u l-kapaċità meħtieġa biex tadatta għar-rekwiżiti speċifiċi tal-prodott għall-klijenti, u għalhekk hija kapaċi tipproduċi t-tipi kollha ta' prodotti meħtieġa.
- (189) Bħala konklużjoni, il-miżuri anti-dumping fil-livell stabbilit jistgħu jaffettwaw b'mod negattiv lil xi importaturi mhux relatati. Madankollu impatt bħal jenħtieġ li ma jkunx sinifikanti b'mod ġenerali u se jiddependi ħafna mill-mudell kummerċjali tal-importaturi, il-varjetà tas-sorsi tal-provvisti tagħhom u l-punt sa fejn iż-żieda fil-kostijiet tiġi mgħoddija lill-klijenti tagħhom.

- (190) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni stabbiliet b'mod proviżorju li kwalunkwe impatt negattiv tal-miżuri fuq l-importaturi mhux relatati b'mod ġenerali huwa mistenni li jkun limitat u ma jisboqx l-effett pożittiv tal-miżuri fuq il-produtturi tal-Unjoni.

7.3. L-interest tal-utenti

- (191) Tlettax-il utent ippreżentaw ruħhom. Disa' utenti ppreżentaw kummenti u/jew tweġibiet għall-kwestjonarju.
- (192) Il-Kummissjoni hija involuta fi proċess ta' defiċjenza mal-biċċa l-kbira tal-utenti li pprovdew tweġiba għall-kwestjonarju minħabba n-nuqqas ta' verżjonijiet disponibbli għall-konsultazzjoni mal-partijiet interessati. F'dan l-istadju, tweġiba waħda biss għall-kwestjonarju, minn Emiliana Imballaggi S.p.A., li tixtri l-plywood tal-betula għan-negozju tal-imballaġġ, ipprovdiet verżjoni miftuħa.
- (193) Saru affermazzjonijiet li argumentaw li l-impożizzjoni ta' dazji anti-dumping iżżid il-kostijiet għall-utenti li jkun diffiċli li jingħaddew lill-klijenti u għalhekk thedded il-profittabbiltà u l-kompetittività tagħhom.
- (194) Il-plywood tal-betula jintuża f'tipi differenti ta' setturi. L-impożizzjoni ta' miżuri x'aktarx li jkollha impatt differenti fost l-utenti, skont is-sehem tal-kostijiet tal-plywood tal-betula fil-kostijiet totali għal dak is-settur u l-kapaċità li jgħaddu l-kostijiet lill-konsumaturi downstream. Informazzjoni dettaljata mill-utenti flimkien ma' verżjoni miftuħa ġiet ipprovduta minn kumpanija waħda biss li tuża l-plywood għas-settur tal-imballaġġ. Barra minn hekk, l-ilmentatur ippreżenta studju indipendenti li janalizza l-impatt mistenni tal-miżuri fuq l-utenti, ibbażat fuq dazji teoretiċi ta' 20 % sa 30 %.
- (195) Is-setturi ewlenin li jużaw il-plywood tal-betula fl-UE huma skont il-konsum: Il-kostruzzjoni (39 %), it-trasport (27 %), l-għamara (10 %) u l-imballaġġ (8 %). Abbażi tal-informazzjoni disponibbli, għas-setturi li jinkludu l-maġġoranza tal-konsum tal-plywood tal-betula, l-impatt tal-miżuri ġie vvalutat b'mod proviżorju bħala limitat jew neglijabbli. Is-setturi fejn id-dazji jista' jkollhom l-akbar impatt huma l-produtturi tal-imballaġġ u tal-parquet. Madankollu, anke f'dawn is-setturi, l-impatt tal-miżuri huwa limitat. Għas-settur tal-imballaġġ, l-impatt stmat huwa ta' madwar 2 % sa 4 % fl-istruttura tal-kostijiet, li jista' jkun mistenni li jingħadda lill-klijenti. Fir-rigward tas-settur tal-parquet u tal-art, il-plywood tal-betula għandu diversi sostituti, bħal tipi oħrajn ta' injam u materjali alternattivi, li hija raġuni oħra għalix l-impatt tal-kost possibbilment fitit ogħla tal-plywood tal-betula huwa mistenni li jkun limitat.
- (196) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni stabbiliet b'mod proviżorju li kwalunkwe impatt negattiv tal-miżuri fuq l-utenti huwa mistenni li jkun limitat u li ma jisboqx l-effett pożittiv tal-miżuri fuq il-produtturi tal-Unjoni.

7.4. L-Interest tal-Fornituri

- (197) Tliet fornituri ppreżentaw ruħhom bħala partijiet interessati.
- (198) It-tliet kumpaniji kollha huma fornituri ta' makkinarju, ta' tagħmir tax-xogħol fl-injam jew ta' materjali li jintużaw fil-produzzjoni tal-plywood tal-betula lill-produtturi esportaturi Russi. Il-kumpaniji sostnew li l-impożizzjoni ta' miżuri timplika tnaqqis fl-importazzjonijiet Russi, li jwassal għal tnaqqis fl-investimenti fuq tagħmir mill-produtturi esportaturi Russi u, għaldaqstant, ikollu impatt negattiv fuq in-negozju tagħhom.
- (199) Il-Kummissjoni tistenna li l-investimenti Russi fuq it-tagħmir ma jgħux affettwati b'mod sinifikanti peress li l-livell tal-miżuri ma huwiex mistenni li jwaqqaf l-importazzjonijiet Russi. Min-naħa l-oħra, il-miżuri x'aktarx jippermettu lill-industrija tal-Unjoni tinvolvi ruħha f'investimenti fit-tagħmir, u b'hekk jaffettwaw b'mod pożittiv lill-fornituri tal-Unjoni ta' tagħmir tax-xogħol fl-injam.
- (200) Abbażi dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni stabbiliet b'mod proviżorju li kwalunkwe impatt negattiv tal-miżuri fuq il-fornitur b'mod ġenerali huwa mistenni li jkun limitat u ma jisboqx l-effett pożittiv tal-miżuri fuq il-produtturi tal-Unjoni.

7.5. Partijiet interessati oħrajn: produttori oħrajn tal-plywood tal-boskijiet, interess ambjentali u COVID-19.

- (201) Tliet assoċjazzjonijiet nazzjonali (ta' Franza, tal-Italja u ta' Spanja) li jirrappreżentaw il-produtturi tal-plywood tal-fagu, tal-arżnu u tipi oħrajn ta' injam ippreżentaw ruħhom bħala partijiet interessati. Dawn sostnew li filwaqt li l-prodott ikkonċernat u l-prodotti tiegħu huma prodotti differenti, jista' jsir ċertu livell ta' sostituzzjoni. Huma argumentaw li filwaqt li tradizzjonalment il-prezzijiet tal-plywood tal-betula kienu f'livelli ogħla, il-prezzijiet oġġett ta' dumping tal-plywood tal-betula mir-Russja attiraw domanda li tradizzjonalment kienet għal tip ieħor ta' injam, bħal-luq, l-arżnu u l-okoume, u heddeu il-katina tal-valur stabbilita f'tipi oħrajn ta' industriji tal-injam. Għalhekk, huma jappoġġaw l-impożizzjoni tal-miżuri.
- (202) Diversi partijiet sostnew li l-impożizzjoni tad-dazji tista' tikkawża rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju minħabba sostituzzjoni tal-plywood tal-betula Russu ma' plywood tal-luq Ċiniż jew plywood minn pajjiżi oħrajn lil hinn mill-Ewropa, li jżid l-emissjoni tat-trasport u r-riskju li l-prodotti ta' sostituzzjoni jkunu inqas sostenibbli mill-plywood tal-betula Russu. Il-Kummissjoni nnotat li l-livell li fih għandhom jiġu imposti l-miżuri ma huwiex mistenni li jwaqqaf l-importazzjonijiet Russi. Barra minn hekk, ma ntweriex li jekk ikun hemm sostituzzjoni tal-importazzjonijiet mir-Russja minn importazzjonijiet minn pajjiż terz ieħor, din tkun miċ-Ċina, u lanqas li tip ieħor ta' produzzjoni tal-injam ikun inqas sostenibbli mill-produzzjoni tal-betula Russa. Għalhekk, l-affermazzjoni ġiet miċħuda.
- (203) Il-partijiet sostnew li d-dazji jaggravaw l-effett tal-pandemija tal-COVID-19 fuq l-utenti. Madankollu, kif spjegat hawn fuq, l-impatt tal-miżuri tas-setturi ewlenin li jużaw il-plywood tal-betula huwa mistenni li jkun limitat. Barra minn hekk, f'dan il-mument, il-Kummissjoni ma għandha l-ebda evidenza għad-dispożizzjoni tagħha li turi l-impatt tal-pandemija fuq is-setturi differenti tal-utenti, jew li l-impatt fuq il-produtturi jkun differenti mill-impatt fuq l-utenti. Fin-nuqqas ta' evidenza bħal din, il-pandemija tal-COVID-19 titqies bħala fattur newtrali fil-valutazzjoni tal-interess tal-Unjoni.

7.6. Konklużjoni dwar l-interess tal-Unjoni

- (204) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li ma kienx hemm raġunijiet persważivi li ma kienx fl-interess tal-Unjoni li timponi miżuri fuq l-importazzjonijiet tal-plywood tal-betula li joriġina mir-Russja f'dan l-istadju tal-investigazzjoni.

8. IL-MIŻURI PROVVIŻORJI ANTI-DUMPING

- (205) Abbażi tal-konklużjonijiet li waslet għalihom il-Kummissjoni fir-rigward tad-dumping, id-dannu, il-kawżalità u l-interess tal-Unjoni, jenħtieġ li jiġu imposti miżuri provviżorji biex jiġi evitat aktar dannu lill-industrija tal-Unjoni mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping.
- (206) Jenħtieġ li jiġu imposti miżuri provviżorji anti-dumping fuq l-importazzjonijiet tal-plywood tal-betula li joriġina mir-Russja, f'konformità mar-regola tad-dazju inferjuri fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku. Il-Kummissjoni qabblat il-marġnijiet tal-bejgħ taħt il-prezz u l-marġnijiet tad-dumping. L-ammont tad-dazji għe stabbilit fil-livell l-aktar baxx tal-marġnijiet tad-dumping u tal-bejgħ taħt il-prezz.
- (207) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, ir-rati tad-dazju anti-dumping provviżorji, espressi skont il-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju doganali mhux imħallas, jenħtieġ li jkunu kif ġej:

Il-kumpanija	Id-dazju anti-dumping provviżorju
Sveza Group	15,9 %
Syktyvkar Plywood Mill Ltd.	15,0 %
Zheshartsky LPK LLC	15,3 %
Kumpaniji oħrajn li kkooperaw	15,7 %
Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	15,9 %

- (208) Ir-rati tad-dazju anti-dumping tal-kumpaniji individwali speċifikati f'dan ir-Regolament ġew stabbiliti abbażi tas-sejbiet ta' din l-investigazzjoni. Għalhekk, dawn jirriflettu s-sitwazzjoni li nstabet matul din l-investigazzjoni fir-rigward ta' dawn il-kumpaniji. Dawn ir-rati ta' dazju huma esklużivament applikabbli għall-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li joriġina fil-pajjiż ikkonċernat u mmanifatturati mill-entitajiet legali msemmija. L-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat immanifatturat minn kwalunkwe kumpanija oħra mhux imsemmija b'mod speċifiku fil-parti operattiva ta' dan ir-Regolament, inklużi l-entitajiet relatati ma' daww speċifikament imsemmija, jenħtieġ li jkunu soġġetti għar-rata ta' dazju applikabbli għall-"kumpaniji l-oħrajn kollha". Dawn jenħtieġ li ma jkunux soġġetti għal xi rata individwali ta' dazju anti-dumping.
- (209) Sabiex ikun żgurat infurzar xieraq tad-dazji anti-dumping, id-dazju anti-dumping għall-kumpaniji l-oħrajn kollha jenħtieġ li japplika mhux biss għall-produtturi esportaturi li ma kkooperawx f'din l-investigazzjoni, iżda anke għall-produtturi li ma kellhomx esportazzjonijiet lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni.
- (210) Sabiex jiġu mminimizzati r-riskji ta' ċirkomvenzjoni minħabba d-differenza fir-rati tad-dazju, huma meħtieġa miżuri speċjali biex tiġi żgurata l-applikazzjoni tad-dazji anti-dumping individwali. Il-kumpaniji b'dazji anti-dumping individwali jridu jippreżentaw fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri. Il-fattura trid tikkonforma mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 1(3) ta' dan ir-Regolament. Importazzjonijiet li ma jkunux akkumpanjati minn dik il-fattura jenħtieġ li ma jkunux soġġetti għad-dazju anti-dumping applikabbli għall-"kumpaniji l-oħrajn kollha".
- (211) Filwaqt li l-preżentazzjoni tal-fattura hija meħtieġa sabiex l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jkunu jistgħu japplikaw ir-rati tad-dazju anti-dumping individwali fuq l-importazzjonijiet, ma hijiex l-uniku element li għandu jitqies mill-awtoritajiet doganali. Tabilħaqq, anke jekk jiġu ppreżentati b'fattura li tissodisfa r-rekwiżiti kollha stabbiliti fl-Artikolu 1(3) ta' dan ir-Regolament, l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jridu jwettqu l-verifiki tas-soltu tagħhom u jistgħu, bħal fil-każijiet l-oħrajn kollha, jirrikjedu dokumenti addizzjonali (dokumenti tat-trasport, eċċ.) sabiex ikunu jistgħu jivverifikaw il-preċiżjoni tad-dettalji li jkun hemm fid-dikjarazzjoni u jiżguraw li l-applikazzjoni sussegwenti tar-rata tad-dazju aktar baxxa tkun ġustifikata, f'konformità mal-liġi doganali.

9. INFORMAZZJONI FL-ISTADJU PROVIŻORJU

- (212) F'konformità mal-Artikolu 19a tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni infurmat lill-partijiet interessati dwar l-impożizzjoni pjanata ta' dazji proviżorji. Din l-informazzjoni ġiet magħmula disponibbli wkoll għall-pubbliku ġenerali fuq is-sit web ta' DG TRADE. Il-partijiet interessati ngħataw tlett ijiem ta' xogħol biex jipprovdu kummenti dwar l-akkuratezza tal-kalkoli ddivulgati b'mod speċifiku lilhom.
- (213) Waslu kummenti dwar il-preċiżjoni tal-kalkulazzjonijiet. UPG ipprovdiet kummenti li tqisu filwaqt li l-kummenti li għamli Sveza Group u Syktyvkar Plywood Mill Ltd. ma affettwawx il-preċiżjoni tal-kalkulazzjonijiet. L-awtoritajiet Russi sottomettew kummenti kontra l-impożizzjoni ta' miżuri proviżorji mingħajr madankollu ma pprovdew dettalji speċifiċi dwar il-preċiżjoni tal-kalkulazzjonijiet.

10. DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

- (214) Fl-interessi ta' amministrazzjoni tajba, il-Kummissjoni se tistieden lill-partijiet interessati jressqu kummenti bil-miktub u/jew jitolbu seduta mal-Kummissjoni u/jew mal-Uffiċjal tas-Smigħ fil-proċeduri kummerċjali fi żmien skadenza fissa.
- (215) Is-sejbiet li jikkonċernaw l-impożizzjoni ta' dazji proviżorji huma proviżorji u jistgħu jiġu emendati fl-istadju definittiv tal-investigazzjoni,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Dazju anti-dumping proviżorju huwa impost fuq l-importazzjonijiet ta' plywood li jikkonsisti biss minn folji tal-injam, kull folja li ma taqbiżx il-ħxuna ta' 6 mm, bil-folji ta' barra tal-injam speċifikati taħt is-subintestatura 4412 33, b'tal-anqas saff wieħed ta' barra tal-injam tal-betula, miksi jew le, li joriġina mir-Russja, li bħalissa jaqa' taħt il-kodiċi NM ex 4412 33 00 (kodiċi TARIC 4412 33 00 10).

2. Ir-rati tad-dazju anti-dumping proviżorju applikabbli għall-prezz nett, liberu fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju, tal-prodott deskritt fil-paragrafu 1 u mmanifatturat mill-kumpaniji elenkati hawn taħt, għandhom ikunu kif ġej:

Il-kumpanija	Id-dazju anti-dumping proviżorju	Il-kodiċi addizzjonali TARIC
Sveza Group magħmul minn seba' produttori esportaturi: JSC "SVEZA Manturovo"; JSC "SVEZA Novator"; Tyumen Plywood Plant Limited; JSC "SVEZA Ust-Izhora"; JSC "SVEZA Uralskiy"; JSC "SVEZA Kostroma"; JSC "SVEZA Verhnaya Sinyachiha"	15,9 %	C659
Syktvkar Plywood Mill Ltd.	15,0 %	C660
Zheshartsky LPK LLC	15,3 %	C661
Kumpaniji oħrajn li kkooperaw elenkati fl-Anness	15,7 %	
Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	15,9 %	C999

3. L-applikazzjoni tar-rati tad-dazju individwali speċifikati għall-kumpaniji msemmija fil-paragrafu 2 għandha ssir bil-kundizzjoni li tiġi ppreżentata fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li fuqha għandha tidher dikjarazzjoni datata u ffirmata minn uffiċjal tal-entità li toħroġ tali fattura, identifikat b'ismu u l-kariga tiegħu, abbozzata kif ġej: "Jien, is-sottoskritt, niċċertifika li l-(volum) tal-plywood tal-betula mibjugħ sabiex jiġi esportat lejn l-Unjoni Ewropea kopert minn din il-fattura ġie mmanifatturat minn (isem il-kumpanija u l-indirizz) (kodiċi addizzjonali TARIC) fir-Russja. Jiena niddikjara li l-informazzjoni mogħtija f'din il-fattura hija sħiħa u korretta." Jekk ma tiġix ippreżentata fattura bħal din, għandu japplika d-dazju applikabbli għall-kumpaniji l-oħrajn kollha.

4. Ir-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni tal-prodott imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun soġġett għall-għoti ta' depożitu ta' garanzija ekwivalenti għall-ammont tad-dazju proviżorju.

5. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazji doganali.

Artikolu 2

1. Il-partijiet interessati għandhom jippreżentaw il-kummenti tagħhom dwar dan ir-Regolament bil-miktub lill-Kummissjoni fi żmien 15-il jum kalendarju mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

2. Il-partijiet interessati li jixtiequ jitolbu seduta ta' smiġ mal-Kummissjoni għandhom jagħmlu dan fi żmien 5 jjiem kalendarji mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

3. Il-partijiet interessati li jkunu jixtiequ jitolbu seduta ta' smiġ mal-Uffiċjal tas-Smiġ fil-proċedimenti kummerċjali huma mistiedna jagħmlu dan fi żmien 5 jjiem kalendarji mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. L-Uffiċjal tas-Smiġ għandu jeżamina t-talbiet li jiġu ppreżentati wara din l-iskadenza u jista' jiddeċiedi jekk jaċċettax dawn it-talbiet jekk ikun xieraq.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidhul fis-seħħ jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

L-Artikolu 1 għandu japplika għal perjodu ta' sitt xhur.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Ġunju 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNEX

Produtturi esportaturi li kkooperaw imma mhux inklużi fil-kampjun

Isem	Kodiċi addizzjonali TARIC
Arkhangelsk Plywood Plant JSC	C662
CJSC Murom	C663
LLC InvestForest	C664
Joint Stock Company Bryansk Plywood Mill	C665
Joint-Stock Company Krasnyi Yakor	C666
Limited Liability Company Fanerniy Zavod	C667
Limited Liability Company UPM-Kymmene Chudovo	C668
Murashi Plywood Factory	C669
Parfino Plywood Factori	C670
ZAO Plyterra	C671
Plywood Plant Vlast Truda JSC	C672
Limited Liability Company Vyatsky Plywood Mill	C673

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/941**tal-10 ta' Ġunju 2021****li jistabbilixxi proċedura speċifika għall-identifikazzjoni ta' vetturi heavy-duty ċċertifikati bħala vetturi vokazzjonali iżda mhux irreġistrati bħala tali, u għall-applikazzjoni ta' korrezzjonijiet għall-medja tal-emissjonijiet tas-CO₂ speċifiċi annwali ta' manifattur biex jitqiesu daww il-vetturi****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/1242 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi standards tal-prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO₂ għall-vetturi tqal ġodda u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 595/2009 u (UE) 2018/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 2(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Biex jiġu identifikati l-vetturi heavy-duty ċċertifikati bħala vetturi vokazzjonali iżda mhux irreġistrati bħala tali, jixraq tintuża d-*data* rrapportata mill-manifatturi u mill-Istati Membri f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾.
- (2) Biex jixxejnu d-diskrepanzi fid-*data* rrapportata dwar iċ-ċertifikazzjonijiet u r-reġistrazzjonijiet f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/956, l-Istati Membri u l-manifatturi jenħtieġ jitħallew jikkumentaw dwar u, jekk ikun il-każ, jirrapportaw informazzjoni għida biex jikkoreġu l-informazzjoni rrapportata qabel.
- (3) Il-korrezzjonijiet, li jirriżultaw minn vetturi heavy-duty ċċertifikati bħala vetturi vokazzjonali iżda mhux irreġistrati bħala tali, u applikati għall-medja tal-emissjonijiet tas-CO₂ speċifiċi annwali tal-manifatturi, jeħtieġ ikunu proporzjonati u dissważivi biex jinċentivaw ipproċessar korrett u bir-reqqa tad-*data* u tkun evitata attribuzzjoni ħażina tal-emissjonijiet tas-CO₂ ta' tali vetturi, b'intenzjoni jew b'negliġenza.
- (4) Jekk il-Kummissjoni tqis li vettura kellha tiġi rreġistrata bħala vettura vokazzjonali, jenħtieġ tikkoreġi d-*data* rrapportata mill-Istati Membri kif xieraq u tqis il-vettura bħala vettura vokazzjonali għall-finijiet tal-Artikolu 2(3) tar-Regolament (UE) 2019/1242.
- (5) Għalhekk, għall-kalkolu tal-medja tal-emissjonijiet tas-CO₂ speċifiċi ta' manifattur, dawn il-vetturi heavy-duty attribwiti ħażin huma kkunsidrati bl-emissjonijiet tas-CO₂ tagħhom iddeterminati skont il-profilu tal-missjoni vokazzjonali, li huma iżjed mill-emissjonijiet tas-CO₂ iddeterminati skont il-profilu tal-missjoni tat-tip tal-konsenjar, u b'hekk li huma inqas favorevoli għall-manifattur bħallikieku l-vettura kienet ġiet iċċertifikata tajjeb bħala vettura tal-konsenjar mill-bidu.
- (6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima,

⁽¹⁾ ĠU L 198, 25.7.2019, p. 202.⁽²⁾ Ir-Regolament (UE) 2018/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Ġunju 2018 dwar il-monitoraġġ u r-rappurtar tal-emissjonijiet ta' CO₂ u tal-konsum ta' fjuwil minn vetturi heavy-duty ġodda (ĠU L 173, 9.7.2018, p. 1).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Identifikazzjoni tal-vetturi heavy-duty ċertifikat bħala vetturi vokazzjonali iżda mhux irreġistrati bħala tali

1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi lista tal-vetturi heavy-duty li ġew iċċertifikati skont it-tifsira tal-Artikolu 2(3) tar-Regolament (UE) 2019/1242 bħala vetturi vokazzjonali abbażi tad-*data* rrappurtata mill-manifattur f'konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2018/956 iżda li ma kinux irreġistrati bħala vetturi vokazzjonali abbażi tad-*data* rrappurtata mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2018/956.
2. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi l-partijiet rilevanti tal-lista msemmija fil-paragrafu 1 lill-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) 2018/956 u lill-punti ta' kuntatt maħtura mill-manifattur skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (UE) 2018/956.
3. Fi żmien xahar mill-wasla tal-lista skont il-paragrafu 2, l-awtoritajiet kompetenti u l-manifatturi jistgħu jipprovdu kjarifiki lill-Kummissjoni dwar il-korrettezza tad-*data* rrappurtata skont l-Artikoli 4 u 5 tar-Regolament (UE) 2018/956.
4. Meta tirċievi l-kjarifiki jew meta jgħaddi l-perjodu ta' xahar previst fil-paragrafu 3, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-lista tal-vetturi heavy-duty imsemmija fil-paragrafu 1 abbażi tal-kjarifika rrappurtata pprovduta skont il-paragrafu 3, l-argumenti tal-partijiet u possibbilment xi investigazzjonijiet ulterjuri.
5. Jekk, abbażi tal-eżitu tal-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 4, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-vetturi heavy-duty identifikati skont il-paragrafu 1 ġew irreġistrati tajjeb bħala vetturi li mhumiex vokazzjonali, din għandha tapplika korrezzjonijiet għall-medja tal-emissjonijiet tas-CO₂ speċifiċi annwali ta' manifattur f'konformità mal-Artikolu 2 tikkunsidra dawk il-vetturi.
6. Il-Kummissjoni tista', abbażi tal-karatteristiċi tekniċi tal-vetturi kkonċernati, tissostitwixxi ċ-ċertifikazzjoni vokazzjonali tal-vettura rrappurtata inizzjalment b'ċertifikazzjoni tal-istess vettura heavy-duty, li għandha tiġi kkalkulata mill-ġdid mill-manifattur, skont il-karatteristiċi tekniċi tagħha, fil-grupp tal-vetturi 4, 5, 9 jew 10 tat-Tabella 1 fl-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2400⁽⁹⁾. F'każ bħal dan, il-Kummissjoni ma għandhiex tapplika korrezzjonijiet għall-medja tal-emissjonijiet tas-CO₂ speċifiċi annwali ta' manifattur f'konformità mal-Artikolu 2 biex tikkunsidra dawk il-vetturi, iżda l-vetturi għandhom jiġu inklużi fid-determinazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO₂ speċifiċi ta' manifattur skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2019/1242, b'mod partikolari meta l-manifattur ikun ħa l-miżuri raġonevolment mistennija abbażi tal-informazzjoni disponibbli fiż-żmien tad-dikjarazzjoni biex jappoġġa dikjarazzjoni korretta bħala vokazzjonali.
7. Jekk, abbażi tal-eżitu tal-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 4, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-vetturi heavy-duty identifikati skont il-paragrafu 1 jenħtieġ ikunu ġew irreġistrati bħala vetturi vokazzjonali, din għandha tikkoreġi d-*data* rrappurtata mill-Istat Membru skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2018/956, u tinforma b'dik il-korrezzjoni lill-Istat Membru fejn ikunu rreġistrati dawk il-vetturi heavy-duty.

Artikolu 2

Applikazzjoni tal-korrezzjonijiet tal-medja tal-emissjonijiet tas-CO₂ speċifiċi

Jekk jeżistu vetturi heavy-duty li jikkorrispondu għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1(5), il-medja tal-emissjonijiet tas-CO₂ speċifiċi annwali tal-manifattur għandha tiġi kkoreġuta kif ġej:

$$(\text{avgCO}_2)_{\text{corr}} = (V_{\text{sg}} \times \text{avgCO}_2_{\text{sg}} + \sum_v \text{CO}_2 V_v) / (V_{\text{sg}} + V_{0c_{\text{sg}}}),$$

fejn:

$\text{avgCO}_2_{\text{sg}}$ hi l-medja tal-emissjonijiet speċifiċi tas-CO₂ tal-manifattur, kif definit fil-punt 2.2. tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1242;

⁽⁹⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2400 tat-12 ta' Diċembru 2017 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tad-determinazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO₂ u tal-konsum tal-fjuwil tal-vetturi tqal u li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 582/2011 (ĠU L 349, 29.12.2017, p. 1).

V_{sg} hu l-għadd ta' vetturi heavy-duty ġodda tal-manifattur fis-sottogrupp tal-vetturi sg, għajr il-vetturi vokazzjonali, skont il-punt (a) tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2019/1242;

Σ_v hi s-somma tal-vetturi heavy-duty ġodda tal-manifattur fis-sottogrupp tal-vetturi sg, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1(5);

$CO2V_v$ hi l-medja tal-emissjonijiet tas- CO_2 f'g/tkm tal-vettura vokazzjonali v għall-kombinazzjonijiet kollha ta' profili tal-missjoni, kundizzjonijiet tat-tagħbija u tipi ta' fjuwil differenti, irrappurtati skont ir-Regolament (UE) 2018/956;

V_{ocsg} hu l-għadd ta' vetturi heavy-duty ġodda tal-manifattur fis-sottogrupp tal-vetturi sg, f'konformità mal-Artikolu 1(5).

Il-medja kkoreġuta tal-emissjonijiet tas- CO_2 tal-manifattur ($avgCO2_{sg/corr}$) għandha tiegħu post il-medja tal-emissjonijiet tas- CO_2 speċifiċi tal-manifattur $avgCO2_{sg}$ għall-finijiet tar-Regolament (UE) 2019/1242.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Ġunju 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/942

tal-10 ta' Ġunju 2021

li tistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE fir-rigward tal-istabbiliment tal-lista ta' pajjiżi terzi li magħhom l-Unjoni kkonkludiet ftehim dwar l-assistenza reċiproka b'kamp ta' applikazzjoni simili għad-Direttiva tal-Kunsill 2010/24/UE u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 904/2010

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 369m(3) tagħha,

Billi:

- (1) Il-funzjonament tas-suq intern, il-globalizzazzjoni u t-tibdil teknoloġiku rriżultaw fi tkabbir esponenzjali tal-kummerċ elettroniku u, għalhekk, tal-forniment mill-bogħod ta' merkanzija u servizzi fl-Istati Membri minn fornituri stabbiliti jew fi Stat Membru ieħor jew f'territorji terzi jew pajjiżi terzi.
- (2) Id-Direttiva 2006/112/KE ġiet emendata bid-Direttivi (UE) 2017/2455 ⁽²⁾ u (UE) 2019/1995 ⁽³⁾ bil-għan li s-sistema tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) tiġi adattata għall-kummerċ elettroniku billi tiggarrantixxi l-għbir effikaċi u effiċjenti tal-VAT billi jiġi minimizzat il-piż amministrattiv kemm għall-persuni taxxabbli kif ukoll għall-amministrazzjonijiet tat-taxxa u biex jiġi mmodernizzat il-qafas legali għall-VAT għall-kummerċ elettroniku transfruntier min-negozji għall-konsumaturi.
- (3) Skont l-Artikolu 369m(1)(c), l-Istati Membri għandhom jippermettu lil kwalunkwe persuna taxxabbli stabbilita f'pajjiż terz li miegħu l-Unjoni kkonkludiet ftehim dwar l-assistenza reċiproka b'kamp ta' applikazzjoni simili għad-Direttiva tal-Kunsill 2010/24/UE ⁽⁴⁾ u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 904/2010 ⁽⁵⁾ biex tapplika l-iskema speċjali għall-bejgħ mill-bogħod minn dak il-pajjiż terz, mingħajr il-bżonn li tkun rappreżentata minn intermedjarju stabbilit fl-Unjoni.
- (4) Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar il-kooperazzjoni amministrattiva, il-ġlieda kontra l-frodi u l-irkupru tat-talbiet fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud ⁽⁶⁾ daħal fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 2018.
- (5) Dan il-ftehim huwa simili b'kamp ta' applikazzjoni simili għad-Direttiva 2010/24/UE u r-Regolament (UE) Nru 904/2010 peress li jistabbilixxi sistema komuni għall-kooperazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-iskambju ta' informazzjoni sabiex l-awtoritajiet responsabbli għall-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-VAT ikunu jistgħu jgħinu lil xulxin biex jiggarrantixxu l-konformità ma' dik il-leġiżlazzjoni u jipproteġu d-dħul mill-VAT. Jipprovdni wkoll assistenza biex tiġi ggarantita l-valutazzjoni korretta tal-VAT, għall-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT u għall-irkupru ta' talbiet relatati mal-VAT. Il-ftehim jinkludi regoli u proċeduri għall-kooperazzjoni amministrattiva u l-assistenza għall-irkupru li huma simili għar-regoli u l-proċeduri stabbiliti fid-Direttiva 2010/24/UE u r-Regolament (UE) Nru 904/2010 u jistabbilixxi obbligi għall-awtoritajiet kompetenti biex jassistu lil xulxin, li huma ta' livell ekwivalenti għal dak tad-Direttiva 2010/24/UE u tar-Regolament (UE) Nru 904/2010.

⁽¹⁾ ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1.

⁽²⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2017/2455 tal-5 ta' Diċembru 2017 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE u d-Direttiva 2009/132/KE fir-rigward ta' ċerti obbligi tat-taxxa fuq il-valur miżjud għall-provvisti ta' servizzi u għall-bejgħ mill-bogħod ta' oġġetti (ĠU L 348, 29.12.2017, p. 7).

⁽³⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2019/1995 tal-21 ta' Novembru 2019 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward tad-dispożizzjonijiet relatati ma' bejgħ b'distanza ta' merkanzija u ċerti provvisti domestiċi ta' merkanzija (ĠU L 310, 2.12.2019, p. 1).

⁽⁴⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill 2010/24/UE tas-16 ta' Marzu 2010 dwar l-assistenza reċiproka għall-irkupru ta' talbiet relatati ma' taxxi, dazji u miżuri oħra (ĠU L 84, 31.3.2010, p. 1).

⁽⁵⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 904/2010 tas-7 ta' Ottubru 2010 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva u l-ġlieda kontra l-frodi fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 268, 12.10.2010, p. 1).

⁽⁶⁾ ĠU L 195, 1.8.2018, p. 3.

- (6) Għalhekk jenħtieġ li r-Renju tan-Norveġja jiġi elenkat bħala pajjiż terz li miegħu l-Unjoni kkonkludiet ftehim dwar l-assistenza reċiproka msemmi fl-Artikolu 369m(1)(c) tad-Direttiva 2006/112/KE.
- (7) Peress li d-dispożizzjonijiet sostantivi rilevanti tad-Direttiva 2006/112/KE japplikaw mill-1 ta' Lulju 2021, huwa xieraq li din id-Deċiżjoni tibda tapplika minn dik id-data.
- (8) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pajjiż terz li miegħu l-Unjoni kkonkludiet ftehim dwar l-assistenza reċiproka b'kamp ta' applikazzjoni simili għad-Direttiva 2010/24/UE u r-Regolament (UE) Nru 904/2010 huwa r-Renju tan-Norveġja.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2021.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Ġunju 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)